# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 37

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

Volum 59

12 ta' Frar 2016


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/181 tal-10 ta' Frar 2016 li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa** 1

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/182 tal-11 ta' Frar 2016 li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva piraflufen-etil, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011** ([1]) ..... 40

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/183 tal-11 ta' Frar 2016 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 li jalloka lill-Istati Membri, għall-finijiet tal-proċedura ta' tiġdid, l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi li l-approvazzjoni tagħhom tiskadi sal-31 ta' Diċembru 2018** ([1]) ..... 44

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/184 tal-11 ta' Frar 2016 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2013 fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) ikkunsinjati mill-Malasja u t-Tajwan, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fil-Malasja jew fit-Tajwan kif ukoll jekk le** ..... 56

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/185 tal-11 ta' Frar 2016 li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1238/2013 fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) ikkunsinjati mill-Malasja u t-Tajwan, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fil-Malasja jew fit-Tajwan kif ukoll jekk le** ..... 76


([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/186 tal-11 ta' Frar 2016 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 97

DEĊIŻJONIJIET

★ **Deċiżjoni (UE) 2016/187 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2015 li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2013/1 li tistabbilixxi l-qafas għall-infrastruttura taċ-ċavetta pubblika għas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (BĊE/2015/46)** ............ 100

★ **Deċiżjoni (UE) 2016/188 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2015 dwar l-aċċess u l-użu ta' applikazzjonijiet elettroniċi, sistemi, pjattaformi u servizzi tal-MSU mill-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (BĊE/2015/47)** ............ 104

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/181

## tal-10 ta' Frar 2016

## li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Istati Membri,

Billi:

### 1. **IL-PROĊEDURA**

#### 1.1. BIDU

(1) Fl-14 ta' Mejju 2015, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni antidumping fuq l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċerti prodotti rrumblati ċatt tal-ħadid jew ta' azzar mhux-liga, jew azzar ta' liga ieħor iżda mhux stainless steel, ta' kull wisa', rrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), mhux miksijin, indurati jew mgħottijin u mhux maħdumin iktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana) ("prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ") u mill-Federazzjoni Russa ("ir-Russja") (flimkien imsejħin "il-pajjiżi konċernati") fuq il-bażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ir-"Regolament bażiku"). Hija ppubblikat Notifika ta' Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* [2] ("in-Notifika ta' Bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fl-1 ta' April 2015 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Azzar, ("l-Eurofer" jew "l-ilmentatur") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ. L-ilment kien jinkludi evidenza ta' dumping tal-prodott imsemmi u ta' dannu materjali li rriżulta minnu li kienu biżżejjed biex jiġġustifikaw il-bidu tal-investigazzjoni.

#### 1.2. REĠISTRAZZJONI

(3) Wara talba mill-ilmentatur, sostnuta bl-evidenza meħtieġa, il-Kummissjoni ppubblikat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2325 [3] fit-12 ta' Diċembru 2015 li jissottometti l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ li joriġinaw mir-RPĊ u mir-Russja ("ir-Regolament dwar ir-Reġistrazzjoni") soġġetti għal reġistrazzjoni mit-13 ta' Diċembru 2015.

---

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[2] ĠU C 161, 14.5.2015, p. 9.
[3] Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2325 tal-11 ta' Diċembru 2015 li jissottometti l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mill-Federazzjoni Russa għal reġistrazzjoni (ĠU L 328, 12.12.2015, p. 104).

(4) Uhud mill-partijiet interessati qalu li t-talba għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet ma kellhiex bażi, peress li l-kundizzjonijiet ma kinux issodisfati skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku. Huma allegaw li l-kundizzjonijiet għall-ġbir retroattiv tad-dazji ma kinux issodisfati peress li t-talba kienet ibbażata fuq perjodi ta' żmien magħżulin b'mod arbitrarju, ixxekkel l-għamla ċiklika tal-importazzjonijiet u, rigward ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, kif ukoll l-applikazzjoni retroattiva tal-miżuri, dawn imorru kontra l-interess tal-Unjoni. Madankollu, fl-istess żmien li kienet ittieħdet id-deċiżjoni, il-Kummissjoni kellha biżżejjed evidenza *prima facie* biex tiġġustifika l-ħtieġa li l-importazzjonijiet jiġu rreġistrati: l-importazzjonijiet u l-ishma mis-suq mill-pajjiżi kkonċernati kienu żdiedu ħafna. Għaldaqstant l-allegazzjoni f'dan ir-rigward ġiet miċħuda.

### 1.3. IL-PARTIJIET INTERESSATI

(5) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati jikkuntattjawha sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni speċifikament infurmat lill-ilmentatur, lil produtturi magħrufa oħrajn tal-Unjoni, lill-produtturi esportaturi magħrufa, lill-awtoritajiet Ċiniżi u Russi, lil importaturi, fornituri u utenti, negozjanti u assoċjazzjonijiet magħrufa,bħala kkonċernati dwar il-bidu tal-investigazzjoni, u stednithom jieħdu sehem.

(6) Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità jagħtu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u jitolbu smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċedimenti kummerċjali. Il-partijiet kollha interessati li talbu dan u wrew li kien hemm raġunijiet partikolari biex jinstemgħu ngħataw seduta ta' smigħ.

### 1.4. PRODUTTURI F'PAJJIŻ ANALOGU

(7) Il-Kummissjoni għarrfet ukoll lil produtturi fil-Brażil, il-Kanada, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea t'Isfel, it-Tajwan, it-Turkija, l-Ukrajna u l-Istati Uniti tal-Amerika dwar il-bidu tal-investigazzjoni u stednithom jieħdu sehem. Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati li hija għażlet lill-Kanada b'mod provviżorju bħala pajjiż terz b'ekonomija tas-suq ("pajjiż analogu") skont it-tifsira tal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

### 1.5. IL-KAMPJUNAR

(8) Fin-Notifika ta' Bidu tagħha, il-Kummissjoni qalet li tista' tieħu kampjun tal-partijiet interessati skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

#### 1.5.1. **Il-kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni**

(9) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni ħabbret li hija kienet għażlet b'mod provviżorju kampjun tal-produtturi tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi tal-akbar volum ta' produzzjoni u bejgħ rappreżentattiv filwaqt li żgurat firxa ġeografika. Il-kampjun provviżorju kien jikkonsisti f'ħames produtturi tal-Unjoni li kienu jinsabu f'ħames Stati Membri differenti u kien jammonta għal iktar minn 35 % tal-produzzjoni tal-Unjoni ta' prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jagħtu l-kummenti tagħhom fuq dan il-kampjun provviżorju.

(10) Ll-Eurofer bagħtet kummenti u, għal bosta raġunijiet, issuġġeriet bidla fil-kampjun propost. Madankollu, wara li xtarret dawn il-kummenti, il-Kummissjoni kkonkludiet li bidla fil-kampjun kif kienet qiegħda tipproponi l-Eurofer ma kinitx ittejjeb ir-rappreżentanza kumplessiva tal-kampjun. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonfermat il-kampjun u ma rċiviet ebda kumment ieħor f'dan ir-rigward.

#### 1.5.2. **It-teħid tal-kampjun tal-importaturi**

(11) Il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu sabiex tiddeċiedi jekk kienx meħtieġ li jittieħed kampjun u, jekk iva, biex tagħżel il-kampjun.

(12) Tlettax-il importatur ressqu t-tagħrif mitlub u qablu li jiġu inklużi fil-kampjun. Erbgħa minnhom ġew kampjunati, iżda wieħed minnhom biss bagħat kwestjonarju tal-importaturi mwieġeb. Sabiex tibbaża l-konklużjonijiet tagħha fuq numru ikbar ta' importaturi mhux relatati, il-Kummissjoni kkuntattjat lill-importaturi mhux relatati li kien fadal li kienu urew interess fl-eżerċizzju ta' kampjunar iżda l-ebda wieħed minnhom ma kkonferma li kien lest li jimla l-kwestjonarju tal-importaturi.

### 1.5.3. **Il-kampjunar ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ u r-Russja**

(13) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar huwiex meħtieġ, u jekk iva, tagħżel kampjun għar-RPĊ u r-Russja rispettivament, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi esportaturi kollha fir-RPĊ u r-Russja sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea u lill-Missjoni Permanenti tal-Federazzjoni Russa għall-Unjoni Ewropea sabiex jidentifikaw u/jew jikkuntattjaw lil produtturi esportaturi oħrajn li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(14) Għaxar gruppi ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ u tlieta fir-Russja pprovdew l-informazzjoni mitluba u qablu li jkunu inklużi fil-kampjuni għar-RPĊ u r-Russja, rispettivament. Fir-rigward tar-RPĊ u skont l-Artikolu 17(1) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni għażlet kampjun ta' żewġ gruppi ta' kumpaniji abbażi tal-ikbar volum rappreżentattiv ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni li jista' jiġi investigat b'mod raġonevoli fil-ħin disponibbli. B'konformità mal-Artikolu 17(2) tar-Regolament bażiku, il-produtturi esportaturi magħrufa u kkonċernati kollha, u l-awtoritajiet tar-RPĊ, ġew ikkonsultati dwar l-għażla tal-kampjun. Wara li xtarret il-kummenti li rċiviet mingħand produttur esportatur wieħed, il-Kummissjoni kkonfermat il-kampjun propost tagħha.

(15) Fid-dawl tan-numru limitat ta' produtturi esportaturi fir-Russja, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tagħżilx kampjun għar-Russja, iżda li tinvestiga t-tliet gruppi ta' kumpaniji kkonċernati kollha kemm huma. Il-kumpaniji inkwistjoni u l-awtoritajiet tar-Russja ġew infurmati b'dan.

### 1.6. EŻAMI INDIVIDWALI

(16) Sitt gruppi ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ indikaw li jixtiequ jitolbu eżami individwali skont l-Artikolu 17(3) tar-Regolament bażiku. Madankollu, l-ebda wieħed minnhom ma wieġeb għall-kwestjonarju u, b'hekk, ma seta' jiġi kkunsidrat l-ebda eżami individwali.

### 1.7. TWEĠIBIET GĦALL-KWESTJONARJU

(17) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-partijiet kollha li huwa magħruf li huma kkonċernati u lill-kumpaniji l-oħrajn kollha li ppreżentaw ruħhom sal-iskadenzi taż-żmien stabbiliti fin-Notifika ta' Bidu. Waslu tweġibiet għall-kwestjonarju mingħand ħames produtturi tal-Unjoni, tliet utenti, grupp ta' ċentri relatati tas-servizzi tal-azzar, ċentru tas-servizzi tal-azzar wieħed mhux marbut ma' produttur esportatur fil-pajjiżi kkonċernati, tliet produtturi esportaturi fir-Russja, żewġ gruppi ta' produtturi esportaturi fir-RPĊ, u produttur wieħed f'pajjiż analogu.

### 1.8. ŻJARAT TA' VERIFIKA

(18) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset neċessarja għal determinazzjoni provviżorja ta' dumping, il-ħsara li tirriżulta u l-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku saru fil-bini tal-kumpaniji/l-assoċjazzjoni li ġejjin:

- Assoċjazzjoni:
  - Eurofer, Brussell, il-Belġju
- Produtturi tal-Unjoni:
  - ThyssenKrupp Germany, Duisburg, il-Ġermanja
  - Tata Steel UK Limited, Port Talbot, ir-Renju Unit
  - ArcelorMittal Belgium NV, Ghent, il-Belġju
  - ArcelorMittal Sagunto S.L., Puerto de Sagunto, Spanja
  - U. S. Steel Košice, s.r.o., Košice, ir-Repubblika Slovakka
- Importaturi mhux relatati fl-Unjoni:
  - S. Polo Lamiere, San Polo di Torrile (PR), l-Italja

— Utenti u/jew ċentri tas-servizzi tal-azzar fl-Unjoni:

  — Valpro Ltd, Valmiera, il-Latvja

  — Dinex Latvia Ltd, Ozolnieku Novad, il-Latvja

  — Gonvarri I. Centro De Servicios, S.L., Madrid, Spanja

  — Industrial Ferrodistribuidora, S.L., Puerto de Sagunto, Spanja

  — Steel & Alloy processing limited, West Bromwich, ir-Renju Unit

— Produtturi esportaturi fir-RPĊ

  Angang Group:

  — Angang Steel Company Limited, Anshan

  — Tianjin Angang Tiantie Cold Rolled Sheets Co. Ltd., Tianjin

  Shougang Group:

  — Beijing Shougang Cold Rolling Co. Ltd., Beijing

  — Shougang Jintang United Iron&Steel Co. Ltd., Tagshan

— Importatur relatat fl-Unjoni

  — Ansteel Spain S.L., Alcobendas, Spanja

— Il-produtturi esportaturi fir-Russja

  — Magnitogorsk Iron & Steel Works OJSC, Magnitogorsk

  — OJSC Novolipetsk Steel, Lipetsk

  — PAO Severstal, Cherepovets

— Ċentru tas-servizzi tal-azzar/negozjant/importatur relatat fl-Unjoni:

  — SIA Severstal Distribution, Riga, il-Latvja

— Negozjanti/importaturi relatati barra mill-Unjoni

  — NOVEX Trading (Swiss) SA, Lugano, l-Iżvizzera

  — MMK Steel Trade AG, Lugano, l-Iżvizzera

  — Severstal Export GmbH, Stansstad, l-Iżvizzera

— Produttur fil-pajjiż analogu

  — ArcelorMittal Dofasco, Hamilton, il-Kanada

### 1.9. IL-PERJODU TAL-INVESTIGAZZJONI U L-PERJODU KKUNSIDRAT

(19) L-investigazzjoni tad-dumping u d-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2014 sal-31 ta' Marzu 2015 ("il-perjodu tal-investigazzjoni" jew il-"PI").

(20) L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-danni kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2011 sa tmiem il-perjodu tal-investigazzjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

## 2. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

### 2.1. IL-PRODOTT IKKONĊERNAt

(21) Il-prodott ikkonċernat huwa prodotti rrumblati ċatt tal-ħadid jew tal-azzar mhux liga, jew ta' azzar ta' liga ieħor iżda mhux stainless steel, ta' kull wisa', rrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), mhux miksijin, indurati jew mgħottijin u mhux maħdumin iktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan-NM ex 7209 15 00, 7209 16 90, 7209 17 90, 7209 18 91, ex 7209 18 99, ex 7209 25 00, 7209 26 90, 7209 27 90, 7209 28 90, 7211 23 30, ex 7211 23 80, ex 7211 29 00, 7225 50 80, 7226 92 00 u li joriġinaw mir-RPĊ u r-Russja.

It-tipi ta' prodotti li ġejjin huma esklużi mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat:

— prodotti ta' ħadid jew ta' azzar mhux-liga rrumblati ċatt, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), mhux miksijin, indurati jew mgħottijin, mhux maħdumin aktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ, f'koljaturi jew le, ta' kull ħxuna, elettriċi,

— prodotti ta' ħadid jew ta' azzar mhux-liga rrumblati ċatt, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), mhux miksijin, indurati jew mgħottijin, f'koljaturi, ta' ħxuna ta' inqas minn 0,35 mm, ittemprati (magħrufa bħala "pjanċi suwed"),

— prodotti rrumblati ċatt ta' azzar liga ieħor, ta' kull wisa', tal-azzar silikon-elettriku, u

— prodotti rrumblati ċatt ta' azzar liga, mhux maħdumin aktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), ta' azzar għal veloċità għolja.

(22) Prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ huma prodotti minn koljaturi irrumblati bis-sħana. Il-proċess ta' rrumblar fil-kiesaħ huwa definit billi folja jew strippa — li tkun ġiet irrumblata bis-sħana u bil-wiċċ imnaddaf — tingħadda minn bejn rombli kisħin, jiġifieri taħt it-temperatura li trattab il-metall. Prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ huma mmanifatturati sabiex jissodisfaw ċerti speċifikazzjonijiet jew speċifikazzjonijiet proprjetarji tal-utent finali. Jistgħu jiġu pprovduti f'bosta forom: f'koljaturi (mogħtija ż-żejt jew le), maqtugħin (folji) jew bħala strippi rqaq. Prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ huma input industrijali mixtri mill-utenti finali għal firxa ta' applikazzjonijiet, l-iktar fil-manifattura (l-industrija ġenerali, l-imballaġġ, is-settur awtomobilistiku, eċċ.) iżda anki fil-bini.

### 2.2. IL-PRODOTT SIMILI

(23) L-investigazzjoni uriet li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

(a) il-prodott ikkonċernat;

(b) il-prodott li huwa mmanifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tar-Russja, ir-RPĊ u l-Kanada;

(c) il-prodott li huwa mmanifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(24) Għaldaqstant, il-Kummissjoni ddeċidiet b'mod provviżorju li dawn il-prodotti huma prodotti simili skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

## 3. **ID-DUMPING**

### 3.1. IR-RPĊ

#### 3.1.1. **Il-valur normali**

##### 3.1.1.1. *Trattament ta' ekonomija tas-suq ("TES")*

(25) Skont l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tiddetermina l-valur normali skont l-Artikolu 2(1) sa (6) ta' dak ir-Regolament għall-produtturi esportaturi fir-RPĊ li jikkonformaw mal-kriterji fl-Artikolu 2(7)(c) ta' dak ir-Regolament u li għalhekk jistgħu jingħataw TES.

(26) Biex tiddetermina jekk il-kriterji tal-Artikolu 2(7)(c) tar-Regolament bażiku ntlaħqux, il-Kummissjoni fittxet l-informazzjoni neċessarja billi talbet lill-produtturi esportaturi sabiex jimlew il-formola tat-talba ta' TES. Ħadd minnhom ma talab TES.

3.1.1.2. *Il-pajjiż analogu*

(27) Skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, il-valur normali kien determinat fuq il-bażi tal-prezz jew il-valur maħdum f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq għall-produtturi esportaturi li ma ngħatawx TES. Għal dan il-għan, ried jintgħażel pajjiż analogu.

(28) Fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni indikat lil kienet għażlet lill-Kanada b'mod provviżorju bħala pajjiż analogu xieraq u stiednet lill-partijiet interessati sabiex jikkummentaw. Produttur esportatur minnhom u l-Assoċjazzjoni tal-Ħadid u l-Azzar taċ-Ċina (CISA — "China Iron and Steel Association") oġġezzjonaw għall-għażla tal-Kanada u ddikjaraw li r-Russja kienet tkun għażla iktar adattata.

(29) Is-sitwazzjoni tar-Russja ġiet eżaminata skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku li jistipula li "fejn xieraq, għandu jiġi użat pajjiż terz b'ekonomija tas-suq li huwa bla ħsara għall-istess investigazzjoni". Madankollu, il-Kummissjoni tqis li r-Russja mhijiex pajjiż analogu xieraq għal żewġ raġunijiet:

— Minħabba li ġew imposti sanzjonijiet internazzjonali, it-tensjonijiet ġeopolitiċi prolungati fl-Ukrajna u l-prezzijiet taż-żejt li dejjem qegħdin jonqsu, l-ekonomija Russa kienet f'sitwazzjoni mimlija eċċezzjonijiet matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Il-prodott domestiku gross tagħha kien ilu jonqos għal tliet trimestri wara xulxin u r-rublu Russu kien tilef valur sinifikanti kontra muniti ewlenin, b'mod partikolari 40 % kontra l-munita Ċiniża, u laħaq l-inqas livell tiegħu f'għaxar snin. Il-Kummissjoni tqis li l-valur normali li jista' jiġi stabbilit f'ekonomija li sejra lura b'pass tant mgħaġġel huwa relevanti għall-produtturi domestiċi biss u ma jistax iservi bħala analogu raġonevoli għall-valur normali fir-RPĊ. Tabilħaqq, f'sitwazzjoni ekonomika sejra lura b'pass tant rapidu li kienet prevalenti fir-Russja matul il-PI, il-prezzijiet għall-prodott simili ma setgħux ikunu u ma kinux iffurmati f'ċirkustanzi li huma l-iktar simili possibbli għal dawk fir-RPĊ.

— Is-suq Russu huwa relattivament magħluq u, b'hekk, ma hemm ebda kompetizzjoni ġenwina f'dan is-suq. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mhuwiex insinifikanti (10 % matul il-perjodu tal-investigazzjoni) iżda dawn l-importazzjonijiet joriġinaw kważi għal kollox mill-Commonwealth taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles tal-Istati Indipendenti. Hemm dazji tal-importazzjoni fis-seħħ (5 %) u l-valur li kien dejjem nieżel tar-rublu matul il-perjodu tal-investigazzjoni kompla jillimita l-possibbiltà għall-fornituri internazzjonali sabiex jikkompetu fis-suq Russu.

(30) Sussegwentament, il-Kummissjoni għaldaqstant eżaminat jekk xi pajjiż terz ieħor b'ekonomija tas-suq fejn huwa mmanifatturat il-prodott simili jistax jiqies bħala pajjiż analogu xieraq. Minbarra l-Indja, il-Korea t'Isfel u l-Ukrajna, li ssemmew fin-Notifika ta' Bidu, il-Kummissjoni kkuntattjat lil produtturi fil-Brażil, il-Ġappun, it-Tajwan, it-Turkija u l-Istati Uniti tal-Amerika. Fuq il-bażi tal-informazzjoni li waslitilha u r-riċerka li għamlet hija stess, il-Kummissjoni talbet lil 35 produttur magħruf u produttur potenzjali tal-prodott simili f'dawn il-pajjiżi biex jipprovdu l-informazzjoni. L-ebda wieħed minnhom ma wieġeb għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-pajjiż analogu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkuntattjat lil tliet produtturi fil-Kanada. Wieħed biss wieġeb għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-pajjiż analogu.

(31) Fuq il-bażi tal-informazzjoni miġbura u vverifikata, il-Kanada tidher li hija pajjiż analogu xieraq għar-raġunijiet li ġejjin:

— Il-prodott mibjugħ fir-RPĊ u l-prodott immanifatturat fil-Kanada huma l-istess fil-karatteristiċi fiżiċi, il-proċess tal-produzzjoni u l-applikazzjonijiet tagħhom. Is-suq Kanadiż huwa kbir biżżejjed. Il-produttur li qiegħed jikkoopera huwa parteċipant kbir b'bejgħ domestiku rappreżentattiv.

— Is-suq Kanadiż huwa miftuħ u kompetittiv. Hemm tliet produtturi Kanadiżi tal-prodott simili. Jekk il-produttur Kanadiż li qiegħed jikkoopera huwa l-ikbar wieħed bil-bosta, jikkompeti b'ammont kbir ta' importazzjonijiet (59 % tas-sehem mis-suq matul il-perjodu tal-investigazzjoni) li jidħlu l-Kanada mingħajr dazju. Ħafna minn dawn l-importazzjonijiet joriġinaw minn tliet produtturi li jinsabu fl-Istati Uniti tal-Amerika. Madankollu, il-Kanada tattira wkoll bażi diverisifikata ta' fornituri internazzjonali oħrajn li, flimkien, jammontaw għal sehem mis-suq ta' madwar 15 % u tinkludi r-RPĊ, il-Ġappun, ir-Russja, it-Turkija u l-Korea t'Isfel.

(32) Produttur esportatur u l-Assoċjazzjoni tal-Ħadid u l-Azzar taċ-Ċina ("CISA") iddikjaraw li l-Kanada ma kinitx għażla adatta għaliex:

— L-uniku produttur Kanadiż li ssottometta kwestjonarju tal-pajjiż analogu fil-Kanada huwa kumpanija b'rabtiet ma' wieħed mill-ilmentaturi.

— Il-livell ta' żvilupp ekonomiku tal-Kanada huwa sostanzjalment differenti minn dak tar-RPĊ.

— Is-suq Kanadiż huwa ddominat minn produttur domestiku wieħed; anki jekk il-Kanada għandha sehem kbir ta' importazzjonijiet, dawn ma jeżerċitawx pressjoni kompetittiva għaliex fil-parti l-kbira tagħhom ġejjin mill-Istati Uniti tal-Amerika.

— Għall-kuntrarju tas-suq Ċiniż fejn il-produzzjoni tisboq il-konsum apparenti, il-produzzjoni domestika fil-Kanada ma tlaħħaqx mad-domanda għall-azzar irrumblat fil-kiesaħ fis-suq Kanadiż, lanqas bl-ogħla użu tal-kapaċità.

(33) Fir-rigward ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, il-Kummissjoni tosserva li:

— L-eżistenza ta' relazzjoni bejn il-produttur tal-pajjiż analogu u produttur tal-UE ma tinvalidax u lanqas ma taffettwa d-determinazzjoni tal-valur normali li huwa bbażat fuq dejta vverifikata kif xieraq. Barra minn hekk, il-parti naqset milli tipproduċi xi evidenza li kapaċi turi bil-provi li dik id-dejta hija żbaljata, u lanqas ma spjegat kif ir-rabta inkwistjoni setgħet taffettwa l-affidabbiltà fuqha.

— Minnu nnifsu, il-livell differenti ta' żvilupp ekonomiku ġenerali mhuwiex fattur relevanti meta jintgħażel pajjiż analogu. Kif ikkonfermat dan l-aħħar il-Qorti tal-Ġustizzja, kompetittività għolja, li hija preżenti fil-Kanada, u l-iżvilupp teknoloġiku, jistgħu jikkumpensaw il-fatt li pajjiż ikollu livell ogħla ta' kostijiet.

— Wieħed ma jistax isostni li l-produttur li qiegħed jikkoopera għandu pożizzjoni dominanti peress li s-suq Kanadiż huwa miftuħ għal ammonti kbar ta' importazzjonijiet. Indipendentement mill-oriġini tagħhom, dawn l-importazzjonijiet jikkompetu mal-prodotti mibjugħin mill-produtturi Kanadiżi. Barra minn hekk, l-oriġini ta' dawn l-importazzjonijiet mhijiex limitata għall-Istati Uniti tal-Amerika u tinkludi sehem sinifikanti ta' importazzjonijiet minn pajjiżi oħrajn.

— L-għażla ta' pajjiż analogu ma tistax tipprova timita l-iżbilanċi ekonomiċi, bħall-kapaċità żejda, li jirriflettu distorsjoni fl-allokazzjoni tal-assi f'kuntest ta' ekonomija mhux tas-suq. Għall-kuntrarju, il-fatt li sehem kbir mill-konsum Kanadiż mhuwiex moqdi mill-produzzjoni domestika iżda mill-importazzjonijiet juri li d-deċiżjoni ta' investiment fil-kapaċitajiet tal-produzzjoni tittieħed fuq il-bażi ta' ambjent miftuħ u kompetittiv.

(34) B'hekk, f'dan l-istadju, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Kanada hija pajjiż analogu xieraq skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

3.1.1.3. *Il-valur normali (pajjiż analogu)*

(35) L-informazzjoni li waslet mingħand il-produttur li kkoopera fil-pajjiż analogu ntużat bħala bażi għad-determinazzjoni tal-valur normali għall-produtturi esportaturi li ma ngħatawx TES, skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

(36) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku tal-produttur li kkoopera fil-pajjiż analogu kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk il-volum totali tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili għall-klijenti indipendenti fis-suq domestiku jkun jirrappreżenta tal-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ b'esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni ta' kull grupp ta' produtturi esportaturi Ċiniżi fil-kampjun matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-bejgħ totali tal-produttur tal-prodott simili li kkoopera fis-suq domestiku tal-pajjiż analogu kien rappreżentattiv.

(37) Imbagħad, il-Kummissjoni identifikat it-tipi ta' prodotti mibjugħin f'livell domestiku li kienu identiċi jew paragunabbli għat-tipi tal-prodott mibjugħin għall-esportazzjoni fl-Unjoni għall-gruppi ta' produtturi esportaturi fil-kampjun.

(38) Il-Kummissjoni mbagħad eżaminat jekk il-bejgħ domestiku mill-produttur tal-pajjiż analogu fis-suq domestiku tiegħu għal kull tip ta' prodott li huwa identiku jew komparabbli ma' tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott huwa rappreżentattiv jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott lil konsumaturi indipendenti matul il-perjodu tal-investigazzjoni jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni tat-tip ta' prodott identiku jew komparabbli. Il-Kummissjoni stabbilixxiet għaż-żewġ gruppi Ċiniżi ta' produtturi esportaturi li l-bejgħ domestiku kien jirrappreżenta l-maġġoranza tat-tipi ta' prodotti.

(39) Imbagħad, il-Kummissjoni ddefinixxiet il-proporzjon tal-bejgħ bi profitt lill-konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott matul il-perjodu tal-investigazzjoni biex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku attwali għall-kalkolu tal-valur normali, skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(40) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku reali għal kull tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dan il-bejgħ irendix profitt jew le, jekk:

(1) il-volum tal-bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett li hu daqs jew ogħla mill-kost ikkalkolat tal-produzzjoni, irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; kif ukoll

(2) il-prezz tal-bejgħ medju ponderat ta' dak it-tip ta' prodott huwa daqs jew ogħla mill-kost tal-produzzjoni ta' unità.

(41) F'dan il-każ, il-valur normali huwa l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip ta' prodott matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(42) Il-valur normali huwa l-prezz domestiku attwali għal kull tip ta' prodott tal-bejgħ domestiku bi profitt tat-tipi ta' prodotti biss matul il-perjodu tal-investigazzjoni, jekk:

(1) il-volum tal-bejgħ bi profitt tat-tip tal-prodott jirrappreżenta 80 % jew inqas mill-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip; jew

(2) il-prezz medju ponderat ta' dan it-tip ta' prodott huwa inqas mill-kost tal-produzzjoni għal kull unità.

(43) L-analiżi tal-Kummissjoni tal-bejgħ domestiku wriet li, għall-parti l-kbira tat-tipi tal-prodott esportat, aktar minn 80 % tal-bejgħ domestiku kollu ħalla profitt u li l-prezz tal-bejgħ medju ponderat kien ogħla mill-kost tal-produzzjoni. B'hekk, għal dawn it-tipi tal-prodott, il-valur normali ġie kkalkolat bħala medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(44) Meta prodott ma jkunx inbiegħ fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku mill-produttur tal-pajjiż analogu, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali skont l-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.

(45) Għat-tip tal-prodott mhux mibjugħ fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, il-valur normali nħadem billi żdiedu l-ispejjeż medji għall-bejgħ, ġenerali u amministrattivi (SG&A — "selling, general, administrative") u l-profitt tat-tranżazzjonijiet li sar matul il-perkors normali tan-negozju fis-suq domestiku għal dawk it-tipi mal-kost medju tal-produzzjoni tal-prodott simili tal-produttur li kkoopera tal-pajjiż analogu matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

3.1.2. **Il-prezz tal-esportazzjoni**

(46) Grupp kampjunat ta' produtturi esportaturi kien jesporta lejn l-Unjoni kemm direttament lil klijenti indipendenti kif ukoll permezz ta' importaturi relatati.

(47) Jekk il-gruppi ta' produtturi esportaturi jesportaw il-prodott ikkonċernat direttament lill-konsumaturi indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien il-prezz li tħallas realment jew dak pagabbli għall-prodott ikkonċernat meta nbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(48) Jekk il-grupp ta' produtturi esportaturi jesporta l-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni permezz ta' kumpanija relatata li taġixxi bħala importatur, il-prezz tal-esportazzjoni jiġi stabbilit fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodott importat ikun reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lill-konsumaturi indipendenti fl-Unjoni, skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. F'dan il-każ, l-aġġustamenti tal-prezz saru għall-kostijiet kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inkluż għall-kostijiet SG&A, u għall-profitti dovuti.

3.1.3. **Tqabbil**

(49) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-gruppi ta' produtturi esportaturi fil-kampjun fuq il-bażi tal-prezz mill-fabbrika.

(50) Fejn iġġustifikata mill-ħtieġa li jiġi żgurat paragun ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Saru aġġustamenti għal kostijiet marbutin mat-trasport, l-immaniġġjar, it-tagħbija u l-ispejjeż ančillari, it-taxxi indiretti, il-kummissjonijiet, il-kostijiet tal-kreditu u t-tariffi tal-bank.

### 3.1.4. **Marġnijiet tad-dumping**

(51) Għall-produtturi esportaturi fil-kampjun li kkooperaw, il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott konċernat, skont l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(52) Fuq din il-bażi, il-marġnijiet ta' dumping medji ponderati provviżorji, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

*Tabella 1*

**Marġnijiet tad-dumping, ir-RPĊ**

| Il-kumpanija | Marġni provviżorju tad-dumping (%) |
|---|---|
| Angang Group | 59,1 |
| Shougang Group | 52,7 |

(53) Għall-produtturi esportaturi li kkooperaw u li ma kinux inklużi fil-kampjun, il-Kummissjoni kkalkolat il-marġni tad-dumping medju ponderat, skont l-Artikolu 9(6) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, dak il-marġini kien stabbilit fuq il-bażi tal-marġnijiet tal-produtturi esportaturi fil-kampjun.

(54) Fuq il-bażi ta' dan, il-marġini tad-dumping provviżorju tal-produtturi esportaturi li kkooperaw u li ma kinux inklużi fil-kampjun kien ta' 56,9 %.

(55) Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fir-RPĊ, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-marġini tad-dumping fuq il-bażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell ta' kooperazzjoni tal-produtturi esportaturi. Il-livell ta' kooperazzjoni huwa l-volum ta' esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw lejn l-Unjoni espress bħala proporzjon tal-volum totali ta' esportazzjoni — kif irrapportat fl-istatistika tal-importazzjonijiet tal-Eurostat — mill-pajjiż ikkonċernat lejn l-Unjoni.

(56) Il-livell ta' kooperazzjoni f'dan il-każ huwa għoli minħabba li l-esportazzjonijiet tal-produtturi esportaturi li kkooperaw jammontaw għal madwar 87 % tal-esportazzjonijiet totali lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibbaża l-marġni tad-dumping residwu fil-livell tal-kumpanija fil-kampjun bl-ogħla marġni tad-dumping.

(57) Il-marġnijiet provviżorji tad-dumping, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

*Tabella 2*

**Marġnijiet tad-dumping, ir-RPĊ**

| Il-kumpanija | Marġni provviżorju tad-dumping (%) |
|---|---|
| Angang Group | 59,1 |
| Shougang Group | 52,7 |

| Il-kumpanija | Marġni provviżorju tad-dumping (%) |
|---|---|
| Kumpaniji oħrajn li kkooperaw | 56,9 |
| Il-kumpaniji kollha l-oħrajn | 59,1 |

3.2. IR-RUSSJA

3.2.1. **Introduzzjoni**

(58) Il-Kummissjoni investigat tliet produtturi esportaturi Russi li jirrappreżentaw kważi l-esportazzjonijiet kollha mir-Russja lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Kif stipulat hawn taħt, irriżultaw għadd ta' intoppi li wasslu sabiex il-Kummissjoni tikkunsidra b'mod provviżorju l-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku għal tnejn minnhom.

(59) Għal produttur esportatur wieħed, il-Kummissjoni aġġustat il-kostijiet tal-produzzjoni rrapportati fit-tweġiba għall-kwestjonarju kif stipulat fil-premessa 76.

(60) Għall-produttur esportatur l-ieħor, il-verifika fuq il-post sabet li din il-kumpanija ma kinitx irrapportat lill-Kummissjoni l-volum tal-produzzjoni u l-kapaċità kollha tagħha tal-prodott ikkonċernat. Il-Kummissjoni sabet ukoll, fuq il-post, li l-kumpanija ma kinitx issottomettiet l-informazzjoni sħiħa fuq is-sistema ta' kodifikazzjoni tal-prodotti tagħha użata għall-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat u, b'hekk, kien impossibbli għall-Kummissjoni li torbot l-informazzjoni dwar il-bejgħ għal kull tip tal-prodott mal-informazzjoni fuq il-produzzjoni għal kull tip tal-prodott. Il-Kummissjoni sabet ukoll li matul il-verifika fuq il-post, il-kumpanija ma kellhiex informazzjoni disponibbli minnufih għal kull tip tal-prodott dwar il-kwantitajiet mibjugħin jew użati b'mod ristrett fi produzzjoni ulterjuri. Din l-informazzjoni kienet tippermetti li l-Kummissjoni tkun tista' tivverifika fuq il-post it-tnaqqis tal-użu ristrett mill-kost totali tal-produzzjoni rrapportat, li l-kumpanija ddikjarat li għandu jinħadem sabiex ikun il-kost tal-produzzjoni tal-kwantità rrapportata tal-prodott ikkonċernat mibjugħ. Il-kumpanija pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa għar-rikonċiljazzjoni tal-produzzjoni, il-bejgħ u l-użu ristrett, li kienet intalbet matul il-verifika, iżda biss wara ż-żjara ta' verifika tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni analizzat din l-informazzjoni l-ġdida billi għamlet rikonċiljazzjoni tal-ħażniet bejn il-kwantitajiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat, kif irrapportati wara ż-żjara ta' verifika, u l-kwantità mibjugħa jew ittrasferita għall-ipproċessar għal prodotti oħrajn. Din ir-rikonċiljazzjoni tal-ħażniet uriet li l-kumpanija rrapportat kwantità kumplessivament ogħla ta' bejgħ minn dak li kien fiżikament possibbli skont il-produzzjoni, fid-dawl tal-varjazzjonijiet fil-ħażniet, il-prodotti mhux aċċettati u l-iskart kif irrapportat il-kumpanija.

(61) Il-Kummissjoni qieset li, għar-raġunijiet imsemmijin fil-premessa (60), l-informazzjoni pprovduta mill-produttur esportatur, kemm qabel kif ukoll wara ż-żjara ta' verifika fuq il-post, ma ppermettewlhiex tiżgura l-preċiżjoni u l-affidabilità tal-informazzjoni dwar il-volumi ta' bejgħ u l-kostijiet tal-prodott ikkonċernat ipprovduta minn dak il-produttur esportatur. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produttur esportatur naqas milli jikkoopera billi ma pprovdiex l-informazzjoni li kienet talbet sabiex tivvaluta u tivverifika l-volum ta' bejgħ u l-kost tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat. Dan ma ħalliex lill-Kummissjoni tistabbilixxi l-prezz tal-esportazzjoni u l-valur normali b'mod affidabbli. Barra minn hekk, peress li n-nuqqas ta' affidabbiltà affettwa s-sett ta' dejta sħiħ ipprovdut f'bosta stadji mill-produttur esportatur, il-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tista' tibbaża fuq sottosettijiet speċifiċi ta' dejta pprovduti rigward il-komponenti differenti tal-marġni tad-dumping. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kellha tistabbilixxi l-marġni tad-dumping ta' dak il-produttur esportatur fuq il-bażi tal-fatti disponibbli u kellha tinjora l-informazzjoni pprovduta mill-produttur esportatur, għaliex ma setgħetx tasal għal konklużjonijiet raġonevolment preċiżi u għaliex l-informazzjoni ma kinitx verifikabbli.

(62) Fit-30 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni informat lill-produttur esportatur ikkonċernat li, għar-raġunijiet spjegati fil-premessi 60 u 61, hija tqis li l-kumpanija ma kinitx ipprovdiet l-informazzjoni meħtieġa rigward il-prezzijiet tal-esportazzjoni u l-kost tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat fil-limiti ta' żmien stabbiliti fir-Regolament bażiku u li kien biħsiebha tapplika l-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku sabiex tistabbilixxi l-possibbiltà ta' dumping għall-kumpanija inkwistjoni.

(63) Il-kumpanija kkummentat fuq l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tuża l-fatti disponibbli fit-13 ta' Novembru 2015 u ddikjarat li kkooperat mal-investigazzjoni kemm setgħet. Il-kumpanija qalet li kienet ipprovdiet l-informazzjoni kollha li kienet tippermetti li l-Kummissjoni tasal għal konklużjonijiet preċiżi b'mod raġonevoli iżda li ma setgħetx tintalab tirrapporta informazzjoni li kienet timponi fuqha piż investigattiv eċċessiv u mhux raġonevoli. Il-kumpanija talbet ukoll li ssir it-tieni żjara ta' verifika eċċezzjonali qabel ma jiġi impost xi dazju provviżorju.

(64) Il-Kummissjoni xtarret il-kummenti tal-kumpanija u kkonkludiet li dawn il-kummenti ma kinux jipprovdu xi element ġdid u verifikabbli li jista' jibdel l-intenzjoni tagħha li, f'dak l-istadju tal-investigazzjoni, tuża l-fatti disponibbli sabiex tistabbilixxi d-dumping possibbli għall-kumpanija kkonċernata. Il-Kummissjoni tqis ukoll li ma kienet imponiet ebda piż mhux raġonevoli fuq il-kumpanija billi insistiet fuq rikonċiljazzjoni xierqa tad-dejta tagħha dwar il-produzzjoni u l-bejgħ li hija neċessarja sabiex tkun tista' tiġi vverifikata t-tali dejta għall-prodott ikkonċernat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tqis li, fid-dawl tan-nuqqasijiet li diġà nstabu fl-informazzjoni rrapportata mill-kumpanija nfisha, it-tieni żjara ta' verifika fuq il-post ma tkunx wisq siewja. B'hekk, b'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni stabbilixxiet b'mod provviżorju l-marġni tad-dumping għal din il-kumpanija fuq il-bażi tal-fatti disponibbli.

### 3.2.2. **Il-valur normali**

(65) Il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' kull wieħed miż-żewġ produtturi esportaturi li kkooperaw kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku jkun rappreżentattiv jekk it-total tal-volum tal-bejgħ domestiku tal-prodott simili lill-konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku għal kull produttur esportatur jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ bl-esportazzjoni tiegħu tal-prodott ikkonċernat lill-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Fuq il-bażi ta' dan, il-bejgħ totali minn kull produttur esportatur tal-prodott simili fuq is-suq domestiku kien rappreżentattiv.

(66) Imbagħad, il-Kummissjoni identifikat it-tipi ta' prodotti mibjugħin fuq livell domestiku li kienu identiċi jew paragunabbli għat-tipi ta' prodotti mibjugħin għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni għall-produtturi esportaturi b'bejgħ domestiku rappreżentattiv.

(67) Imbagħad il-Kummissjoni eżaminat jekk il-bejgħ domestiku ta' kull wieħed miż-żewġ produtturi esportaturi fis-suq domestiku tiegħu għal kull tip ta' prodott li huwa identiku jew komparabbli ma' tip ta' prodott mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni kienx rappreżentattiv, skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament bażiku. Il-bejgħ domestiku ta' tip ta' prodott huwa rappreżentattiv jekk il-volum totali ta' bejgħ domestiku ta' dak it-tip ta' prodott lil konsumaturi indipendenti matul il-perjodu tal-investigazzjoni jirrappreżenta mill-inqas 5 % tal-volum totali tal-bejgħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni tat-tip ta' prodott identiku jew komparabbli.

(68) Imbagħad, il-Kummissjoni ddefinixxiet il-proporzjon tal-bejgħ bi profitt lill-konsumaturi indipendenti fis-suq domestiku għal kull tip ta' prodott matul il-perjodu tal-investigazzjoni biex tiddeċiedi jekk tużax il-bejgħ domestiku attwali għall-kalkolu tal-valur normali, skont l-Artikolu 2(4) tar-Regolament bażiku.

(69) Il-valur normali huwa bbażat fuq il-prezz domestiku reali għal kull tip ta' prodott, irrispettivament minn jekk dan il-bejgħ irendix profitt jew le, jekk:

(1) il-volum tal-bejgħ tat-tip ta' prodott, mibjugħ bi prezz tal-bejgħ nett li hu daqs jew ogħla mill-kost ikkalkolat tal-produzzjoni, irrappreżenta aktar minn 80 % tal-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip ta' prodott; kif ukoll

(2) il-prezz tal-bejgħ medju ponderat ta' dak it-tip ta' prodott huwa daqs jew ogħla mill-kost tal-produzzjoni ta' unità.

(70) F'dan il-każ, il-valur normali huwa l-medja ponderata tal-prezzijiet tal-bejgħ domestiku kollu ta' dak it-tip ta' prodott matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(71) Il-valur normali huwa l-prezz domestiku attwali għal kull tip ta' prodott tal-bejgħ domestiku bi profitt tat-tipi ta' prodotti biss matul il-perjodu tal-investigazzjoni, jekk:

(1) il-volum tal-bejgħ bi profitt tat-tip tal-prodott jirrappreżenta 80 % jew inqas mill-volum totali tal-bejgħ ta' dan it-tip; jew

(2) il-prezz medju ponderat ta' dan it-tip ta' prodott huwa inqas mill-kost tal-produzzjoni għal kull unità.

(72) L-analiżi tal-bejgħ domestiku uriet li għal xi tipi ta' prodotti, xi bejgħ domestiku ħalla profitt u li l-prezz tal-bejgħ medju ponderat kien ogħla mill-kost tal-produzzjoni. Skont dan, il-valur normali kien ikkalkolat bħala medja

ponderata tal-prezzijiet kollha tal-bejgħ domestiku matul il-perjodu tal-investigazzjoni meta ġew issodisfati l-kundizzjonijiet tal-premessa (69) hawn fuq, jew bħala medja ponderata tal-bejgħ bi profitt biss, meta dawn il-kundizzjonijiet ma ġewx issodisfati. Fejn ma kienx hemm biżżejjed bejgħ jew ma kienx hemm bejgħ ta' ċerti tipi ta' prodott tal-prodott simili, jew fejn ma kienx hemm bejgħ fil-perkors normali tan-negozju, il-Kummissjoni ħolqot il-valur normali skont l-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.

(73) Il-valur normali nħoloq billi żdied dan li ġej mal-kost medju tal-produzzjoni tal-prodott simili taż-żewġ produtturi esportaturi matul il-perjodu tal-investigazzjoni:

(1) l-ispejjeż tal-bejgħ medji ponderati, ġenerali u amministrattivi ("SG&A") imġarrbin mill-produtturi esportaturi li kkooperaw għall-bejgħ domestiku tal-prodott simili, matul il-perkors normali tan-negozju, matul il-perjodu tal-investigazzjoni; u

(2) il-profitt medju ponderat magħmul mill-prodotturi esportaturi li kkooperaw mill-bejgħ domestiku tal-prodott simili, matul il-perkors normali tan-negozju, matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(74) Għat-tipi tal-prodott mhux mibjugħin fi kwantitajiet rappreżentattivi fis-suq domestiku, żdiedu l-ispejjeż SG&A medji u l-profitt tat-tranżazzjonijiet li saru matul il-perkors normali tan-negozju fis-suq domestiku għal dawk it-tipi. Għat-tipi ta' prodotti mhux mibjugħin fis-suq domestiku, żdiedu l-ispejjeż SG&A medji ponderati u l-profitt tat-tranżazzjonijiet kollha li saru matul il-perkors normali tan-negozju fis-suq domestiku.

(75) Fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tagħhom, il-produtturi esportaturi kollha rrikonoxxew telf sinifikanti dovut għad-differenzi fil-kambju li rriżultaw matul il-konverżjoni tat-tranżazzjonijiet mhux denominati fir-rublu Russu. Il-Kummissjoni qieset li dawk huma parti mill-ispejjeż SG&A tal-kumpanija u inkludiethom fil-kalkolu tal-valur normali.

(76) Fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-verifiki fuq il-post, il-Kummissjoni aġġustat il-kost tal-produzzjoni għal wieħed mill-produtturi esportaturi Il-Kummissjoni sabet li l-produttur esportatur inkwistjoni ma kienx irrifletta kif xieraq u b'mod preċiż il-kostijiet proprji tal-materjali u l-kostijiet tax-xiri relatati fil-kost irrapportat tiegħu. Il-Kummissjoni ma setgħetx tirrikonċilja l-kwantitajiet, il-valuri u l-kostijiet relatati ta' ċerta materja prima mixtrija mal-kontijiet tal-kumpanija, peress li l-kumpanija naqset milli tirrapporta dawn il-kostijiet fl-elenkar tax-xirjiet tal-materja prima li ssottomettiet lill-Kummissjoni fit-tweġibiet tagħha għall-kwestjonarju u l-ittra ta' defiċenza. Il-Kummissjoni sabet ukoll li l-kumpanija inkwistjoni ma rrapportatx ix-xirjiet ta' materja prima, kif emendati bit-tweġiba tagħha għall-ittra ta' defiċenza, fil-format mitlub fil-kwestjonarju, u b'hekk il-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika l-varjazzjonijiet fil-ħażniet u l-konsum ta' materjal matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha evidenza li ġabret matul il-verifika fuq il-post li turi li l-kostijiet tal-manifattura fil-kontijiet tal-kumpanija jvarjaw mill-kostijiet tal-manifattura murijin għall-istess kontijiet fil-modulu ta' allokazzjoni awtomatizzata tal-kostijiet użat għall-allokazzjoni tal-kostijiet għall-prodotti differenti.

(77) Fit-30 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni informat lill-produttur esportatur ikkonċernat li, għar-raġunijiet spjegati fil-premessa 76, hija tqis li l-kumpanija ma kinitx ipprovdiet l-informazzjoni meħtieġa rigward il-kost tal-manifattura tal-prodott ikkonċernat fil-limiti ta' żmien stabbiliti fir-Regolament bażiku u li kien biħsiebha tuża l-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku sabiex tistabbilixxi l-valur normali.

(78) Fit-13 ta' Novembru 2015, il-produttur esportatur ikkummenta dwar l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tuża l-fatti disponibbli u baghat spjegazzjonijiet addizzjonali rigward id-differenzi bejn l-ispejjeż imdaħħlin fil-kontijiet tal-ktieb ġenerali tagħha u l-kostijiet identifikati fir-rapport tagħha ta' kalkolu tal-kostijiet. Fit-13 ta' Novembru 2015, il-kumpanija ammettiet ukoll l-eżistenza ta' diskrepanzi li l-Kummissjoni sabet matul iż-żjara ta' verifika fuq il-post u li jappartjenu għall-kostijiet ta' xiri ta' materja prima, iżda ddikjarat li minnufih setgħet tagħraf ir-raġunijiet wara dawn id-diskrepanzi li qieset li kienu żbalji klerikali.

(79) Il-Kummissjoni xtarret il-kummenti u l-ispjegazzjonijiet tal-kumpanija u qieset li l-preċiżjoni tal-informazzjoni addizzjonali ppreżentata ma setgħetx tiġi vverifikata u rrikonċiljata iktar mal-kontijiet tal-kumpanija. Il-Kummissjoni qieset ukoll li d-diskrepanzi li sabet fuq il-post rigward il-kostijiet tax-xiri ta' materja prima ma kinux żbalji klerikali u osservat li l-kumpanija ma kkontestatx il-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-informazzjoni dwar il-kostijiet marbutin max-xiri tal-materja prima, dwar il-ħażniet ta' materja prima u dwar il-konsum tal-materja prima kienet nieqsa mit-tweġibiet tagħha għall-kwestjonarju u l-ittra ta' defiċenza. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kummenti tal-kumpanija u l-ispjegazzjonijiet addizzjonali tal-kumpanija ma kinux jipprovdu xi

element ġdid u verifikabbli li jista' jibdel l-intenzjoni tagħha li, f'dak l-istadju tal-investigazzjoni, tuża l-fatti disponibbli sabiex tistabbilixxi l-valur normali.

(80) Matul il-verifika fuq il-post, il-Kummissjoni sabet ukoll li l-proporzjonijiet tal-konsum ta' materjal li kisbet mingħand id-dipartiment ta' kontroll tal-kumpanija matul il-verifika kienu jvarjaw ħafna mill-proporzjonijiet ta' konsum ta' materjal li l-kumpanija rrapportat fl-24 ta' Settembru 2015 fit-tweġiba tagħha għall-ittra ta' defiċjenza tal-Kummissjoni. Il-Kummissjoni talbet l-informazzjoni mingħand il-kumpanija fuq il-post dwar din l-anomalija. Il-kumpanija ċċarat li, għar-rapportar tal-ispejjeż fuq il-materjal tagħha, ma kinitx użat il-proporzjonijiet tal-konsum mid-dipartiment ta' kontroll tagħha iżda kkalkolat il-proporzjonijiet tal-konsum billi qasmet l-ispejjeż tal-materjal li kienet irrapportat lill-Kummissjoni bil-kost tal-prodotti mibjugħin. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-proporzjonijiet ta' konsum ta' materjal li l-kumpanija rrapportat ma kinux jippermettu lill-Kummissjoni tagħmel valutazzjoni preċiża tal-ispejjeż tal-materjal tagħha. Konsegwentement, kif stipulat hawn fuq, il-Kummissjoni ddeċidiet li timmodifika l-kost tal-produzzjoni rrapportat mill-kumpanija sabiex iġġibu konformi mal-evidenza fattwali fuq il-kostijiet tal-materja prima li ġabret matul il-verifika fuq il-post.

### 3.2.3. **Il-prezz tal-esportazzjoni**

(81) Il-produtturi esportaturi esportaw lejn l-Unjoni direttament, permezz ta' kumpaniji relatati li jaġixxu bħala importaturi fl-Unjoni, jew permezz ta' negozjanti/importaturi relatati jew mhux relatati bbażati fl-Iżvizzera. Dawk il-kumpaniji Żvizzeri relatati, proprjetà tal-produtturi esportaturi Russi, xtraw il-prodott ikkonċernat mingħand il-produtturi esportaturi u mbagħad bigħuh fl-Unjoni u pajjiżi oħrajn.

(82) Meta l-produtturi esportaturi esportaw il-prodott ikkonċernat direttament lill-konsumaturi indipendenti fl-Unjoni, il-prezz tal-esportazzjoni kien stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet reali li tħallsu jew li pagabbli għall-prodott konċernat meta nbiegħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni, skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku.

(83) Meta l-produtturi esportaturi esportaw il-prodott konċernat lejn l-Unjoni permezz ta' kumpanija relatata li taġixxi bħala importatur, il-prezz tal-esportazzjoni nħadem fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodott importat reġa' nbiegħ għall-ewwel darba lill-konsumaturi indipendenti fl-Unjoni, skont l-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku. Il-prezz tal-esportazzjoni nħadem ukoll, skont l-istess Artikolu, meta l-prodott konċernat ma reġax inbiegħ fil-kundizzjoni li kien importat fiha. F'każijiet bħal dawn, l-aġġustamenti tal-prezz saru għall-ispejjeż kollha li ġġarrbu bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, inkluż l-ispejjeż SG&A, u għall-profitti.

(84) Il-verifika ta' produttur esportatur wieħed uriet li 20 % tal-bejgħ esportat lejn l-Unjoni sar lil negozjant mhux relatat ibbażat fl-Iżvizzera. Il-produttur esportatur irrapporta dak il-bejgħ bħala bejgħ lil parti indipendenti fl-Unjoni, u ddikjara li ma kellu ebda rabta ma' dan in-negozjant. Intużaw dikjarazzjonijiet ta' esportazzjoni doganali bħala prova tad-destinazzjoni tal-prodotti. Minkejja li l-munita tal-bejgħ maqbula fil-kuntratti bejn il-produttur esportatur u n-negozjant hija l-euro jew id-dollaru Amerikan, il-produttur esportatur irrapporta li l-bejgħ sar bir-rublu Russu bil-fatturi korrispondenti li juru r-rublu Russu. Il-Kummissjoni sejra tkompli tinvestiga fuq dan, speċjalment jekk il-bejgħ fil-fatt sarx lil xerrej indipendenti għall-konsum fl-Unjoni u ġiex irrapportat bil-munita xierqa. Il-Kummissjoni inkludiet dak il-bejgħ b'mod provviżorju fid-determinazzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni.

### 3.2.4. **Tqabbil**

(85) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw fuq bażi ta' prezz mill-fabbrika.

(86) Fejn iġġustifikata mill-ħtieġa li jiġi żgurat paragun ġust, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali u/jew il-prezz tal-esportazzjoni għad-differenzi li jaffettwaw il-prezzijiet u l-komparabilità tal-prezzijiet skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku.

(87) Fir-rigward tal-prezzijiet tal-esportazzjoni, saru aġġustamenti għal kostijiet marbutin mat-trasport, l-immaniġġjar, it-tagħbija u l-ispejjeż anċillari, it-tariffi tal-importazzjoni, il-kummissjonijeit tal-bejgħ, il-kostijiet tal-kreditu u t-tariffi tal-bank. Fir-rigward tal-prezzijiet domestiċi, saru aġġustamenti għall-ispejjez tat-trasport domestiku, l-ispejjeż tal-ippakkjar, l-ispejjeż tal-kreditu, l-immaniġġjar u l-kummissjonijiet.

(88) Għat-tqabbil tal-prezzijiet li jinvolvu muniti differenti, il-Kummissjoni, b'konformità mal-Artikolu (2)(10)(j) tar-Regolament bażiku, użat ir-rata tal-kambju applikabbli fid-data tal-ordni tax-xiri jew il-kuntratt tal-bejgħ li jistabbilixxi aħjar it-termini tal-bejgħ tal-materjali mid-data tal-fattura peress li n-negozjar tal-prezz li wassal sabiex jiġi stabbilit il-prezz sar fil-perjodu qrib id-data tal-ordni tax-xiri jew tal-kuntratt tal-bejgħ. Il-fattura korrispondenti nħarġet meta ntbagħat il-prodott, li ġeneralment kien xahar jew xahrejn wara.

(89) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali medju ponderat ta' kull tip ta' prodott simili mal-prezz tal-esportazzjoni medju ponderat tat-tip korrispondenti tal-prodott ikkonċernat, skont l-Artikolu 2(11) u (12) tar-Regolament bażiku.

(90) Għad-determinazzjoni tal-marġni tad-dumping provviżorju tal-produttur esportatur imsemmi fil-premessi 60 sa 64, il-Kummissjoni użat bħala fatt disponibbli l-livell tal-marġni tad-dumping tal-iktar tip tal-prodott esportat li nstab li huwa ftit ogħla mill-marġni tad-dumping kumplessiv ta' wieħed mill-produtturi esportaturi l-oħrajn. Il-Kummissjoni bbażat l-għażla tal-produttur esportatur xieraq fuq il-komparabbiltà aħjar tal-volumi tal-bejgħ fis-suq domestiku u l-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni, il-qrubija ġeografika, l-istruttura tal-inputs essenzjali tal-materja prima u l-użu tal-kapaċità rrapportat. Fuq din il-bażi, il-marġnijiet tad-dumping medju ponderat provviżorju, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

*Tabella 3*

**Marġnijiet tad-dumping, ir-Russja**

| Il-kumpanija | Marġni provviżorju tad-dumping (%) |
|---|---|
| Magnitogorsk Iron & Steel Works OJSC | 19,8 |
| PAO Severstal | 25,4 |
| OJSC Novolipetsk Steel | 26,2 |

(91) Għall-produtturi esportaturi l-oħrajn kollha fir-Russja, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-marġni tad-dumping fuq il-bażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku.

(92) Kif stipulat fil-premessa 58, il-kumpaniji investigati kienu jirrappreżentaw kważi l-esportazzjonijiet kollha mir-Russja lejn l-Unjoni. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibbaża l-marġni tad-dumping għall-kumpaniji kollha l-oħrajn fil-livell tal-kumpanija fil-kampjun bl-ogħla marġni tad-dumping.

(93) Il-marġnijiet provviżorji tad-dumping, espressi bħala perċentwal tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

*Tabella 4*

**Marġnijiet tad-dumping, ir-Russja**

| Il-kumpanija | Il-marġni provviżorju tad-dumping (%) |
|---|---|
| Magnitogorsk Iron & Steel Works OJSC | 19,8 |
| PAO Severstal | 25,4 |

| Il-kumpanija | Il-marġni provviżorju tad-dumping (%) |
|---|---|
| OJSC Novolipetsk Steel | 26,2 |
| Il-kumpaniji kollha l-oħrajn | 26,2 |

## 4. **ID-DANNU**

### 4.1. ID-DEFINIZZJONI TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI U TAL-PRODUZZJONI TAL-UNJONI

(94) Fl-Unjoni, 13-il kumpanija pprovdew dejta dwar il-produzzjoni u l-bejgħ fl-eżerċizzju permanenti u indikaw li kienu jipproduċu l-prodott simili matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli mill-ilment, hemm 15-il produttur ieħor fl-Unjoni li jipproduċu l-prodott simili fl-Unjoni.

(95) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni kienet stabbilita għal madwar 37 miljun tunnellata metrika. Il-Kummissjoni stabbilixxiet iċ-ċifra fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli li tirrigwarda l-industrija tal-Unjoni, bħal informazzjoni mill-ilmentatur u mill-prodotturi kollha magħrufin fl-Unjoni.

(96) Il-produtturi tal-Unjoni li jirrappreżentaw il-produzzjoni totali tal-Unjoni jikkostitwixxu l-industrija skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku u, minn hawn 'il quddiem, jissejħu "l-industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(97) Il-produtturi tal-Unjoni li kkooperaw jirrappreżentaw 89 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-prodott simili.

(98) Il-mudell kummerċjali tal-produtturi tal-Unjoni u l-grad ta' integrazzjoni vertikali tagħhom ivarjaw. "Riromblaturi", li jridu jissorsjaw il-ħtiġijiet ta' prematerijal tagħhom mingħand produtturi oħrajn, jirrappreżentaw sehem żgħir.

### 4.2. KONSUM TAL-UNJONI

(99) Kif intqal fil-premessa 21, prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ jaqgħu taħt għadd ta' kodiċijiet tan-NM, inklużi ċerti ex kodiċijiet. Sabiex ma jiġix sottovalutat il-konsum tal-Unjoni, u fid-dawl tal-impatt marġinali apparenti tat-tali kodiċijiet fuq il-konsum totali, il-volumi tal-importazzjoni tal-ex kodiċijiet tan-NM ingħaddew kollha sabiex jiġi kkalkolat il-konsum tal-Unjoni.

(100) Peress li, fil-parti l-kbira, l-industrija tal-Unjoni hija integrata vertikalment u l-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ jitqiesu bħala materja prima għall-produzzjoni ta' bosta prodotti downstream tal-valur miżjud, il-konsumi tas-suq magħluq u dak ħieles ġew analizzati b'mod separat.

(101) Id-distinzjoni bejn suq magħluq u ħieles hija rilevanti għall-analiżi tad-dannu għaliex il-prodotti mfasslin għal użu ristrett mhumiex esposti għall-kompetizzjoni diretta mill-importazzjonijiet, u l-prezzijiet tat-trasferiment huma stabbiliti fil-gruppi skont il-bosta politiki tal-prezzijiet u, għalhekk, mhumiex affidabbli. Għall-kuntrarju, il-produzzjoni mfassla għas-suq ħieles hija f'kompetizzjoni diretta mal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat, u l-prezzijiet huma prezzijiet tas-suq ħieles.

(102) Sabiex tipprovdi stampa tal-industrija tal-Unjoni li tkun kompluta kemm jista' jkun, il-Kummissjoni kisbet dejta għall-attività sħiħa tal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ u stabbilixxiet jekk il-produzzjoni kinitx imfassla għall-użu ristrett jew għas-suq ħieles. Il-Kummissjoni sabet li madwar 82 % tal-produzzjoni totali tal-produtturi tal-Unjoni kienet intenzjonata għal użu ristrett.

4.2.1. **Konsum ristrett**

(103) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-konsum ristrett tal-Unjoni fuq il-bażi tal-użu ristrett u l-bejgħ ristrett fis-suq tal-Unjoni tal-produtturi kollha magħrufin fl-Unjoni. Fuq din il-bażi, il-konsum ristrett tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 5*

**Il-konsum ristrett (tunnellati)**

| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Konsum ristrett | 29 121 785 | 27 555 796 | 28 900 235 | 30 309 067 | 30 183 620 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *95* | *99* | *104* | *104* |
| *Sors:* Tweġiba verifikata għall-kwestjonarju tal-Eurofer | | | | | |

(104) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-konsum ristrett tal-Unjoni żdied b'madwar 4 %. Din iż-żieda hija dovuta l-iktar għal tkabbir tas-swieq magħluqin, bħall-industrija awtomobilistika.

4.2.2. **Konsum tas-suq ħieles**

(105) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-konsum tas-suq ħieles tal-Unjoni fuq il-bażi ta' (a) il-bejgħ fis-suq tal-Unjoni tal-produtturi kollha magħrufin fl-Unjoni u (b) l-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiżi terzi kollha kif rapportat mill-Eurostat, u b'hekk qieset ukoll id-dejta mressqa mill-produtturi esportaturi li kkooperaw fil-pajjiżi konċernati. Fuq din il-bażi, il-konsum tas-suq ħieles tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

*Tabella 6*

**Konsum tas-suq liberu (tunnellati)**

| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Konsum tas-suq liberu | 7 839 959 | 6 819 677 | 7 376 829 | 7 152 193 | 7 122 682 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *87* | *94* | *91* | *91* |
| *Sors:* Tweġiba verifikata għall-kwestjonarju tal-Eurofer, u l-Eurostat | | | | | |

(106) Waqt il-perjodu kkunsidrat, il-konsum tas-suq ħieles tal-Unjoni naqas b'madwar 9 %. It-tnaqqis huwa dovut l-iktar għall-irkupru ekonomiku batut jew ineżistenti tal-industrija downstream.

4.3. IMPORTAZZJONIJIET MILL-PAJJIŻI KKONĊERNATI

4.3.1. **Valutazzjoni kumulattiva tal-effetti tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati**

(107) Il-Kummissjoni stħarrġet jekk l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li oriġina mill-pajjiżi kkonċernati għandhomx ikunu vvalutati b'mod kumulattiv, skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku.

(108) Il-marġnijiet tad-dumping stabbiliti b'rabta mal-importazzjonijiet mir-RPĊ u r-Russja huma spjegati fil-premessa 57 u l-premessa 93 iktar 'il fuq. Dawn il-marġnijiet kollha huma ferm ogħla mil-limiti *de minimis* stabbiliti fl-Artikolu 9(3) tar-Regolament bażiku.

(109) Il-volum tal-importazzjonijiet minn kull pajjiż ikkonċernat ma kienx negliġibbli skont it-tifsira tal-Artikolu 5(7) tar-Regolament bażiku. Fil-perjodu tal-investigazzjoni, ir-RPĊ u r-Russja kellhom sehem mis-suq tal-UE ta' 10,3 % u 9,8 % rispettivament.

(110) Il-kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ta' bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi konċernati u l-prodott simili kienu simili wkoll. Tabilħaqq, il-prodotti importati kkompetew ma' xulxin u mal-prodott ikkonċernat immanifatturat fl-Unjoni għaliex dawn inbiegħu lil kategoriji simili ta' konsumaturi finali.

(111) Għalhekk, u għall-kuntrarju tad-dikjarazzjoni li għamlet parti interessata minnhom, il-kriterji kollha stabbiliti fl-Artikolu 3(4) tar-Regolament bażiku ġew issodisfati u l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati kienu eżaminati b'mod kumulattiv sabiex jiġi determinat id-dannu.

### 4.3.2. **Il-volum u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati**

(112) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tal-bażi tad-dejta tal-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit billi tqabblu l-volumi tal-importazzjonijiet mal-konsum tas-suq liberu tal-Unjoni kif irrapportat fit-tabella 6 iktar 'il fuq.

(113) L-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiżi kkonċernati żviluppaw kif ġej:

*Tabella 7*

**Il-volum tal-importazzjonijiet (tunnellati metriċi) u s-sehem tas-suq**

| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-volum tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati | 1 117 820 | 917 610 | 1 380 382 | 1 344 898 | 1 430 044 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *82* | *123* | *120* | *128* |
| Is-sehem mis-suq tal-pajjiżi kkon-ċernati | 14,3 % | 13,5 % | 18,7 % | 18,8 % | 20,1 % |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *94* | *131* | *132* | *141* |
| Il-volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ | 651 654 | 406 811 | 653 366 | 620 140 | 732 383 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *62* | *100* | *95* | *112* |
| Is-sehem mis-suq tar-RPĊ | 8,3 % | 6 % | 8,9 % | 8,7 % | 10,3 % |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *72* | *107* | *104* | *124* |
| Il-volum tal-importazzjonijiet mir-Russja | 466 165 | 510 800 | 727 016 | 724 758 | 697 661 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *110* | *156* | *155* | *150* |

| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Is-sehem mis-suq tar-Russja | 5,9 % | 7,5 % | 9,9 % | 10,1 % | 9,8 % |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *126* | *166* | *170* | *165* |

*Sors:* L-Eurostat

(114) It-tabella ta' hawn fuq turi li f'ċifri assoluti l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati żdiedu b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat. Fl-istess ħin, is-sehem mis-suq totali tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fl-Unjoni żdied b'madwar 5,8 punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat.

### 4.3.3. **Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u t-twaqqigħ tal-prezz**

(115) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tad-dejta tal-Eurostat. Il-prezz medju ponderat tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni mill-pajjiżi kkonċernati żviluppa hekk:

*Tabella 8*

**Il-prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/tunnellata)**

| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| RPĊ | 619 | 589 | 533 | 510 | 505 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *95* | *86* | *82* | *82* |
| Ir-Russja | 630 | 574 | 518 | 499 | 489 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *91* | *82* | *79* | *78* |
| Il-prezz medju tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping | 624 | 581 | 525 | 504 | 497 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *93* | *84* | *81* | *80* |

*Sors:* L-Eurostat

(116) Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping naqsu minn EUR 624/tunnellata metrika fl-2011 għal EUR 497/tunnellata metrika matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Matul il-perjodu kunsidrat, it-tnaqqis fil-prezz ta' unità medju tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kien ta' madwar 20 %.

(117) Il-Kummissjoni vvalutat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu tal-investigazzjoni billi qabblet:

(a) il-prezzijiet tal-bejgħ medji ponderati għal kull tip tal-prodott tal-ħames produtturi tal-Unjoni imposti fuq il-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, u aġġustati għal-livell ta' prezz mill-fabbrika; kif ukoll

(b) il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti fil-livell CIF fil-fruntiera tal-Unjoni għal kull tip tal-prodott tal-importazzjonijiet mill-prodotturi li kkooperaw tal-pajjiżi kkonċernati lill-ewwel konsumatur indipendenti fis-suq tal-Unjoni, b'aġġustamenti xierqa għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(118) It-tqabbil tal-prezzijiet sar fuq bażi ta' tip b'tip għal tranżazzjonijiet fl-istess livell ta' kummerċ, aġġustati kif dovut meta meħtieġ, u wara t-tnaqqis tar-rifużjonijiet u l-iskontijiet. Ir-riżultat tat-tqabbil ingħata bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(119) Fuq il-bażi ta' dan li ntqal hawn fuq, instab li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni bi 8,1 % u 14,4 % għar-RPĊ u r-Russja.

### 4.4. IS-SITWAZZJONI EKONOMIKA TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI

#### 4.4.1. **Kummenti ġenerali**

(120) Skont l-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-eżaminazzjoni tal-impatt tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fl-industrija tal-Unjoni kien jinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(121) L-indikaturi makroekonomiċi (il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, l-impjiegi, il-produttività u d-daqs tal-marġnijiet tad-dumping) ġew analizzati fil-livell tal-produzzjoni kollha tal-Unjoni. Il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq l-informazzjoni li pprovda l-ilmentatur, u ġiet kontroverifikata bid-dejta pprovduta mill-produtturi tal-Unjoni u l-istatistiċi uffiċjali disponibbli (Eurostat).

(122) L-analiżi tal-indikaturi mikroekonomiċi (il-prezzijiet tal-bejgħ, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, il-possibbiltà li jiżdied il-kapital, il-pagi u l-ispiża tal-produzzjoni) twettqet fil-livell tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun. Il-valutazzjoni kienet ibbażata fuq l-informazzjoni tagħhom, ivverifikata kif xieraq.

(123) Għal uħud mill-indikaturi tad-dannu marbutin mal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni analizzat b'mod separat id-dejta marbuta mas-suq ħieles u dak ristrett u għamlet analiżi komparattiva. Dawn il-fatturi huma: il-bejgħ u s-sehem fis-suq, il-prezzijiet ta' unità, il-kost ta' unità u l-profittabilità. Madankollu, indikaturi ekonomiċi oħrajn jistgħu jiġu eżaminati b'mod siewi biss b'riferiment għall-attività sħiħa, inkluż l-użu ristrett tal-industrija tal-Unjoni għaliex jiddependu fuq l-attività sħiħa, kemm jekk il-produzzjoni hija ristretta kif ukoll jekk tinbiegħ fis-suq ħieles. Dawn il-fatturi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità, l-użu tal-kapaċità, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, l-impjiegi, il-produttività, il-ħażniet u l-kostijiet lavorattivi. Għal dawn il-fatturi, ikun iġġustifikat li ssir analiżi tal-industrija sħiħa tal-Unjoni sabiex tiġi stabbilita stampa sħiħa tad-dannu tal-industrija tal-Unjoni, peress li d-dejta inkwistjoni ma tistax tiġi separata għal bejgħ ristrett u bejgħ liberu.

#### 4.4.2. **Indikaturi makroekonomiċi**

##### 4.4.2.1. *Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità*

(124) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

*Tabella 9*

**Il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità**

| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Volum tal-produzzjoni (tunnellati metriċi) | 36 296 343 | 34 174 111 | 35 788 676 | 36 912 062 | 36 633 691 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *94* | *99* | *102* | *101* |

| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Kapaċità tal-produzzjoni (tunnellati metriċi) | 53 566 734 | 51 657 090 | 52 658 719 | 51 628 090 | 51 693 593 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *96* | *98* | *96* | *97* |
| Użu tal-kapaċità | 68 % | 66 % | 68 % | 71 % | 71 % |

*Sors:* Tweġiba verifikata għall-kwestjonarju tal-Eurofer

(125) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied b'1 %. Iċ-ċifri tal-kapaċità rapportati jirreferu għall-kapaċità teknika, li timplika li tqiesu l-aġġustamenti, meqjusin bħala standards mill-industrija, għall-ħin tal-istabbiliment, il-manutenzjoni, l-ostakoli u perjodi oħrajn normali ta' waqfien. Fuq din il-bażi, il-kapaċità naqset bi 3 % matul il-perjodu kkunsidrat bi sforz tal-industrija tal-Unjoni sabiex tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-kapaċità żejda globali.

(126) Iż-żieda fir-rata ta' użu tal-kapaċità rriżultat minn żieda ħafifa fil-volum tal-produzzjoni kkawżata l-iktar miż-żieda fil-konsum ristrett u tnaqqis tal-kapaċità.

4.4.2.2. *Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq*

(127) Il-volum ta' bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni fis-suq liberu żviluppaw matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

*Tabella 10*

**Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq (suq liberu)**

| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Volum tal-bejgħ (tunnellati metriċi) | 5 867 858 | 5 521 017 | 5 518 202 | 5 220 466 | 5 044 928 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *94* | *94* | *89* | *86* |
| Sehem mis-suq | 74,8 % | 81,0 % | 74,8 % | 73,0 % | 70,8 % |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *108* | *100* | *98* | *95* |

*Sors:* Tweġiba verifikata għall-kwestjonarju tal-Eurofer, u l-Eurostat

(128) Il-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni naqas b'14 % matul il-perjodu kkunsidrat, minn madwar 5,9 miljun tunnellata metrika fl-2011 għal 5 miljun tunnellata metrika matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(129) Is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas minn 74,8 % għal 70,8 % matul il-perjodu kkunsidrat. It-tnaqqis fil-volum ta' bejgħ tal-industrija tal-Unjoni jisboq b'mod sinifikanti t-tnaqqis fil-konsum tas-suq liberu tal-Unjoni. Barra minn hekk, sabiex tevita tiċkin saħansitra ikbar tas-sehem tagħha mis-suq, l-industrija tal-Unjoni kienet imġiegħla tbaxxi l-prezzijiet tal-bejgħ tagħha minħabba l-pressjoni bla heda fuq il-prezzijiet li ġabu magħhom l-importazzjonijiet ikkonċernati.

(130) F'dak li għandu x'jaqsam mas-suq ristrett, il-volum ristrett u s-sehem mis-suq żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 11*

**Il-volum ristrett u s-sehem mis-suq**

| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-volum ristrett | 29 121 785 | 27 555 796 | 28 900 235 | 30 309 067 | 30 183 620 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *95* | *99* | *104* | *104* |
| Is-sehem mis-suq (mis-swieq magħluqin u liberi totali) | 79 % | 80 % | 80 % | 81 % | 81 % |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *100* | *102* | *101* | *103* |

*Sors:* Tweġiba verifikata għall-kwestjonarju tal-Eurofer, u l-Eurostat

(131) Il-volum ristrett tal-industrija tal-Unjoni (imsawwar minn użu ristrett u bejgħ ristrett) fis-suq tal-Unjoni żdied b'4 % matul il-perjodu kkunsidrat, minn madwar 29,1 miljun tunnellata metrika fl-2011 għal 30,2 miljun tunnellata metrika matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(132) B'konsegwenza ta' dan, is-sehem mis-suq magħluq tal-industrija tal-Unjoni mogħti bħala perċentwal tal-konsum totali (kemm suq ristrett kif ukoll liberu) żdied minn 79 % għal 81 % matul il-perjodu kkunsidrat.

4.4.2.3. *L-impjiegi u l-produttività*

(133) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 12*

**L-impjiegi u l-produttività**

| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| In-numru ta' impjegati (Impjiegi full-time/FTE) | 21 598 | 21 292 | 20 331 | 19 781 | 19 513 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *99* | *94* | *92* | *90* |
| Il-produttività (tunnellata metrika/FTE) | 1 681 | 1 605 | 1 760 | 1 866 | 1 877 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *96* | *105* | *111* | *112* |

*Sors:* Tweġiba verifikata għall-kwestjonarju tal-Eurofer

(134) Il-livell tal-impjiegi fl-industrija tal-Unjoni naqas b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat sabiex jitnaqqsu l-kostijiet tal-produzzjoni u tiġi ggwadanjata effiċjenza fid-dawl tal-kompetizzjoni ikbar mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fis-suq. Dan irriżulta fi tnaqqis ta' 10 % mill-forza tax-xogħol matul il-perjodu kkunsidrat. Konsegwentement, u fid-dawl tal-volum tal-produzzjoni li kien qiegħed jiżdied bil-mod (+ 1 %) matul il-perjodu kkunsidrat, il-produttività tal-forza tax-xogħol tal-industrija tal-Unjoni, imkejla bħala l-produzzjoni għal kull persuna impjegata fis-sena, żdiedet ferm iktar mit-tnaqqis fil-produzzjoni proprja. Dan juri li l-industrija tal-Unjoni kienet lesta li tadatta ruħha għall-kundizzjonijiet tas-suq li kienu qegħdin jinbidlu sabiex tibqa' kompetittiva.

4.4.2.4. *Inventarji*

(135) Il-livelli tal-ħażniet tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 13*

**L-inventarji**

| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Ħażniet tal-għeluq (tunnellati metrtiċi) | 1 270 093 | 1 119 887 | 1 201 229 | 1 190 252 | 1 075 152 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *88* | *95* | *94* | *85* |
| Il-ħażniet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni | 3,5 % | 3,3 % | 3,4 % | 3,2 % | 2,9 % |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *94* | *96* | *92* | *84* |

*Sors:* Tweġiba verifikata għall-kwestjonarju tal-Eurofer

(136) Matul il-perjodu kkunsidrat il-livell tal-ħażniet tal-għeluq naqas bi 15 %. Il-maġġoranza tat-tipi ta' prodotti simili huma mmanifatturati mill-industrija tal-Unjoni skont ordnijiet speċifiċi tal-utenti. Għalhekk, il-ħażniet ma jitqisux bħala indikatur importanti tad-dannu għal din l-industrija. Dan huwa kkonfermat ukoll mill-analiżi tal-evoluzzjoni tal-ħażniet tal-għeluq bħala perċentwal tal-produzzjoni. Kif jidher hawn fuq, dan l-indikatur baqa' relattivament stabbli għal madwar 3 % tal-volum tal-produzzjoni.

4.4.2.5. *Id-daqs tal-marġni tad-dumping*

(137) Il-marġnijiet kollha tad-dumping kienu ogħla b'mod sinifikanti mil-livell *de minimis*. L-impatt tad-daqs tal-marġnijiet għoljin attwali ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni ma kienx negliġibbli, meta tqis il-volum u l-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati.

4.4.2.6. *It-tkabbir*

(138) Il-konsum tal-Unjoni naqas b'madwar 9 % matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li l-volum tal-bejgħ tal-Industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni naqas b'14 %. L-industrija tal-Unjoni għalhekk tilfet sehem mis-suq, għall-kuntrarju tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati li żdied matul il-perjodu kkunsidrat.

4.4.3. **Indikaturi mikroekonomiċi**

4.4.3.1. *Il-prezzijiet u l-fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet*

(139) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni lill-klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 14*

**Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni**

| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-prezz tal-bejgħ (EUR/tunnellata metrika) | 657 | 619 | 571 | 545 | 534 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *94* | *87* | *83* | *81* |
| Kost tal-produzzjoni ta' unità (EUR/tunnellata metrika) | 654 | 655 | 587 | 552 | 548 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *100* | *90* | *84* | *84* |

*Sors:* Tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(140) It-tabella ta' hawn fuq turi l-evoluzzjoni tal-prezz tal-bejgħ ta' unità fis-suq ħieles tal-Unjoni meta mqabbel mal-kost tal-produzzjoni korrispondenti. Matul il-perjodu kkunsidrat, il-prezzijiet tal-bejgħ bħala medja naqsu aktar (– 19 %) mill-kost korrispondenti tagħhom (– 16 %). Barra minn hekk, il-prezzijiet tal-bejgħ bħala medja kienu aktar baxxi mill-kost tal-produzzjoni ta' unità matul il-perjodu kkunsidrat, bl-eċċezzjoni tal-2011.

(141) Sabiex jiġi limitat it-telf fis-sehem mis-suq, il-produtturi tal-Unjoni kienu mġegħlin jimitaw it-tnaqqis fil-prezz u jnaqqsu l-prezz tal-bejgħ tagħhom b'mod sinifikanti. Min-naħa l-oħra, it-tnaqqis fil-kost tal-produzzjoni jista' jiġi spjegat mit-tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima u l-gwadanji fil-produttività miksubin, l-iktar permezz tat-tnaqqis fil-forza tax-xogħol kif spjegat fit-tabella 12 iktar 'il fuq.

(142) Fost il-produtturi fil-kampjun, il-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ għall-konsum ristrett ġew ittrasferiti jew ipprovduti bi prezzijiet tat-trasferiment għall-ipproċessar ulterjuri downstream billi ntużaw politiki ta' pprezzar differenti (kost, kost b'addenda, prezz tas-suq). Għaldaqstant, ma tista' tinħareġ ebda konklużjoni siewja mill-evoluzzjoni tal-prezz tal-użu ristrett. Bl-istess mod, lanqas il-kost tal-produzzjoni tal-volum ristrett ma ġie analizzat.

4.4.3.2. *Kostijiet lavorattivi*

(143) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

*Tabella 15*

**Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull FTE**

| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-kostijiet lavorattivi medji għal kull FTE (EUR) | 60 184 | 61 231 | 64 819 | 65 849 | 66 825 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *102* | *108* | *109* | *111* |

*Sors:* Tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(144) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-paga medja għal kull impjegat żdiedet bi 11 %, li hija ftit ogħla miż-żieda ġenerali fil-prezzijiet fl-UE dovuta għall-inflazzjoni. Madankollu, dan għandu jiġi kkunsidrat fil-kuntest tat-tnaqqis kbir fl-impjegati, kif spjegat fil-premessa (134).

4.4.3.3. *Il-profittabbiltà, il-fluss ta' flus, l-investiment, ir-redditu fuq l-investimenti u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital*

(145) Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 16*

**Il-profittabilità, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redittu fuq l-investimenti**

| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-profittabilità tal-bejgħ fl-Unjoni lil konsumaturi mhux relatati (% tal-fatturat tal-bejgħ) | 0,5 % | – 5,7 % | – 2,9 % | – 1,5 % | – 2,7 % |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *– 1 200* | *– 621* | *– 317* | *– 561* |
| Fluss tal-flus ('000 EUR) | 18 943 | – 41 751 | 1 074 | 24 409 | 25 941 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *– 220* | *6* | *129* | *137* |
| Investimenti ('000 EUR) | 32 617 | 18 548 | 16 878 | 23 049 | 28 136 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *57* | *52* | *71* | *86* |
| Redditu fuq l-investiment | – 3,09 % | – 8,63 % | – 6,42 % | – 3,54 % | – 3,35 % |

*Sors:* Tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(146) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni billi esprimiet it-telf nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil konsumaturi mhux relatati fl-Unjoni bħala perċentwal tal-fatturat ta' dan il-bejgħ.

(147) Il-profittabilità żviluppat b'mod negattiv tul il-perjodu kkunsidrat minn sitwazzjoni ta' profitt baxx fl-2011 għal telf kontinwu mill-2012 (– 5,7 %) sal-perjodu tal-investigazzjoni (– 2,7 %). Filwaqt li, f'parti minnu, it-telf qawwi fis-sena 2012 huwa marbut mal-kriżi Ewropea tad-dejn u l-kriżi ekonomika sussegwenti, il-pressjoni konsiderevoli fuq il-prezzijiet u l-volumi eżerċitata fuq l-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet dejjem ikbar mill-pajjiżi kkonċernati tul il-perjodu 2013 — perjodu tal-investigazzjoni ma ppermettietx li l-industrija tal-Unjoni tibbenefika mill-irkupru batut tal-ekonomija Ewropea.

(148) Kif intqal iktar 'il fuq, fid-dawl tal-varjetà kbira fil-politiki dwar l-ipprezzar (eż. kost, kost b'addenda, prezz tas-suq) fost il-produtturi tal-UE fil-kampjun għall-volumi ristretti, ma tista' tinħareġ ebda konklużjoni siewja mill-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-użu ristrett, u lanqas mill-evoluzzjoni tal-profittabilità tal-użu ristrett.

(149) Skont parti interessata, hemm riskju li l-impjanti integrati bħal ħafna produtturi tal-UE jistgħu jimmanipolaw id-dejta dwar il-profittabilità ta' unità tal-produzzjoni individwali għall-fini tal-investigazzjoni. Madankollu, il-Kummissjoni vverifikat id-dejta mressqa mill-produtturi u kienet sodisfatta biċ-ċifri li nkisbu eventwalment.

(150) Il-fluss tal-flus nett jirrappreżenta l-kapaċità tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw huma stess l-attivitajiet tagħhom. It-tendenza fil-fluss tal-flus nett segwiet tendenza ta' żieda (+ 37 %), dovuta l-iktar għal tnaqqis fl-inventarji.

(151) Peress li r-redditu fuq l-investiment baqa' negattiv b'mod kumplessiv (madwar – 3 %), l-industrija tal-Unjoni naqqset il-livell tal-investimenti tagħha b'14 % bejn l-2011 u l-perjodu tal-investigazzjoni. Il-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital kienet affettwata mit-telf imġarrab matul il-perjodu kkunsidrat, kif jista' jidher mit-tnaqqis fl-investimenti.

4.4.4. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(152) L-industrija tal-Unjoni in ġenerali tista' żżid bi ftit il-volumi tal-produzzjoni tagħha u ttejjeb ir-rata ta' użu tal-kapaċità tagħha dovuta għaż-żieda b'saħħitha fil-konsum ristrett. Hija ħadet ukoll azzjonijiet konkreti sabiex ittejjeb l-effiċjenza billi tnaqqas il-forza tax-xogħol u l-kapaċità tal-produzzjoni u billi żżomm kontroll tajjeb fuq il-kostijiet tal-manifattura.

(153) Minkejja dawn l-azzjonijiet konkreti mill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat sabiex ittejjeb il-prestazzjoni ġenerali tagħha, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fis-suq ħieles marret għall-agħar b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat mindu t-telf beda jakkumula mill-2012 'il quddiem. Tabilħaqq, il-volumi ta' bejgħ fis-suq ħieles tal-Unjoni naqsu b'14 %, il-prezzijiet tal-bejgħ ta' unità naqsu b' 19 % filwaqt li l-kost tal-produzzjoni naqas b'16 % biss. Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni tilfet sehem mis-suq għall-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati u kellha tnaqqas l-investimenti fid-dawl tar-redditu kontinwament negattiv fuq l-investiment.

(154) Skont l-awtoritajiet Russi, il-fatt li ċerti lmentaturi għandhom l-għan li jinvestu f'pajjiżi mhux fl-UE idgħajjef l-allegazzjoni ta' dannu. Madankollu, ma hemm xejn fil-fajl li juri li t-tali investimenti huma għal prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ. Barra minn hekk, l-investimenti jidhru li jikkonċernaw kumpaniji li, għad li jista' jkun li jaqgħu taħt l-istess grupp bħall-produtturi tal-Unjoni, huma attivi fi bnadi oħrajn tad-dinja.

(155) Fuq il-bażi ta' dan li ntqal hawn fuq, jista' jiġi konkluż li l-industrija tal-Unjoni, analizzata fiż-żewġ segmenti tagħha u b'mod kumplessiv, ġarrbet dannu materjali fl-indikaturi tad-dannu ewlenin tagħha, bħal profittabilità negattiva u telf tal-volum ta' bejgħ u tas-sehem mis-suq.

5. **IL-KAWŻALITÀ**

(156) F'konformità mal-Artikolu 3(6) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati kkawżawx dannu materjali lill-industrija tal-Unjoni. Skont l-Artikolu 3(7) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat ukoll jekk fatturi magħrufin oħrajn setgħux fl-istess ħin għamlu ħsara lill-industrija tal-Unjoni. Il-Kummissjoni żgurat li kull dannu possibbli kkawżat minn fatturi oħrajn barra l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi konċernati ma kienx attribwit għall-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Dawn il-fatturi huma: il-kriżijiet ekonomiċi, il-fatt li l-produtturi tal-Unjoni mhumiex kompetittivi/effiċjenti biżżejjed, l-importazzjonijiet minn produtturi tal-Unjoni, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, il-prestazzjoni tal-bejgħ tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni, ċerti kwoti, il-prestazzjoni ta' dawk li ma lmentawx u xi kwistjonijiet tal-kapaċità.

5.1. L-EFFETTI TAL-IMPORTAZZJONIJIET OĠĠETT TA' DUMPING

(157) Bħala medja, il-prezzijiet tal-bejgħ tal-produtturi esportaturi naqsu minn EUR 624/tunnellata metrika fl-2011 għal EUR 497/tunnellata metrika matul il-perjodu tal-investigazzjoni (– 20 %). Billi baxxew kontinwament il-prezz tal-bejgħ għal kull unità tagħhom matul il-perjodu kkunsidrat, il-produtturi mill-pajjiżi kkonċernati setgħu jżidu b'mod sinifikanti s-sehem mis-suq tagħhom mill-2011 (14,3 %) sal-perjodu tal-investigazzjoni (20,1 %).

(158) Filwaqt li t-tnaqqis fid-domanda kkaġunat mill-kriżi finanzjarja kellu impatt negattiv fuq il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-2012, iż-żieda sussegwenti, kważi kontinwa, fl-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati li jwaqqgħu l-prezzijiet kellha effett negattiv ċar fuq il-prestazzjoni tal-industrija tal-Unjoni. Tabilħaqq, filwaqt li l-industrija tal-Unjoni kienet qiegħda tnaqqas il-kostijiet tagħha billi tnaqqas l-impjiegi u tibbenefika mit-tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima, l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping baqgħu jiżdiedu u ġiegħlu lill-industrija tal-Unjoni tnaqqas saħansitra iktar il-prezzijiet tal-bejgħ tagħha fl-Unjoni sabiex tillimita t-telf mis-sehem tagħha

tas-suq. Barra minn hekk, il-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni uriet titjib ħafif billi fl-2014 it-telf naqas, il-volum tal-importazzjonijiet żdied iktar u l-prezzijiet komplew jonqsu fil-perjodu tal-investigazzjoni li komplew ibaxxu l-prezzijiet u l-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni.

(159) Minħabba l-koinċidenza stabbilita b'mod ċar fiż-żmien bejn, minn naħa waħda, il-livell li baqa' jiżdied tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet dejjem jonqsu u, min-naħa l-oħra, it-telf tal-volum tal-bejgħ u d-dipressjoni fil-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni li rriżultaw f'sitwazzjoni ta' telf, huwa konkluż li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping kienu responsabbli għas-sitwazzjoni dannuża tal-industrija tal-Unjoni.

(160) Barra minn hekk, it-tnaqqis progressiv fir-ritmu ekonomiku taċ-Ċina u, skont il-fajl, il-kapaċità żejda ferm sinifikanti tal-industrija tal-azzar taċ-Ċina ġiegħlu lill-produtturi tal-azzar Ċiniżi sabiex jimmiraw il-produzzjoni eċċessiva tagħhom lejn swieq tal-esportazzjoni u s-suq tal-Unjoni huwa destinazzjoni attraenti għall-esportazzjonijiet. Tabilħaqq, numru kbir ta' swieq tal-esportazzjoni tradizzjonalment importanti oħrajn imponew jew qegħdin jikkunsidraw li jimponu miżuri kontra prodotti tal-azzar Ċiniżi kif ukoll Russi, inklużi prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ, għaliex il-prezzijiet jitwaqqgħu b'mod artifiċjali minħabba importazzjonijiet inġusti li jwasslu għal kompetizzjoni dannuża. Bl-impożizzjoni dejjem ikbar ta' miżuri ta' difiża kummerċjali madwar id-dinja, is-suq tal-Unjoni sar wieħed mill-iktar destinazzjonijiet attraenti għall-importazzjonijiet Ċiniżi u Russi oġġett ta' dumping, għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni. Din il-konklużjoni hija kkonfermata mill-iktar statistiċi riċenti tal-Eurostat dwar l-importazzjonijiet li juru li l-importazzjonijiet Ċiniżi u Russi komplew jiżdiedu mindu ntemm il-perjodu tal-investigazzjoni. Il-volumi tal-importazzjonijiet f'Settembru 2015 kienu 48 % ogħla milli f'April 2015, filwaqt li l-prezzijiet medji ta' dawn l-importazzjonijiet baqgħu jonqsu.

## 5.2. L-EFFETTI TA' FATTURI OĦRAJN

### 5.2.1. **Il-kriżijiet ekonomiċi**

(161) Il-kriżi finanzjarja dinjija kkaġunat tiċkin fid-domanda fl-Unjoni u tnaqqis fil-prezzijiet tal-bejgħ.

(162) Parti qajmet għadd ta' argumenti li jixħtu dawl fuq l-ispeċifiċitajiet tas-sena 2012 (kriżi taż-żona tal-euro) għas-suq tal-Unjoni tal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ u kkontestat il-fatt li l-industrija tal-Unjoni kienet affettwata mill-importazzjonijiet Ċiniżi matul dak il-perjodu. B'mod simili, produtturi Russi ssuġġerew li t-tnaqqis fir-ritmu ekonomiku tas-suq fl-2012 kien il-kawża tad-dannu li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni.

(163) L-investigazzjoni ma kkonfermatx it-tali allegazzjonijiet. Minn naħa, anki li kieku s-suq tal-Unjoni tal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ kien affettwat mill-kriżijiet, jiġifieri matul is-snin 2008-2009 u fl-2012, is-suq kien qiegħed jirkupra bil-mod mill-effetti tagħhom b'domanda tas-suq relattivament stabbli, iżda staġnata. L-awtoritajiet Russi rrikonoxxew l-irkupru kajman tal-ikbar konsumatur tal-prodotti tal-azzar fl-Unjoni, l-industrija tal-bini. Min-naħa l-oħra, filwaqt li bejn l-2012 u l-2013 l-industrija tal-Unjoni setgħet tibbenefika mill-irkupru tas-suq, ma setgħetx tagħmel dan minħabba żieda ikbar fl-importazzjonijiet mir-RPĊ u r-Russja. L-importazzjonijiet irħas gradwalment żdiedu u ħatfu ishma mis-suq għad-detriment tal-industrija tal-Unjoni. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni partikolari fl-2012 ma għadx ikollha impatt kruċjali fuq it-tendenza matul il-perjodu itwal tal-analiżi u xorta waħda jidher ċar li l-pressjoni kontinwa tal-importazzjonijiet bdiet tinħass bis-saħħa kollha fl-2012.

(164) L-esklużjoni tal-2012 mill-analiżi tal-effett fuq il-volum mitluba mill-parti ma tqisitx li hija ġġustifikata. It-tendenzi jkunu qegħdin jinjoraw element importanti, u b'hekk ma jkunux preċiżi.

(165) Jista' jiġi konkluż b'mod provviżorju li l-kriżijiet ekonomiċi mhumiex il-kawża sottostanti tad-dannu lill-industrija tal-Unjoni u li dawn ma jkissrux il-kawżalità bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu lill-industrija tal-Unjoni.

### 5.2.2. **Il-produtturi tal-Unjoni mhumiex kompetittivi/effiċjenti biżżejjed**

(166) Ċerti partijiet interessati allegaw li l-produtturi tal-Unjoni ma kinux kompetittivi biżżejjed minħabba l-kostijiet komparattivament ogħla u li d-dannu allegat jirriżulta mill-ineffiċjenza tal-ilmentaturi.

(167) L-awtoritajiet Russi rreferew għall-kostijiet għoljin tal-produzzjoni tal-kumpaniji Ewropej tal-azzar, b'mod partikolari mill-modernizzazzjoni ambjentali tal-produzzjoni tal-metallurġija fl-Unjoni. Akkużaw b'mod partikolari l-istabbiliment tal-limiti settorjali fuq l-emissjonijiet tal-gass serra u t-tariffi dejjem ikbar għall-emissjonijiet tad-diossidu tal-karbonju u l-kostijiet tal-konformità mar-rekwiżiti regolatorji fil-qasam tal-politika ambjentali u tal-klima għall-kumpaniji Ewropej.

(168) Madankollu, fit-tweġiba tagħha għal din l-allegazzjoni, l-Eurofer saħqet li, fuq il-bażi tal-ilment, il-kostijiet tal-prodotti mibjugħin tal-ilmentaturi naqsu fis-sena li għaliha allegatament iġġarrbu l-kostijiet tal-konformità mar-rekwiżiti regolatorji. Barra minn hekk, ta' min jgħid li l-bosta regolamenti ambjentali implimentati fl-Unjoni ġeneralment mhumiex riċenti u l-investigazzjoni uriet li s-sehem tal-kostijiet tal-konformità ambjentali huwa moderat u, b'hekk, ma kellu ebda impatt qawwi fuq l-operazzjonijiet tal-impjanti tal-azzar tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(169) Il-produtturi Russi kkontestaw is-solidità tal-investimenti li għamlu l-ilmentaturi fl-2011-2012 u ż-żieda tal-kapaċità fl-2011. Attribwew il-profittabilità mnaqqsa għad-deċiżjonijiet kummerċjali tal-industrija tal-Unjoni stess u d-dannu għan-nuqqas ta' ħila tal-ilmentaturi li jirripożizzjonaw irwieħhom fid-dawl ta' kompetizzjoni globali. Madankollu, l-investigazzjoni uriet li d-deċiżjonijiet kummerċjali li ttieħdu matul il-perjodu kkunsidrat ġew ivvalutati bir-reqqa. L-investimenti, upstream u downstream, saru sabiex tiżdied l-effiċjenza, titjieb il-kwalità tal-prodott, jiġu żviluppati prodotti ferm teknoloġiċi u jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet dejjem iktar varjati tal-klijenti. Tabilħaqq, il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni naqset bi 3 % matul il-perjodu kkunsidrat (ara t-tabella 5). Barra minn hekk, il-kapaċità ta' produzzjoni tal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ mhijiex kompletament iddedikata għas-suq tal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ per se, peress li l-produzzjoni tal-azzar irrumblat ċatt fil-kiesaħ tintuża wkoll għal attivitajiet downstream, kif indikat fit-taqsima 4.2. L-impatt tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni huwa spjegat hawn taħt.

### 5.2.3. **Tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima u tal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ fis-suq globali**

(170) Fil-fehma ta' bosta partijiet, il-prezzijiet tal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ tal-produtturi tal-Unjoni u tal-pajjiżi kkonċernati jsegwu tendenza tal-prezzijiet ta' madwar id-dinja u, bażikament, jirriflettu l-prezzijiet li dejjem qegħdin jonqsu tal-materja prima. Parti minnhom allegat ukoll li l-ilmentaturi naqsu milli jieħdu vantaġġ mill-fatt li l-kostijiet tal-materja prima qegħdin jonqsu u b'hekk inaqqsu l-kostijiet medji tal-prodotti li jbigħu.

(171) Madankollu, jekk tendenza ġenerali ta' tnaqqis fil-prezzijiet tal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ seta' kellha ċertu rwol, il-prezzijiet dejjem jonqsu fis-suq tal-Unjoni ma jistgħux jiġu attribwiti biss għal sitwazzjoni ġenerali dinjija bħal din.

(172) L-ewwel nett, l-iżvilupp tal-prezzijiet tal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ fil-kuntest internazzjonali juri differenzi reġjonali. Il-pajjiżi b'kapaċitajiet limitati installati, bħall-Brażil jew l-Arġentina, għandhom impatt relattivament baxx fuq il-proċess ta' stabbiliment tal-prezzijiet globali u l-iżvilupp tal-prezzijiet huwa inqas volatili. Għall-kuntrarju, fi swieq tal-azzar stabbiliti, il-produtturi domestiċi jikkompetu ma' ħafna sorsi tal-importazzjoni, u dan iwassal għal pressjoni dejjem ikbar fuq il-prezzijiet u, konsegwentement, tnaqqis tal-prezzijiet. Din is-sitwazzjoni tkompli titgħarraq mill-prezzijiet tad-dumping.

(173) It-tieni, anki jekk ir-RPĊ u r-Russja huma fost l-iktar pajjiżi li jikkonsmaw azzar fid-dinja, iż-żewġ pajjiżi għandhom kapaċità żejda sinifikanti. B'hekk, il-produtturi mir-RPĊ u r-Russja huma inċentivati li jesportaw l-eċċess tal-produzzjoni tagħhom bi prezzijiet baxxi, u b'hekk iħallu impatt u joħolqu distorsjoni fuq il-prezzijiet globali.

(174) It-tielet, kif innotat l-Eurofer, il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati naqsu iktar mit-tnaqqis fil-prezzijiet tal-materja prima/materjal upstream matul l-istess perjodu. Din l-osservazzjoni hija kkonfermata mill-paragun bejn il-kost tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni, li b'kollox naqas b'16 % matul il-perjodu kkunsidrat, filwaqt li l-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet naqsu b'20 % matul l-istess perjodu. Inkella, għad li t-tnaqqis fil-kost tal-produzzjoni ma kienx dovut biss għal kost inqas għall-materja prima użata iżda anki għall-gwadanji fl-effiċjenza miksubin mill-produtturi tal-Unjoni (ara l-premessa (134)), xorta waħda kien għadu inqas mit-tnaqqis fil-prezzijiet tal-importazzjoni mir-RPĊ u r-Russja.

(175) F'kundizzjonijiet ġusti tas-suq, l-industrija tal-Unjoni kienet tkun tista' żżomm il-livelli tal-prezzijiet tal-bejgħ tagħha sabiex tieħu l-benefiċċji minn tnaqqis fil-kostijiet u terġa' ssir profittabbli. Madankollu, il-produtturi tal-Unjoni kellhom jibqgħu jnaqqsu l-prezz tal-bejgħ tagħhom u, wara l-perjodu tal-investigazzjoni, il-prezzijiet baqgħu jonqsu sal-inqas livelli storiċi.

5.2.4. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

(176) Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 17*

**Il-volum tal-importazzjonijiet (tunnellati metriċi) u s-sehem mis-suq**

| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-volum tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi | 854 281 | 381 049 | 478 244 | 586 829 | 647 710 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *45* | *56* | *69* | *76* |
| Is-sehem mis-suq | 10,9 % | 5,6 % | 6,5 % | 8,2 % | 9,1 % |
| Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Ukrajna | 228 125 | 134 423 | 156 809 | 158 265 | 174 020 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *59* | *69* | *69* | *76* |
| Is-sehem mis-suq | 2,9 % | 2,0 % | 2,1 % | 2,2 % | 2,4 % |
| Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Indja | 87 071 | 58 993 | 68 136 | 101 873 | 138 038 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *68* | *78* | *117* | *159* |
| Is-sehem mis-suq | 1,1 % | 0,9 % | 0,9 % | 1,4 % | 1,9 % |
| Il-volum tal-importazzjonijiet mill-Iran | 2 343 | 1 271 | 521 | 82 072 | 70 782 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *54* | *22* | *3 503* | *3 021* |
| Is-sehem mis-suq | 0,0 % | 0,0 % | 0,0 % | 1,1 % | 1,0 % |

*Sors:* L-Eurostat

(177) L-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati jikkostitwixxu l-maġġoranza kbira tal-importazzjonijiet kollha fl-Unjoni. L-importazzjonijiet l-oħrajn naqsu b'-24 % matul il-perjodu kkunsidrat; jiġifieri iktar mit-tnaqqis fil-konsum tas-suq ħieles tal-Unjoni. B'hekk, is-sehem fis-suq tat-tali importazzjonijiet naqas minn 10,9 % fl-2011 għal 9,1 % fil-perjodu tal-investigazzjoni.

(178) Bosta partijiet interessati argumentaw li, allegatament, l-effetti tal-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi ġew sottovalutati, jiġifieri f'termini tal-prestazzjoni u r-rati ta' tkabbir tagħhom. B'mod partikolari, l-awtoritajiet Russi u l-produtturi Russi qiesu li l-ilmentatur issottovaluta l-fattur tal-importazzjonijiet dejjem ikbar minn pajjiżi oħrajn, speċjalment mill-Indja u l-Ukrajna. Parti interessata minnhom saħqet li l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ mill-Iran u l-Ukrajna saru bi prezzijiet saħansitra inqas minn dawk tal-importazzjonijiet mir-RPĊ u r-Russja u li, flimkien, dawn jirrappreżentaw 12,3 % tal-importazzjonijiet totali fl-Unjoni.

(179) L-ewwel nett, bħalissa ma hemm ebda evidenza li l-importazzjonijiet mill-Indja, l-Iran jew l-Ukrajna huma oġġett ta' dumping fis-suq tal-Unjoni.

(180) Barra minn hekk, fuq il-bażi taċ-ċifri disponibbli permezz tal-Eurostat, u l-konsum ikkalkolat fis-suq tal-Unjoni, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet imsemmijin iktar 'il fuq huwa baxx. Għad li s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-Indja, l-Iran u l-Ukrajna f'daqqa żdied minn 4,1 % fl-2011 għal 5,4 % fil-perjodu tal-investigazzjoni, l-ishma mis-suq individwali tagħhom varjaw bejn 1 % u 2,4 % biss. B'hekk, huwa improbabbli li sorsi ta' importazzjoni bħal dawn kellhom l-impatt li allegaw il-partijiet interessati u ma jkissrux ir-rabta kawżali.

(181) Minkejja dan, il-Kummissjoni sejra tissorvelja mill-qrib l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni tas-suq u, jekk ikun hemm bżonn, tista' tieħu l-miżuri xierqa biex tindirizza d-dumping mill-pajjiżi msemmijin hawn fuq.

### 5.2.5. **Il-prestazzjoni tal-bejgħ tal-esportazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni**

(182) Il-volum tal-esportazzjonijiet tal-produtturi tal-Unjoni żviluppa kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

*Tabella 18*

**Il-prestazzjoni tal-esportazzjonijiet**

| | 2011 | 2012 | 2013 | 2014 | PI |
|---|---|---|---|---|---|
| Il-volum tal-esportazzjonijiet lil klijenti mhux relatati | 767 756 | 784 562 | 755 574 | 766 223 | 799 362 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *102* | *98* | *100* | *104* |
| Il-prezz medju (EUR/t) | 639 | 606 | 565 | 553 | 557 |
| *Indiċi (2011 = 100)* | *100* | *95* | *88* | *87* | *87* |

*Sors:* Tweġiba vverifikata għall-kwestjonarju tal-Eurofer u tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun

(183) Il-volum tal-esportazzjonijiet lil konsumaturi mhux relatati baqa' stabbli bejn l-2011 u l-2014 qabel ma żdied b'4 % fil-perjodu tal-investigazzjoni. F'dak li għandu x'jaqsam mal-prezzijiet, dawn naqsu b'mod sinifikanti bi – 13 % matul il-perjodu kkunsidrat; jiġifieri inqas mill-prezz fis-suq tal-Unjoni (– 19 %).

(184) Parti ddikjarat li ż-żieda fil-bejgħ esportat turi l-kompetittività tal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ li ġejjin mill-UE fis-suq globali u turi wkoll li l-ilmentaturi sejrin tajjeb.

(185) Madankollu, kwalunkwe żieda fil-bejgħ esportat għandha titqies bħala miżura ta' awtodifiża mill-produtturi tal-Unjoni għal niċeċ profittabbli fis-swieq tal-esportazzjoni sabiex iżommu użu għoli biżżejjed tal-kapaċità u jħarsu l-impjiegi fl-Unjoni. Iż-żieda hija marbuta wkoll mal-fatt li ċerti produtturi tal-Unjoni huma atturi globali li jridu jsegwu lill-klijenti tagħhom meta jinvestu fi swieq ġodda qabel ma s-sussidjarji lokali jieħdu f'idejhom il-provvista lit-tali konsumaturi.

(186) F'dan ir-rigward, huwa osservat li l-esportazzjonijiet lil konsumaturi mhux relatati baqgħu stabbli bejn l-2011 u l-2014, u bdew jiżdiedu biss fil-perjodu tal-investigazzjoni (+ 4 %). It-tali żieda fl-esportazzjonijiet kienet tikkonċerna swieq speċifiċi, bħall-Istati Uniti, ir-RPĊ u l-Alġerija, u kienet tikkonsisti l-iktar fi prodotti b'valur miżjud għoli u speċjalizzat, li għalihom l-industrija tal-Unjoni għandha vantaġġ kompetittiv f'termini tal-kwalità u l-affidabbiltà tal-provvista. Għall-kuntrarju, skont l-Eurofer, l-esporazzjonijiet lejn pajjiżi li huma iktar orjentati lejn il-komoditajiet naqset.

(187) Fuq il-bażi tad-dejta fl-ilment, parti interessata minnhom allegat ukoll li l-kwantitajiet ikbar ta' esportazzjonijiet inbiegħu bit-telf u, għalhekk, kellhom impatt negattiv fuq il-profittabilità tal-industrija tal-Unjoni in ġenerali. Din l-allegazzjoni hija bla bażi. Kif intqal iktar 'il fuq, iż-żieda fil-bejgħ esportat lil konsumaturi mhux relatati sar

l-iktar fil-perjodu tal-investigazzjoni. Huwa osservat ukoll li l-bejgħ esportat ma kienx jirrappreżenta iktar minn 12 % sa 14 % tal-bejgħ totali lil konsumaturi mhux relatati u li l-prezzijiet tal-esportazzjonijiet naqsu inqas mill-prezzijiet fl-Unjoni u kienu ferm ogħla minn dawk fi tmiem il-perjodu kkunsidrat.

### 5.2.6. **Il-kwistjonijiet tal-kapaċità li jaffettwaw l-industrija tal-Unjoni.**

(188) Ċerti partijiet interessati ddikjaraw li l-problemi strutturali tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni bħall-kapaċità żejda kienu l-kaġuni tad-dannu lill-industrija tal-Unjoni. Fuq l-istess nota, l-awtoritajiet Russi osservaw li, b'konformità mal-pubblikazzjoni tal-OECD "Excess Capacity in the Global Steel Industry and the Implications of New Investment Projects" (2014), il-kapaċità żejda qiegħda tagħmel il-ħsara lill-industrija globali tal-azzar u, fost l-oħrajn, qiegħda twassal għal prezzijiet baxxi.

(189) Madankollu, l-industrija tal-Unjoni ħadet passi sabiex tindirizza kwalunkwe eċċess potenzjali fil-kapaċità u l-produzzjoni tal-azzar kumplessivi tagħha sabiex tadatta għall-iżviluppi riċenti tas-suq. Fuq il-bażi tad-dejta tal-OECD ([1]), il-kapaċità tal-azzar hija mistennija tiżdied madwar id-dinja, ħlief għall-Unjoni. It-Tabella 9 ta' hawn fuq turi li l-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni naqset bi 3 % matul il-perjodu kkunsidrat. Għall-kuntrarju ta' dan, il-kapaċità tal-produzzjoni ta' ħafna mill-produtturi esportaturi li kkooperaw fil-pajjiżi kkonċernati żdiedet matul l-istess perjodu.

### 5.2.7. **L-importazzjonijiet magħmula mill-industrija tal-Unjoni**

(190) Il-produtturi Russi argumentaw li l-importazzjonijiet tal-ilmentaturi mir-RPĊ u r-Russja jissuġġerixxu awtoleżjoni ċara u li l-ilmentaturi ma jistgħux jitħallew jisfruttaw sitwazzjoni li ġabu b'idejhom stess.

(191) F'dan ir-rigward, l-ilmentaturi jiddikjaraw li huma gruppi tal-azzar integrati b'fergħat tan-negozjar li joperaw b'mod separat mill-impjanti tal-produzzjoni. Il-fergħat tan-negozjar, li huma ħielsa li jixtru l-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ li jeħtieġu minn bosta sorsi, ġieli sabu pressjoni feroċi mill-klijenti sabiex jiksbu l-orħos materjal possibbli u, allegatament, għażlu li jġibu sehem limitat ħafna minn dak li jeħtieġu mill-importazzjonijiet, inkluż mir-RPĊ u r-Russja, sabiex jiżguraw u jżommu r-relazzjonijiet kummerċjali tagħhom. Din il-kwistjoni diġà ġiet rikonoxxuta fl-ilment fir-rigward ta' wħud mill-produtturi tal-Unjoni.

(192) Madankollu, ma jistax jiġi ddikjarat b'mod raġonevoli li d-dannu li ġarrbet l-industrija tal-Unjoni ġabitu b'idejha minħabba dawn l-importazzjonijiet. Dawn l-importazzjonijiet saru biss minn uħud mill-produtturi tal-Unjoni, jirrappreżentaw volumi baxxi (bejn 0-5 % tal-bejgħ tal-ilmentaturi, magħmulin minn fergħat tan-negozjar tal-produtturi tal-Unjoni) u saru bħala miżura ta' awtodifiża temporanja bħala reazzjoni kontra l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezzijiet baxxi mir-RPĊ u r-Russja.

### 5.2.8. **L-eżistenza ta' ftehim li qabel kien applikabbli fuq il-kummerċ f'ċerti prodotti tal-azzar bejn ir-Russja u l-Unjoni**

(193) L-awtoritajiet Russi semmew il-ftehimiet kummerċjali li kienu japplikaw fl-imgħoddi bejn l-Unjoni u r-Russja fis-settur tal-azzar sabiex jiddikjaraw li "l-volum tal-importazzjonijiet Russi stabbilit fit-tali Ftehim tqies li mhuwiex dannuż u l-volum (attwali) għadu konformi mal-volum stipulat fil-Ftehim". B'mod simili, il-produtturi Russi jiddikjaraw li l-kwoti inklużi f'dawn il-ftehimiet sussegwenti tqiesu li ma kinux dannużi u li l-mekkaniżmu ta' salvagwardja stipulat fil-ftehimiet qatt ma tfittex, u wisq inqas kien hemm bżonn li jiġi implimentat.

(194) Madankollu, dawn id-dikjarazzjonijiet huma bla bażi. Minn naħa, l-informazzjoni fil-fajl turi li l-kwoti kienu għoljin wisq wara l-kriżi ekonomika minħabba l-fatt li ma kinux ġew riveduti. Il-ftehimiet inkwistjoni, datati lura għal Ottubru tal-1997, spiss kienu jiġu nnegozjati (eż. fil-kuntest tat-tkabbir tal-Unjoni) iżda l-kwoti qatt ma ġew aġġustati b'mod sostanzjali 'l isfel sabiex jitqiesu l-iżviluppi l-ġodda fis-suq. Barra minn hekk, il-kwoti relevanti koprew firxa ta' prodotti ferm usa' mill-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ, inklużi prodotti downstream. Il-kwoti sħaħ qatt ma kienu previsti biss għal prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ.

(195) Ir-raġunijiet li għalihom l-importazzjonijiet Russi issa saru problema ikbar għas-suq tal-Unjoni milli fl-imgħoddi huma bbażati sempliċiment fuq il-fatt li ż-żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet mir-Russja, flimkien mal-prezzijiet baxxi dovuti għal dumping, issa qegħdin ifixklu s-suq tal-Unjoni iktar tant li ma jistgħux jitqabblu mal-perjodi preċedenti.

([1]) http://www.oecd-ilibrary.org/docserver/download/5js65x46nxhj.pdf?expires=1450430707&id=id&accname=guest&checksum=E0DE6D6E5A5D07EAEAFAFF9326A72404.

5.2.9. **Dawk li mhumiex jilmentaw potenzjalment qegħdin jikkaġunaw dannu għall-industrija tal-Unjoni**

(196) Ċerti partijiet interessati ddikjaraw li dawk li mhumiex jilmentaw ma kinux qegħdin iġarrbu xi dannu u li, fil-fatt, kienu qegħdin jikkaġunaw dannu lill-industrija tal-Unjoni. Huma ddikjaraw li l-industrija tal-Unjoni hija maqsuma fi produtturi li rnexxew li jħarsu 'l quddiem (jiġifieri dawk li mhumiex jilmentaw) u oħrajn (l-ilmentaturi). Huma jargumentaw li l-qagħda attwali tal-ilmentaturi ma tistax tiġi attribwita lill-importazzjonijiet Russi peress li dawk li mhumiex jilmentaw, li jirrappreżentaw 24 % tal-produzzjoni tal-Unjoni tal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ, jisbqu bil-bosta l-ilmentaturi fir-rigward ta' għadd ta' indikaturi tad-dannu.

(197) Dawn l-allegazzjonijiet huma bla bażi. L-ewwel nett, huwa prinċipju importanti ta' kwalunkwe proċediment ta' difiża kummerċjali li l-parteċipazzjoni fit-tali proċediment issir fuq bażi volontarja. It-tieni, uħud mill-konklużjonijiet ta' dannu huma bbażati fuq il-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, li jirrappreżentaw l-industrija kollha tal-Unjoni fid-dawl tat-taqsima 1.5.1.

(198) It-tielet, filwaqt li huwa minnu li l-produtturi li mhumiex jilmentaw jidhru li żiedu l-livelli tal-produzzjoni tagħhom, dan għandu jiġi kkunsidrat fid-dawl tal-fatt li wħud minn dawn l-impjanti tal-produzzjoni huma produtturi attivi fis-settur downstream ukoll, bħall-azzar irrumblat ċatt fil-kiesaħ galvanizzat fiż-żingu mdewweb. Volumi ta' produzzjoni ikbar mhux bilfors li jfissru profittabilità ikbar u pożizzjoni aħjar fis-suq tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, dan jista' jindika li dawn l-impjanti tal-produzzjoni jippreferew li jiffokaw l-attivitajiet tagħhom fuq prodotti iktar niċċa, b'valur miżjud għoli, minflok ma jikkompetu mal-esporazzjonijiet oġġetti ta' dumping miċ-Ċina u r-Russja fis-suq tal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ.

(199) Ir-raba', il-produtturi li qegħdin jilmentaw jirrappreżentaw 89 % mill-produzzjoni totali tal-impjanti tal-Unjoni, għajr ir-riromblaturi, matul il-perjodu tal-investigazzjoni. B'hekk, l-impjanti lmentaturi huma ferm iktar rappreżentattivi tal-industrija tal-Unjoni in ġenerali u l-fatt, kemm jekk stabbilit jew le, li ċerti produtturi fl-Unjoni qed jirnexxilhom imorru aħjar fis-suq tal-Unjoni jista' jkun ir-riżultat ta' bosta fatturi li ma jixħtux dubju fuq il-fatt li, b'mod ġenerali, l-industrija tal-Unjoni qed tbati mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Il-ħames, f'termini ta' bejgħ, għad li l-produtturi li mhumiex jilmentaw jaf marru ftit aħjar, għad li qed jistagħġnaw, mill-produtturi li qed jilmentaw, it-tendenza nqalbet mill-2014.

(200) Barra minn hekk, l-informazzjoni fil-fajl tissuġġerixxi li r-riromblaturi jinsabu wkoll taħt l-istess pressjoni qawwija biex ibaxxu l-prezzijiet fis-suq tal-Unjoni u s-sitwazzjoni tagħhom tista' titqabbel ma' dik tal-impjanti integrati tal-Unjoni.

(201) Bħala konklużjoni, jidher li l-produtturi li mhumiex jilmentaw ma marrux aħjar mill-produtturi lmentaturi u li s-sitwazzjoni tagħhom, speċjalment fid-dawl tas-sehem tagħhom mill-produzzjoni tal-Unjoni, mhijiex tali li tkisser ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni ġenerali.

5.3. KONKLUŻJONI DWAR IL-KAWŻALITÀ

(202) Kawżalità kienet stabbilita b'mod provviżorju bejn id-dannu mġarrab mill-produtturi tal-Unjoni u l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati.

(203) Il-Kummissjoni ddistingwiet u sseparat l-effetti tal-fatturi magħrufa kollha dwar is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni mill-effetti dannużi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Il-fatturi l-oħrajn identifikati bħall-kriżi ekonomika, l-allegazzjoni li l-industrija tal-Unjoni mhijiex kompetittiva u/jew effiċjenti biżżejjed, l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, ir-rwol ta' dawk li mhumiex jilmentaw, il-prestazzjoni tal-bejgħ għall-esportazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni jew il-kapaċità żejda tal-industrija tal-Unjoni, instabu b'mod provviżorju li ma kinux qed jiksru l-kawżalità, anki meta jitqies l-effett ikkombinat possibbli tagħhom. Il-kriżi u t-tnaqqis fil-konsum kif ukoll ir-razzjonalizzazzjoni tal-industrija tal-Unjoni jista' jkun li kkontribwixxew b'xi mod għad-dannu, iżda fin-nuqqas tal-prezzijiet li dejjem qed jonqsu tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni żgur li ma kinitx tkun affettwata b'mod tant sinifikanti. B'mod partikolari, il-prezzijiet tal-bejgħ ma kinux jonqsu f'livelli tant baxxi u kienet tinkiseb profittabilità aħjar.

(204) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet f'dan l-istadju li d-dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati u li l-fatturi l-oħra, meqjusin b'mod individwali jew kollettivament, ma kissrux il-kawżalità.

## 6. **L-INTERESS TAL-UNJONI**

(205) F'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk setgħetx b'mod ċar tikkonkludi li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li tadotta miżuri f'dan il-każ, minkejja d-determinazzjoni ta' dumping dannuż. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq valutazzjoni tal-bosta interessi involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-utenti.

### 6.1. L-INTERESS TAL-INDUSTRIJA TAL-UNJONI

(206) L-industrija tal-Unjoni tinsab fi 17-il Stat Membru (ir-Renju Unit, Franza, il-Ġermanja, ir-Repubblika Slovakka, l-Italja, is-Slovenja, il-Lussemburgu, il-Greċja, il-Belġju, il-Polonja, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Finlandja, l-Iżvezja, il-Portugall, l-Ungerija u Spanja) u tħaddem madwar 20 000 impjegat b'rabta mal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ.

(207) Tlettax-il produttur ikkooperaw matul l-investigazzjoni. Ħadd mill-produtturi magħrufin ma oppona li tinbeda investigazzjoni. Kif intwera aktar 'il fuq fl-analiżi tal-indikaturi tad-dannu, l-industrija kollha tal-Unjoni esperjenzat deterjorament tas-sitwazzjoni tagħha u ntlaqtet b'mod negattiv mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(208) Huwa mistenni li l-impożizzjoni tad-dazji provviżorji antidumping se tirrestawra kundizzjonijiet tal-kummerċ ġust fis-suq tal-Unjoni, u twaqqaf id-dipressjoni tal-prezzijiet u tippermetti lill-industrija tal-Unjoni tirkupra. Dan jista' jirriżulta f'titjib tal-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni lejn livelli meqjusin neċessarji għal din l-industrija b'użu intensiv ta' kapital. L-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mill-pajjiżi kkonċernati. Wieħed ifakkar li ħafna mill-indikaturi ta' dannu urew tendenza negattiva matul il-perjodu kkunsidrat. B'mod partikolari, l-indikaturi tad-dannu relatati mal-prestazzjoni finanzjarja tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun, bħall-profittabilità u r-redditu fuq l-investiment, ġew affettwati serjament. Għalhekk huwa importanti li l-prezzijiet jitreġġgħu lura għal-livell mhux oġġett ta' dumping jew tal-anqas mhux dannuż sabiex il-produtturi varji kollha jkunu jistgħu joperaw fis-suq tal-Unjoni taħt ċirkostanzi ta' kummerċ ġust. Fin-nuqqas ta' miżuri, huwa probabbli ħafna li jkun hemm deterjorament ulterjuri fis-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni. Prestazzjoni ħażina fis-segment tal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ iħalli impatt fuq is-segmenti downstream u upstream ta' ħafna produtturi tal-Unjoni peress li l-użu tal-kapaċità f'dawn is-segmenti huwa marbut mill-qrib mal-produzzjoni tal-prodott investigat.

(209) Għaldaqstant, ġie konkluż b'mod provviżorju li l-impożizzjoni ta' dazji antidumping tkun fl-interess tal-industrija tal-Unjoni. Kull impożizzjoni ta' miżuri antidumping sejra tippermetti lill-industrija tal-Unjoni tirkupra mill-effetti tad-dumping dannuż li nstab.

### 6.2. L-INTERESS TAL-IMPORTATURI MHUX RELATATI

(210) Kif indikat fil-premessa (12), kumpanija waħda biss mill-erbgħa fil-kampjun ipprovdiet tweġiba għall-kwestjonarju. Barra minn hekk, l-investigazzjoni sabet li mit-tlettax-il kumpanija li daħlu f'kuntatt fl-istadju tal-kampjunar, l-ebda waħda minnhom ma kkwalifikat bħala importatur pur mhux relatat. Tabilħaqq, ħafna mill-partijiet li ġew ikkuntattjati għall-ewwel kienu fil-fatt (gruppi ta') ċentri tas-servizzi tal-azzar, ġeneralment b'relazzjonijiet mal-industrija tal-Unjoni jew partijiet fil-pajjiżi kkonċernati. Il-Kummissjoni fittxet kooperazzjoni ulterjuri mingħand iktar importaturi mhux relatati fi stadju iktar tard iżda ebda importatur mhux relatat li kien daħal f'kuntatt fl-istadju tal-kampjunar ma kien eventwalment lest li jipprovdu lill-Kummissjoni bi tweġiba għall-kwestjonarju.

(211) L-investigazzjoni uriet li żieda fil-prezzijiet ikkaġunata mill-miżuri, jekk kien hemm waħda, ma jkollhiex impatt dirett fuq l-importaturi mhux relatati. Fil-prinċipju, ma hemm ebda evidenza li l-importaturi jew iċ-ċentri tas-servizzi tal-azzar jaf ma jkunux jistgħu jgħaddu ż-żidiet fil-prezzijiet lill-konsumaturi tagħhom. Barra minn hekk, jistgħu jimportaw ukoll minn pajjiżi oħrajn li mhumiex soġġetti għal din l-investigazzjoni.

(212) Assoċjazzjoni Taljana li tirrappreżenta 32 ċentru ta' servizzi Taljani ddikjarat li l-importazzjonijiet huma meħtieġa għall-kumpaniji attivi fis-settur tad-distribuzzjoni għaliex id-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-provvista tiggarantixxi provvisti siguri u affidabbli lill-klijenti tagħhom. Dan huwa allegatament tħassib peress li l-produtturi Taljani tal-azzar irumblat ċatt fil-kiesaħ għamlu investimenti f'linji tal-galvanizzazzjoni (jiġifieri naqqsu l-bejgħ tal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ fis-suq ħieles tal-Unjoni) u kellhom xi problemi fil-produzzjoni u l-vjeġġi bi prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ, li ġabu magħhom inċertezza fis-suq nazzjonali Taljan.

(213) F'dan ir-rigward, huwa osservat li d-dazji għandhom jikkontribwixxu għal sigurtà kontinwa tal-provvista għall-klijenti tad-distributuri. Mingħajr dazji, uħud mill-produtturi tal-azzar irrumblat ċatt fil-kiesaħ fl-Unjoni jaf ikollhom jagħlqu/inaqqsu l-attivitajiet tal-produzzjoni tal-azzar irrumblat ċatt fil-kiesaħ u jħallu lil ħafna utenti tal-Unjoni b'sorsi limitati tal-provvista. Barra minn hekk, il-livell tal-miżuri se jwassal għal kundizzjonijiet ekwi iżda xorta waħda jippermetti li jsiru importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati (bi prezzijiet ġusti) u sorsi oħrajn.

(214) L-aħħar ħaġa, grupp ta' ċentri tas-servizzi tal-azzar li kkoopera indika li huwa favur miżuri fit-terminu qasir-medju bħala mezz biex jiġu megħjuna l-impjanti tal-Unjoni.

(215) Fid-dawl ta' dan, huwa konkluż b'mod provviżorju li l-impożizzjoni ta' miżuri mhux se jkollha effetti sostanzjalment negattivi fuq l-interess tal-importaturi tal-Unjoni.

6.3. L-INTERESS TAL-UTENTI

(216) L-industriji ewlenin tal-utenti finali għall-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ huma s-settur awtomobilistiku, l-apparati domestiċi ("white goods"), is-settur tal-bini u firxa kbira ta' prodotti industrijali. Utenti kbar (bħal dawk li jappartjenu għas-settur awtomobilistiku jew dak tal-apparati domestiċi) ma kkooperawx fil-proċedura.

(217) Tliet utenti biss fil-Latvja b'importazzjonijiet mir-Russja kkooperaw fl-investigazzjoni. Id-dazji li jaffettwaw il-prodotti Russi tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ jista' jkollhom impatt fuq tal-inqas wieħed minnhom. Iżda minħabba d-daqs u l-attivitajiet speċifiċi tagħhom, dawn l-utenti ma jistgħux jitqiesu li jirrappreżentaw l-impatt tad-dazji tal-utenti ġenerali tal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ tal-Unjoni.

(218) Skont ma qalet assoċjazzjoni Taljana li tirrappreżenta 32 ċentru tas-servizzi Taljani, il-miżuri jwasslu sabiex iktar utenti kbar fil-gruppi industrijali jitilqu mill-Italja, u semmiet lil Electrolux u lil Whirlpool. Allegatament, il-proċess ta' tluq beda xi żmien ilu, jagħmel il-ħsara lill-ekonomija sħiħa tal-Italja u għandu implikazzjonijiet soċjali negattivi dovuti għat-telfien tal-impjiegi.

(219) Anki jekk ma jistax jiġi kkontestat li d-dazji jistgħu jaffettwaw lill-utenti b'mod negattiv fl-astratt f'termini ta' prezzijiet tax-xiri ogħla, ma hemm xejn fil-fajl li jikkonferma li għall-utenti Taljani l-kostijiet tal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ tant huma sinifikanti (meta mqabblin mal-kostijiet totali) li jaffettwaw il-profittabilità u jwasslu għat-tluq ta' gruppi industrijali kbar. Il-livell ta' dazji propost lanqas ma jidher li huwa projbittiv. Barra minn hekk, xejn ma jikkonferma jekk l-utenti fi swieq mhux Taljani jistgħux ikunu qed jesperjenzaw jew humiex sejrin jesperjenzaw l-istess bħal dak li huwa allegat għall-utenti Taljani — skont l-assoċjazzjoni Taljana msemmija iktar 'il fuq, l-ispeċifiċitajiet tas-suq Taljan huma bosta.

(220) Xi partijiet qalu li l-miżuri sejrin jipprevjenu lill-industriji downstream tal-Unjoni milli jkollhom aċċess għal prodotti bi prezzijiet raġonevoli. Żewġ utenti Latvjani, importatur Portugiż żgħir u importatur Pollakk żgħir żiedu li ċertu produtturi Russi biss li magħhom għandhom relazzjonijiet storiċi jbigħu ċerti tipi ta' prodotti u li, b'mod ġenerali, l-interessi tan-negozji ż-żgħar fl-Unjoni ġew injorati (meta mqabblin ma' dawk tal-produtturi tal-azzar tal-Unjoni).

(221) Dawn l-allegazzjonijiet huma miċħudin. Rigward it-tieni punt, l-interessi tan-negozji ż-żgħar fl-Unjoni ġew ikkunsidrati fid-dawl tal-informazzjoni għad-dispożizzjoni. Anki jekk ma jistax jiġi kkontestat li d-dazji jistgħu jaffettwaw lill-utenti b'mod negattiv fl-astratt f'termini ta' prezzijiet tax-xiri ogħla, ma hemm xejn fil-fajl li jikkonferma li l-kostijiet tal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ huma tant sinifikanti (meta mqabblin mal-kostijiet totali) għalihom. Barra minn hekk, il-kostijiet ikbar jistgħu jingħaddew 'il quddiem (f'parti minnhom). Il-livell ta' dazji propost lanqas ma jidher li huwa għoli wisq.

(222) Barra minn hekk, prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ huma komodità mmanifatturata mhux biss f'bosta pajjiżi tal-Unjoni, iżda anki f'bosta pajjiżi li diġà qegħdin jesportaw lejn l-Unjoni bi prezzijiet raġonevoli. Għalhekk, il-biża' ta' aċċess limitat għal prodotti bi prezzijiet raġonevoli u n-nuqqas ta' disponibilità ta' gradi speċifiċi ħafna jidher li huwa bla bażi.

(223) Fid-dawl ta' dan, huwa konkluż b'mod provviżorju li l-impożizzjoni ta' miżuri mhux ser ikollha xi impatt negattiv sproporzjonat fuq l-utenti.

### 6.4. INTERESSI OĦRAJN

(224) Parti interessata minnhom iddikjarat li l-miżuri se jrażżnu l-irkupru ta' ħafna industriji ewlenin, jaffettwaw b'mod negattiv l-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, u jwasslu għal tnaqqis fid-domanda u fil-benessri tal-konsumatur.

(225) Din l-allegazzjoni, li ma kinitx sostanzjata iktar, ġiet miċħuda. L-industrija tal-azzar għandha post strateġiku fl-Unjoni f'termini tat-tkabbir ekonomiku, l-innovazzjoni u l-impjiegi. Konsegwentement, il-miżuri li jgħinu lill-industrija tal-Unjoni huma mistennijin isaħħu l-innovazzjoni, it-tkabbir u l-impjiegi fl-Unjoni sħiħa.

(226) Fid-dawl tal-piż tal-ilmentaturi meta mqabblin mal-produzzjoni sħiħa tal-Unjoni tal-azzar irrumblat ċatt fil-kiesaħ u s-sehem mis-suq sinifikanti tal-industrija tal-Unjoni, uħud mill-partijiet interessati indikaw li jibżgħu li ser ikun hemm inqas kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni, li se jinħolqu kumpaniji dominanti u li se jinħoloq riskju ta' oligopolija mill-produtturi tal-Unjoni.

(227) Ebda parti ma pprovdiet xi evidenza għal dawn l-allegazzjonijiet. Għaldaqstant id-dikjarazzjoni ġiet miċħuda. Il-kompetizzjoni żgur li se tkompli fis-suq tal-Unjoni, permezz tal-preżenza ta' bosta atturi fis-suq mill-UE u mhux mill-UE u l-prezzijiet bħala fattur importanti tal-kompetittività. Il-miżuri fil-livell propost ma għandhomx iwaqqfu l-importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati. L-importazzjonijiet, inklużi dawk mill-pajjiżi li bħalissa huma assoċjati ma' prattiki ta' dumping, se jkunu fil-pożizzjoni li jikkompetu liberament fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet ġusti.

(228) Fil-fehma ta' parti interessata minnhom, il-miżuri aktarx li jkollhom impatt negattiv għall-partijiet li jirrappreżentaw interessi ferm ikbar u usa' minn dawk tal-ilmentaturi. Allegatament, l-industriji downstream jipprovdu ħafna iktar impjiegi milli allegat fiċ-"ċ-ċifri vagi identifikati b'mod donnu arbitrarju mill-ilmentaturi". Madankollu, peress li ma ġiet ipprovdut ebda kwantifikazzjoni ta' impatt bħal dan u lanqas figuri tal-impjiegi, l-allegazzjonijiet ma setgħux jiġu kontroverifikati. L-istess ġara bid-dikjarazzjoni rigward impatt fuq il-konsumaturi, li saret b'mod miftuħ ħafna mill-produtturi Russi li kkooperaw. B'hekk, il-Kummissjoni wettqet l-analiżi tal-interess tal-Unjoni fuq il-bażi tal-elementi fil-fajl li jistgħu jiġu investigati u kkwantifikati b'mod raġonevoli.

### 6.5. KONKLUŻJONI DWAR L-INTERESS TAL-UNJONI

(229) Fid-dawl ta' dan li ntqal hawn fuq, qiegħed jiġi konkluż b'mod provviżorju li l-impożizzjoni tal-miżuri tikkontribwixxi għall-irkupru tal-industrija tal-Unjoni u tippermetti għal investimenti speċifiċi u R&Ż sabiex il-produtturi tal-Unjoni tal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ ikunu ppreparati aħjar għall-ġejjieni u jsaħħu l-kompetittività tagħhom.

(230) L-industrija tal-Unjoni diġà għamlet ristrutturar qawwi fl-imgħoddi (riċenti). Mingħajr dazji, uħud mill-produtturi tal-Unjoni tal-azzar irrumblat ċatt fil-kiesaħ jaf ikollhom jagħlqu/inaqqsu l-attivitajiet tal-produzzjoni tal-azzar irrumblat ċatt fil-kiesaħ, ikeċċu lil mijiet ta' impjegati u jħallu lil ħafna utenti tal-Unjoni b'sorsi limitati tal-provvista.

(231) L-impatt tal-miżuri fuq il-ftit partijiet l-oħrajn tal-Unjoni li daħlu f'kuntatt ma jistax jitqies li huwa sostantiv. Ma hemm xejn fil-fajl li juri li l-impatt potenzjali fuq atturi oħrajn (li ma daħlux f'kuntatt) jista' jisboq l-effett pożittiv tal-miżuri fuq l-industrija tal-Unjoni. Huwa meqjus li l-miżuri huma ta' benefiċċju għall-industriji upstream bħall-fornituri ta' materja prima u produtturi tal-makkinarju, li ma jfornux (jew ifornu sa ċertu punt limitat) lil produtturi fil-pajjiżi kkonċernati. L-impożizzjoni tal-miżuri fil-livell propost għandha impatt limitat biss fuq il-prezzijiet tal-katina tal-provvista u l-prestazzjoni tal-utenti. Il-livell tal-miżuri se jwassal għal kundizzjonijiet ekwi iżda xorta waħda jippermetti li jsiru importazzjonijiet mill-pajjiżi kkonċernati bi prezzijiet ġusti. L-utenti finali u l-konsumaturi huma mistennijin jibbenefikaw minn suq kompetittiv ġust, inkluż sors lokali tal-provvista li kapaċi jaqdi l-ħtiġijiet u t-talbiet tagħhom permezz ta' prodotti ta' kwalità aħjar bis-saħħa tar-R&Ż u titjib fit-teknoloġija. Il-prezz se jibqa' jkun determinant importanti, iżda fuq bażi ġusta.

(232) Wara li qieset kollox, f'dan l-istadju tal-investigazzjoni l-Kummissjoni tikkonkludi li ma hemmx raġunijiet persważivi li mhuwiex fl-interess tal-Unjoni li timponi miżuri provviżorji fuq importazzjonijiet tal-prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati.

## 7. **MIŻURI PROVVIŻORJI ANTIDUMPING**

(233) Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet li waslet għalihom il-Kummissjoni fir-rigward tad-dumping, il-ħsara, il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni, għandhom jiġu imposti miżuri antidumping provviżorji sabiex ma jippermettux li ssir aktar ħsara lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping.

(234) Il-konklużjonijiet ma jistgħux jiġu kompromessi mill-allegazzjonijiet tal-partijiet Ċiniżi li bħalissa r-RPĊ kienet fil-mira tal-ilmentaturi għaliex, jekk ir-RPĊ tiġi ttrattata bħala pajjiż b'ekonomija tas-suq minn tmiem l-2016, fil-prinċipju l-marġnijiet tad-dumping ikunu inqas minn hemm 'il quddiem. Din l-allegazzjoni hija miċħuda. Tabilħaqq, indipendentement minn dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-investigazzjoni kkonfermat li l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina bħalissa qegħdin jikkaġunaw dannu materjali għall-industrija tal-Unjoni.

## 7.1. LIVELL TA' ELIMINAZZJONI TAL-ĦSARA (MARĠNI TAD-DANNU)

(235) Sabiex jiġi ddeterminat il-livell ta' dawn il-miżuri, il-Kummissjoni l-ewwel stabbilixxiet l-ammont ta' dazju neċessarju sabiex jiġi eliminat id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(236) Id-dannu jiġi eliminat jekk l-industrija tal-Unjoni tkun kapaċi tkopri l-ispejjeż tal-produzzjoni tagħha u tagħmel profitt qabel it-taxxa mill-bejgħ tal-prodott simili fis-suq tal-Unjoni li jista' jinkiseb b'mod raġonevoli f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni minn industrija ta' dan it-tip fis-settur, jiġifieri fin-nuqqas ta' importazzjonijiet oġġett ta' dumping. Bl-eċċezzjoni tas-sena 2011, il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni kienet negattiva matul il-perjodu kollu kkunsidrat. Barra minn hekk, matul il-perjodu kollu kkunsidrat kien hemm preżenza sinifikanti, fis-suq tal-Unjoni, ta' importazzjonijiet bi prezzijiet baxxi mill-pajjiżi kkonċernati.

(237) Fl-ilment, l-ilmentatur talab lill-Kummissjoni sabiex tuża 10-15 % (medda mogħtija għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità) mill-fatturat bħala marġni tal-profitt mhux dannuż raġonevoli, li ddikjara li kien il-profitt medju qabel it-taxxa fuq il-bejgħ li għażlu ż-żewġ produtturi lmentaturi rappreżentanti tal-Unjoni fl-2010. Madankollu, din id-dikjarazzjoni ma kinitx sostanzjata biżżejjed.

(238) F'investigazzjonijiet preċedenti rigward prodotti simili — ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi tal-azzar inossidabbli ([1]), ta' ċerti tubi u pajpijiet iwweldjati tal-ħadid jew tal-azzar mhux illigat ([2]) jew GEOS ([3]), kien ikkunsidrat li marġini ta' profitt ta' 5 % seta' jitqies bħala livell xieraq li l-industrija tal-Unjoni setgħet tistenna li tikseb fin-nuqqas ta' dumping dannuż. Prodotti tal-azzar irrumblati ċatt fil-kiesaħ huma simili f'bosta aspetti għall-prodotti msemmijin iktar 'il fuq — minerali tal-ħadid, faħam tal-kokk, ċerti ligi huma partijiet importanti mill-kost tal-produzzjoni tagħhom u jsirulhom proċessi simili (fran, operazzjoni ta' rromblar). Marġni tal-profitt ta' 5 % jidher li huwa raġonevoli f'għajnejn il-produtturi Russi wkoll. Għaldaqstant, tqies b'mod provviżorju li marġni ta' profitt ta' 5 % huwa raġonevoli wkoll għas-settur tal-manifattura tal-azzar irrumblat ċatt fil-kiesaħ.

(239) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkalkolat prezz mhux dannuż tal-prodott simili għall-industrija tal-Unjoni billi żiedet il-marġni ta' profitt imsemmi hawn fuq ta' 5 % mal-ispejjeż tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

(240) Imbagħad, il-Kummissjoni ddeterminat il-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu fuq il-bażi ta' tqabbil tal-prezz ta' importazzjoni medju ponderat tal-produtturi esportaturi li kkooperaw tal-pajjiżi kkonċernati, aġġustat kif xieraq għall-ispejjeż tal-importazzjoni u d-dazji doganali, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezzijiet, mal-prezz mingħajr dannu medju ponderat tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi fil-kampjun tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ingħatat bħala perċentwal tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjoni.

## 7.2. MIŻURI PROVVIŻORJI

(241) Għandhom jiġu imposti miżuri provviżorji antidumping fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mill-pajjiżi kkonċernati, skont ir-regola tad-dazju inferjuri fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni qabblet il-marġnijiet tad-dannu u l-marġnijiet tad-dumping. L-ammont tad-dazji għandu jkun stabbilit fil-livell il-baxx tal-marġnijiet tad-dumping u dak tad-dannu.

([1]) ĠU L 336, 20.12.2011, p. 6.
([2]) ĠU L 343, 19.12.2008, p. 1.
([3]) ĠU L 284, 30.10.2015, p. 109.

(242) Fuq il-bażi ta' dan li ntqal hawn fuq, ir-rati ta' dazju antidumping provviżorji, mogħtija skont il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazji doganali mhux imħallsa, għandhom ikunu kif ġej:

(%)

| Il-pajjiż | Il-kumpanija | Il-marġni tad-dumping | Il-marġni tad-dannu | Id-dazju provviżorju |
|---|---|---|---|---|
| Ir-RPĊ | Angang Group | 59,1 | 13,8 | 13,8 |
| | Shougang Group | 52,7 | 16,0 | 16,0 |
| | Kumpaniji oħrajn li kkooperaw | 56,9 | 14,5 | 14,5 |
| | Il-kumpaniji kollha l-oħrajn | 59,1 | 16,0 | 16,0 |
| Ir-Russja | MMK Magnitogorsk | 19,8 | 21,9 | 19,8 |
| | PAO Severstal | 25,4 | 27,2 | 25,4 |
| | OJSC Novolipetsk Steel | 26,2 | 28,1 | 26,2 |
| | Il-kumpaniji kollha l-oħrajn | 26,2 | 28,1 | 26,2 |

(243) Ir-rati tad-dazju antidumping ta' kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tal-konklużjonijiet ta' din l-investigazzjoni. Għaldaqstant, dawn jirriflettu l-qagħda li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Dawn ir-rati ta' dazju huma applikabbli esklussivament għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mill-pajjiżi kkonċernati u li huwa mmanifatturat mill-entitajiet legali msemmijin. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija b'mod speċifiku fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk imsemmijin b'mod speċifiku, għandhom ikunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji kollha l-oħrajn". Ma għandhomx ikunu soġġetti għal xi rata individwali ta' dazju antidumping.

(244) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju antidumping individwali jekk tibdel l-isem tal-entità tagħha jew tistabbilixxi entità ta' produzzjoni jew ta' bejgħ ġdida. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni ([1]). It-talba għandha tkun tinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha, inkluż: modifika fl-attivitajiet tal-kumpanija marbuta mal-produzzjoni; il-bejgħ domestiku u għall-esportazzjoni assoċjat ma', pereżempju, il-bidla fl-isem jew il-bidla fl-entitajiet ta' produzzjoni u bejgħ. Il-Kummissjoni se taġġorna l-lista ta' kumpaniji b'dazji individwali tal-antidumping, jekk dan ikun iġġustifikat.

(245) Sabiex ir-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba differenza fir-rati ta' dazju jinżammu kemm jista' jkun baxxi, huma meħtieġa miżuri speċjali biex tkun żgurata l-applikazzjoni tad-dazji antidumping individwali. Kumpaniji b'dazji individwali tal-antidumping għandhom jippreżentaw fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati minn dik il-fattura sejrin ikunu soġġetti għad-dazju antidumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha".

(246) Biex ikun żgurat infurzar xieraq tad-dazji antidumping, id-dazju antidumping għall-kumpaniji kollha l-oħrajn għandu jkun applikat mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, imma anke għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni.

## 8. REĠISTRAZZJONI

(247) Kif intqal iktar 'il fuq fil-premessa 3, il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw u jintbagħtu mir-RPĊ u r-Russja soġġetti għar-reġistrazzjoni permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2325. Dan sar fid-dawl tal-possibbiltà tal-applikazzjoni retroattiva tal-miżuri antidumping, skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku. Ir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet għandha tieqaf. F'dan l-istadju tal-proċediment ma tista' tittieħed l-ebda deċiżjoni dwar l-applikazzjoni retroattiva possibbli tal-miżuri antidumping.

([1]) European Commission, Directorate-General for Trade, Directorate H, Rue de la Loi 170, 1049 Brussels, Belgium.

## 9. **DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

(248) Fl-interessi ta' amministrazzjoni tajba, il-Kummissjoni se tistieden lill-partijiet interessati biex iressqu kummenti bil-miktub u/jew jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew l-Uffiċjal tas-Seduta għad-DĠ Kummerċ fi żmien skadenza fissa.

(249) Il-konklużjonijiet li jikkonċernaw l-impożizzjoni ta' dazji provviżorji huma provviżorji u jistgħu jiġu emendati fl-istadju definittiv tal-investigazzjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Huwa impost dazju provviżorju antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti rrumblati ċatt tal-ħadid jew tal-azzar mhux-liga, jew ta' azzar liga ieħor iżda mhux tal-istainless steel, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), mhux miksijin, indurati jew mgħottijin, u mhux maħdumin iktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet tan- CN ex 7209 15 00 (kodiċi TARIC 7209 15 00 90), 7209 16 90, 7209 17 90, 7209 18 91, ex 7209 18 99 (kodiċi TARIC 7209 18 99 90), ex 7209 25 00 (kodiċi TARIC 7209 25 00 90), 7209 26 90, 7209 27 90, 7209 28 90, 7211 23 30, ex 7211 23 80 (kodiċijiet TARIC 7211 23 80 19, 7211 23 80 95 u 7211 23 80 99), ex 7211 29 00 (kodiċijiet TARIC 7211 29 00 19 u 7211 29 00 99), 7225 50 80 u 7226 92 00 u li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa.

It-tipi ta' prodotti li ġejjin huma esklużi mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat:

— prodotti rrumblati ċatt tal-ħadid jew azzar mhux-liga, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), mhux miksijin, indurati jew mgħottijin, mhux maħduma aktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ, f'koljaturi jew le, ta' kull ħxuna, elettriċi,

— prodotti ta' ħadid jew ta' azzar mhux-liga rrumblati ċatt, ta' kull wisa', irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), mhux miksijin, indurati jew mgħottijin, f'koljaturi, ta' ħxuna ta' inqas minn 0,35 mm, ittemprati (magħrufa bħala "pjanċi suwed"),

— prodotti rrumblati ċatt ta' azzar liga ieħor, ta' kull wisa', tal-azzar silikon-elettriku, u

— prodotti rrumblati ċatt ta' azzar liga, mhux maħdumin aktar ħlief irrumblati fil-kiesaħ (imnaqqsin bla sħana), ta' azzar għal veloċità għolja.

2. Ir-rati tad-dazju provviżorju antidumping applikabbli għall-prezz nett, bla ħlas fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u mmanifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt, se jkunu kif ġej:

| Il-pajjiż | Il-kumpanija | Ir-rata tad-dazju provviżorju (%) | Il-Kodiċi Addizzjonali TARIC |
|---|---|---|---|
| Ir-RPĊ | Angang Steel Company Limited, *Anshan* | 13,8 | C97 |
| | Tianjin Angang Tiantie Cold Rolled Sheets Co. Ltd., Tianjin | 13,8 | C98 |
| | Kumpaniji oħrajn li kkoperaw elenkati fl-Anness | 14,5 | |
| | Il-kumpaniji kollha l-oħrajn | 16,0 | C999 |
| Ir-Russja | Magnitogorsk Iron & Steel Works OJSC, Magnitogorsk | 19,8 | C099 |
| | PAO Severstal, Cherepovets | 25,4 | C100 |
| | Il-kumpaniji kollha l-oħrajn | 26,2 | C999 |

3. L-applikazzjoni tar-rata individwali tad-dazju speċifikata għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun bil-kundizzjoni li tkun ippreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fiha jidhru dikjarazzjoni ddatata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ din il-fattura, identifikat minn ismu/isimha u l-kariga, abbozzata kif ġej: "Jien, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ sabiex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie mmanifatturat minn (isem il-kumpanija u l-indirizz) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi (pajjiż ikkonċernat). Niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta." Jekk ma tiġi ppreżentata ebda fattura bħal din, għandha tkun tapplika r-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji kollha l-oħrajn".

4. Ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 huwa soġġett għall-għoti ta' depożitu ta' garanzija ekwivalenti għall-ammont tad-dazju provviżorju.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

*Artikolu 2*

1. Fi żmien 25 jum kalendarju mid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, il-partijiet interessati jistgħu:

(a) jitolbu l-iżvelar tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie adottat dan ir-Regolament;

(b) jippreżentaw il-kummenti tagħhom bil-miktub lill-Kummissjoni; kif ukoll

(c) jitolbu smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċeduri kummerċjali.

2. Fi żmien 25 jum kalendarju mid-data li fiha jidħol fis-seħħ dan ir-Regolament, il-partijiet imsemmijin fl-Artikolu 21(4) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 jistgħu jikkummentaw fuq l-applikazzjoni tal-miżuri provviżorji.

*Artikolu 3*

1. L-awtoritajiet doganali huma bil-preżenti ordnati li ma jkomplux bir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet stabbilita skont l-Artikolu 1 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2325.

2. Id-dejta miġbura fir-rigward ta' prodotti li jkunu ddaħħlu mhux iktar minn 90 jum qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament se tinżamm sakemm jiddaħħlu fis-seħħ miżuri definittivi possibbli, jew sakemm jintemm dan il-proċediment.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikolu 1 japplika għal perjodu ta' sitt xhur.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Frar 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

**PRODUTTURI ESPORTATURI ĊINIŻI LI KKOOPERAW MHUX INKLUŻI FIL-KAMPJUN**

| Pajjiż | Isem | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| RPĊ | Hebei Iron and Steel Co., Ltd., Shijiazhuang | C103 |
| RPĊ | Handan Iron & Steel Group Han-Bao Co., Ltd., Handan | C104 |
| RPĊ | Baoshan Iron & Steel Co., Ltd., Shanghai | C105 |
| RPĊ | Shanghai Meishan Iron & Steel Co., Ltd., Nanjing | C106 |
| RPĊ | BX Steel POSCO Cold Rolled Sheet Co., Ltd., Benxi | C107 |
| RPĊ | Bengang Steel Plates Co., Ltd, Benxi | C108 |
| RPĊ | WISCO International Economic & Trading Co. Ltd., Wuhan | C109 |
| RPĊ | Maanshan Iron & Steel Co., Ltd., Maanshan | C110 |
| RPĊ | Tianjin Rolling-one Steel Co., Ltd., Tianjin | C111 |
| RPĊ | Zhangjiagang Yangtze River Cold Rolled Sheet Co., Ltd., Zhangjiagang | C112 |
| RPĊ | Inner Mongolia Baotou Steel Union Co., Ltd., Baotou City | C113 |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/182**

**tal-11 ta' Frar 2016**

**li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva piraflufen-etil, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Billi:

(1) Kif stipulat fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ([2]), l-approvazzjoni tas-sustanza attiva pirflufen-etil tiskadi fit-30 ta' Ġunju 2016.

(2) Tressqet applikazzjoni għat-tiġdid tal-inklużjoni tal-piraflufen-etil fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([3]), bi qbil mal-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1141/2010 ([4]), u fil-perjodu stipulat fl-istess Artikolu.

(3) L-applikant ressaq id-dossiers supplimentari meħtieġa b'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 1141/2010. L-Istat Membru relatur sab li l-applikazzjoni kienet kompluta.

(4) L-Istat Membru relatur ħejja rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid b'konsultazzjoni mal-Istat Membru korelatur u ppreżentah lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem: "l-Awtorità") u lill-Kummissjoni fl-10 ta' Jannar 2014.

(5) L-Awtorità bagħtet ir-rapport ta' valutazzjoni tat-tiġdid lill-applikant u lill-Istati Membri għall-kummenti tagħhom, u għaddiet il-kummenti li waslulha lill-Kummissjoni. L-Awtorità qiegħdet ukoll is-sommarju tad-dossier supplimentari għad-dispożizzjoni tal-pubbliku.

(6) Fit-22 ta' Jannar 2015 ([5]), l-Awtorità bagħtet lill-Kummissjoni l-konklużjoni tagħha dwar jekk il-piraflufen-etil jistax ikun mistenni li jissodisfa l-kriterji għall-approvazzjoni stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Fit-13 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni ressqet l-abbozz tar-rapport ta' rieżami tal-piraflufen-etil lill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

(7) Dwar wieħed jew aktar mill-użi rappreżentattivi ta' mill-inqas prodott wieħed tal-protezzjoni tal-pjanti li fih is-sustanza attiva, ġie stabbilit li l-kriterji għall-approvazzjoni stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 huma ssodisfati. Għaldaqstant, dawk il-kriterji għall-approvazzjoni jitqiesu li ntlaħqu.

(8) Il-valutazzjoni tar-riskju għat-tiġdid tal-approvazzjoni tal-piraflufen-etil hija msejsa fuq għadd limitat ta' użi rappreżentattivi, li madankollu ma jillimitawx l-użi li għalihom jistgħu jiġu awtorizzati l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-piraflufen-etil. Għaldaqstant, jixraq li r-restrizzjoni fuq l-użi bħala erbiċida ma tibqax issehh.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE of 15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 230, 19.8.1991, p. 1).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1141/2010 tas-7 ta' Diċembru 2010 li jistabbilixxi l-proċedura għat-tiġdid tal-inklużjoni tat-tieni grupp ta' sustanzi attivi fl-Anness I għad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE u li jistabbilixxi l-lista ta' dawk is-sustanzi (ĠU L 322, 8.12.2010, p. 10).

([5]) The EFSA Journal 2015; 13(2):4001. Disponibbli onlajn fuq: www.efsa.europa.eu.

(9) Għalhekk, jixraq li tiġġedded l-approvazzjoni tal-piraflufen-etil.

(10) Skont l-Artikolu 20(3) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, flimkien mal-Artikolu 13(4) tiegħu, l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 għandu jiġi emendat kif xieraq.

(11) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1885 [1] tawwal iż-żmien sal-iskadenza tal-piraflufen-etil għat-30 ta' Ġunju 2016 biex ikun hemm biżżejjed żmien ħa jitlesta l-proċess tat-tiġdid qabel l-iskadenza tal-approvazzjoni ta' dik is-sustanza. Billi d-deċiżjoni favur it-tiġdid ttieħdet qabel din id-data ta' skadenza mtawla, dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' April 2016.

(12) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza attiva**

L-approvazzjoni tas-sustanza attiva piraflufen-etil iġġeddet kif stabbilit fl-Anness I.

*Artikolu 2*

**Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011**

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ u data tal-applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' April 2016.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

[1] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1885 tal-20 ta' Ottubru 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodi ta' approvazzjoni tas-sustanzi attivi 2,4-D, Aċibenżolar-s-metil, Amitrol, Bentażon, Ċjalofop-butil, Dikwat, Esfenvalerat, Famoksadon, Flumjoksażina, DPX KE 459 (flupirsulfuron-metil), Glifosat, Iprovalikarb, Isoproturon, Lambda-Ċjalotrina, Metalaksil-M, Metsulfuron-metil, Pikolinafen, Prosulfuron, Pimetrożina, Piraflufen-etil, Tijabendażol, Tifensulfuron-metil u Triasulfuron (ĠU L 276, 21.10.2015, p. 48).

*ANNESS I*

| L-Isem Komuni, In-Numri ta' Identifikazzjoni | L-Isem IUPAC | Il-Purità (1) | Id-data tal-approvazzjoni | L-iskadenza tal-approvazzjoni | Id-dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|
| Piraflufen-etil<br>Nru tal-CAS 129630-19-9<br>Nru tas-CIPAC 605.202 | etil [2-kloro-5-(4-kloro-5-difluworometossi-1-metilpirażol-3-il)-4-fluworofenossi]aċetat | ≥ 956 g/kg | L-1 ta' April 2016 | Il-31 ta' Marzu 2031 | Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' rieżami dwar il-piraflufen-etil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu.<br>F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari:<br>— lill-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi,<br>— lill-protezzjoni ta' pjanti terrestri mhux fil-mira.<br>Fejn ikun rilevanti l-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju. |

(1) Jinsabu aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva fir-rapport ta' rieżami.

*ANNESS II*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat kif ġej:

(1) fil-Parti A, tithassar l-entrata nru 24 dwar il-piraflufen-etil;

(2) fil-Parti B, tiżdied l-entrata li ġejja:

| Numru | L-Isem Komuni, In-Numri ta' Identifikazzjoni | L-Isem IUPAC | Il-Purità ([1]) | Id-data tal-approvazzjoni | L-iskadenza tal-approvazzjoni | Id-dispożizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|---|
| "95 | piraflufen-etil<br>Nru tal-CAS 129630-19-9<br>Nru tas-CIPAC 605.202 | etil [2-kloro-5-(4-kloro-5-difluworometossi-1-metilpirażol-3-il)-4-fluworofenossi]aċetat | ≥ 956 g/kg | L-1 ta' April 2016 | Il-31 ta' Marzu 2031 | Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' rieżami dwar il-piraflufen-etil, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu.<br>F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri għandhom jagħtu attenzjoni partikolari:<br>— lill-protezzjoni tal-organiżmi akkwatiċi,<br>— lill-protezzjoni ta' pjanti terrestri mhux fil-mira.<br>Fejn ikun rilevanti, il-kundizzjonijiet tal-użu għandhom jinkludu miżuri għall-mitigazzjoni tar-riskju." |

([1]) Jinsabu aktar dettalji dwar l-identità u l-ispeċifikazzjoni tas-sustanza attiva fir-rapport ta' rieżami.

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/183

## tal-11 ta' Frar 2016

## li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 li jalloka lill-Istati Membri, għall-finijiet tal-proċedura ta' tiġdid, l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi li l-approvazzjoni tagħhom tiskadi sal-31 ta' Diċembru 2018

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 686/2012 ([2]) jalloka lill-Istati Membri, għall-finijiet tal-proċedura ta' tiġdid, l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi li l-approvazzjoni tagħhom tiskadi sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018, filwaqt li jinnomina relatur u korelatur għal kull sustanza attiva. Jixraq li tiġi allokata l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi li l-approvazzjoni tagħhom tiskadi sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021.

(2) Dik l-allokazzjoni għandha ssir b'tali mod li jinkiseb bilanċ fir-rigward tad-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet u l-ħidma bejn l-Istati Membri.

(3) Għalhekk, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 għandu jiġi emendat skont dan.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 jiġi emendat kif ġej:

(1) It-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 686/2012 tas-26 ta' Lulju 2012 li jalloka lill-Istati Membri, għall-finijiet tal-proċedura ta' tiġdid, l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi".**

(2) L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.
([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 686/2012 tas-26 ta' Lulju 2012 li jalloka lill-Istati Membri, għall-finijiet tal-proċedura ta' tiġdid, l-evalwazzjoni tas-sustanzi attivi li l-approvazzjoni tagħhom teskadi sal-31 ta' Diċembru 2018 l-aktar tard (ĠU L 200, 27.7.2012, p. 5).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 686/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-kelma "ANNESS" tinbidel b'dan li ġej:

*"ANNESS*

PARTI A

**L-allokazzjoni tal-evalwazzjoni ta' sustanzi attivi li l-approvazzjoni tagħhom tiskadi sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018"**

(2) Tiżdied il-Parti B li ġejja:

"PARTI B

**L-allokazzjoni tal-evalwazzjoni ta' sustanzi attivi li l-approvazzjoni tagħhom tiskadi mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2018 U mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021**

| Sustanza attiva | Stat Membru Relatur | Stat Membru Korelatur |
|---|---|---|
| 1-Dekanol | PL | IT |
| 1-Naftilaċetammid (1-NAD) | HU | FR |
| Aċidu 1-naftilaċetiku (1-NAA) | HU | FR |
| Ester metiliku tal-aċidu 2,5-diklorobenżojku | FR | AT |
| 2-Fenilfenol (inkl. il-melħ sodiku tal-ortofenilfenol) | ES | EL |
| 6-Benżiladenina | SE | NL |
| 8-Idrossikinolina inkl. l-ossikinoleina | ES | NL |
| Abamektina (magħruf ukoll bħala avermektina) | AT | MT |
| Aċidu aċetiku | AT | NL |
| Aklonifen | NL | NO |
| Akrinatrina | FR | ES |
| Sulfat tal-aluminju u tal-ammonju | IE | UK |
| Fosforu tal-aluminju | AT | EE |
| Silikat tal-aluminju (magħruf ukoll bħala kaolin) | EL | FR |
| Sulfat tal-aluminju | NL | CZ |
| Ażimsulfuron | EL | FR |
| Ażossistrobina | UK | NO |
| *Bacillus thuringiensis* sottospeċi *Aizawai* r-razza ABTS-1857 | NL | DE |
| *Bacillus thuringiensis* sottospeċi *Aizawai* r-razza GC-91 | NL | DE |

| Sustanza attiva | Stat Membru Relatur | Stat Membru Korelatur |
|---|---|---|
| *Bacillus thuringiensis* sottospeċi *Israeliensis* (serotip H-14) ir-razza AM65-52 | SE | ES |
| *Bacillus thuringiensis* sottospeċi *Kurstaki* r-razza ABTS 351 | DK | NL |
| *Bacillus thuringiensis* sottospeċi *Kurstaki* r-razza EG 2348 | DK | NL |
| *Bacillus thuringiensis* sottospeċi *Kurstaki* r-razza PB 54 | DK | NL |
| *Bacillus thuringiensis* sottospeċi *Kurstaki* r-razza SA 11 | DK | NL |
| *Bacillus thuringiensis* sottospeċi *Kurstaki* r-razza SA12 | DK | NL |
| *Bacillus thuringiensis* sottospeċi *Tenebrionis* ir-razza NB 176 (TM 14 1) | IT | DE |
| *Beauveria bassiana* r-razza ATCC 74040 | DE | NL |
| *Beauveria bassiana* r-razza GHA | DE | NL |
| Benfluralin | NO | NL |
| Bensulfuron | IT | ES |
| Bifentrin | BE | HU |
| Bispiribak | IT | PT |
| Dqiq tad-demm | AT | LT |
| Bromadiolon | IT | RO |
| Bromukonażol | BE | CZ |
| Bupirimat | NL | UK |
| Buprofeżin | IT | AT |
| Karbur tal-kalċju | EE | CZ |
| Karbonat tal-kalċju | ES | HU |
| Fosforu tal-kalċju | AT | DE |
| Karbetammid | UK | FR |
| Diossidu tal-karbonju | FR | AT |
| Karbossina | HR | LV |
| Klormekwat | UK | IT |
| Klorsulfuron | PL | EL |
| Kletodim | SE | LT |

| Sustanza attiva | Stat Membru Relatur | Stat Membru Korelatur |
|---|---|---|
| Ċiklossidim | NL | DK |
| *Cydia pomonella Granulovirus* (CpGV) | DE | NL |
| Ċiflufenammid | DE | AT |
| Ċimoksanil | LT | FI |
| Ċiprokonażol | IE | EE |
| Ċiromażina | ES | IT |
| Dażomet | BG | NL |
| Benżoat tad-denatonju | IT | PL |
| Diklofop | PT | FR |
| Dietofenkarb | BE | ES |
| Difenakum | IT | PT |
| Dimetaklor | HR | AT |
| Ditijanon | AT | EL |
| Dodemorf | NL | IT |
| Dodina | ES | DE |
| Epossikonażol | UK | PL |
| Etilen | NL | UK |
| Etofenproks | SK | IT |
| Etridiażol | NL | ES |
| Estratt mis-siġra tat-te | PL | BG |
| Residwi mid-distillazzjoni tax-xaħam | CZ | FR |
| Aċidi xaħmin C7 sa C20 (Aċidu pelargoniku (CAS 112-05-0))<br>Aċidi xaħmin C7-C18 u mlieħ tal-potassju insaturati C18 (CAS 67701-09-1) (Aċidu kapriku (CAS 334-48-5); Aċidu kapriliku (CAS 124-07-2) Aċidu lawriku (CAS 143-07-7) Aċidu olejku (CAS 112-80-1)<br>Esteri tal-metiliċi tal-aċidi xaħmin C8-C10 (CAS 85566-26-3) (Ottanoat tal-metil (CAS 111-11-5); Dekanoat tal-metil (CAS 110-42-9) | EL | AT |
| FEN 560 (żerriegħa tal-fienu mitħuna) | IT | FR |
| Fenażakin | DE | PL |

| Sustanza attiva | Stat Membru Relatur | Stat Membru Korelatur |
|---|---|---|
| Fenbukonażol | SI | UK |
| Fenoksikarb | NL | EL |
| Fenpropimorf | LV | SI |
| Fenpirossimat | AT | DK |
| Flonikammid (IKI-220) | FI | SE |
| Fluważifop-P | FR | IT |
| Fluażinam | AT | DK |
| Fluwometuron | EL | BG |
| Fluwopikolid | UK | ES |
| Flukinkonażol | UK | SK |
| Fluwurokloridon | AT | HR |
| Flurossipir | SE | SI |
| Flutolanil | NL | UK |
| Flutriafol | SK | UK |
| Fuberidażol | UK | FI |
| Estratt tat-tewm | IE | UK |
| Aċidu gibberelliku | SI | SK |
| Gibberellina | SI | SK |
| Alossifop-P (alossifop-R) | HU | CZ |
| Ettamaloksiloglukan | FR | ES |
| Eksitijażoks | FI | SE |
| Proteini idrolizzati | ES | EL |
| Imeksażol | AT | SE |
| Imażalil (magħruf ukoll bħala enilkonażol) | NL | BE |
| Imidakloprid | DE | NL |
| Aċidu indolilbutiriku | EL | CY |
| Sulfat tal-ħadid | HU | PL |

| Sustanza attiva | Stat Membru Relatur | Stat Membru Korelatur |
|---|---|---|
| Isoksaben | AT | FI |
| Kieselgur (trab tad-diatomi) | AT | EL |
| Kreżoksim-metil | SE | FR |
| *Lecanicillium muscarium* (qabel imsejjaħ *Verticillium lecanii*) ir-razza Ve6 | NL | FR |
| Kubrit tal-ġir (polisulfur tal-kalċju) | CZ | NL |
| Ġebla tal-ġir | CZ | SK |
| Lufenuron | ES | HU |
| Fosforu tal-manjeżju | AT | EE |
| Malatijon | CZ | BG |
| Estratt tal-margosa (sors tal-ażadiraktin — Mitsui) | DE | ES |
| Estratt tal-margosa (sors tal-ażadiraktin — SIPCAM) | DE | ES |
| Estratt tal-margosa (sors tal-ażadiraktin — Trifolio) | DE | ES |
| Mepikwat | FI | EE |
| Metalaksil | EL | PL |
| Metaldeid | PL | DE |
| Metamitron | DK | LV |
| *Metarhizium anisopliae* var. *anisopliae* r-razza BIPESCO 5 | NL | FR |
| *Metarhizium anisopliae* var. *anisopliae* r-razza BIPESCO F52 | NL | FR |
| Metażaklor | NL | UK |
| Metomil | BG | RO |
| Metilnonilketon | NL | BE |
| Metosulam | NO | BE |
| Miklobutanil | UK | ES |
| Napropammid | SI | HR |
| Oriżalin | NL | FR |
| Oksifluworfen | ES | HU |

| Sustanza attiva | Stat Membru Relatur | Stat Membru Korelatur |
|---|---|---|
| Paklobutrażol | UK | RO |
| Pitrolju/(CAS 64742-46-7) | EL | FR |
| Pitrolju/(CAS 72623-86-0) | EL | FR |
| Pitrolju/(CAS 8042-47-5) | EL | FR |
| Pitrolju/(CAS 97862-82-3) | EL | FR |
| Penkonażol | NO | DE |
| Penċikuron | LV | PL |
| Penoksulam | IT | PL |
| Bżar | UK | IE |
| *Phlebiopsis gigantea* FOC PG 410.3 | EE | FR |
| *Phlebiopsis gigantea* FOC PG B20/5 | EE | FR |
| *Phlebiopsis gigantea* FOC PG B22/SP1190/3.2 | EE | FR |
| *Phlebiopsis gigantea* FOC PG B22/SP1287/3.1 | EE | FR |
| *Phlebiopsis gigantea* FOC PG BU 3 | EE | FR |
| *Phlebiopsis gigantea* FOC PG BU 4 | EE | FR |
| *Phlebiopsis gigantea* FOC PG SH 1 | EE | FR |
| *Phlebiopsis gigantea* FOC PG SP log 5 | EE | FR |
| *Phlebiopsis gigantea* FOC PG SP log 6 | EE | FR |
| *Phlebiopsis gigantea* FOC PG97/1062/116/1.1 | EE | FR |
| *Phlebiopsis gigantea* VRA 1835 | EE | FR |
| *Phlebiopsis gigantea* VRA 1984 | EE | FR |
| *Phlebiopsis gigantea* VRA 1985 | EE | FR |
| *Phlebiopsis gigantea* VRA 1986 | EE | FR |
| Żjut tal-pjanti/Żejt taċ-ċitronella | FR | UK |
| Żjut tal-pjanti/Żejt tal-qronfol | ES | IT |
| Żjut tal-pjanti/Żejt tan-nagħniegħ | SE | NL |
| Żjut tal-pjanti/Żejt tal-kolza | NL | FI |

| Sustanza attiva | Stat Membru Relatur | Stat Membru Korelatur |
|---|---|---|
| Idroġenokarbonat tal-potassju | NL | EL |
| Proklorażż | BE | DE |
| Profoksidim | ES | EL |
| Proeżadjon | FR | IE |
| Propakiżafop | UK | EE |
| Prokinażid | SE | LT |
| Putreskina (1,4-diamminobutan) | ES | AT |
| Piretrini | IT | DE |
| Piridaben | CZ | BE |
| *Pythium oligandrum* M1 | SE | HU |
| Ramel tal-kwarz | LV | RO |
| Kinmerak | EE | FI |
| Kwiżalofop-P | HR | UK |
| Kwiżalofop-P-etil | FI | UK |
| Kwiżalofop-P-tefuril | HR | UK |
| Repellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/żejt tal-ħuta | CZ | FR |
| Repellenti permezz ta' riħa ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/xaħam tan-nagħaġ | CZ | FR |
| Ripellenti (permezz ta' riħa) ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/żejt tat-tall mhux raffinat | CZ | SK |
| Ripellenti (permezz ta' riħa) ta' oriġini mill-annimali jew mill-pjanti/żift taż-żejt tat-tall | CZ | EL |
| Estratt tal-alka tal-baħar (qabel imsejjaħ estratt tal-alka tal-baħar u algi) | BE | IT |
| Sintofen (magħruf ukoll bħala Ċintofen) | CZ | FR |
| Sodju 5-nitrogwajakolat | NL | EL |
| Silikat tas-sodju u tal-aluminju | HU | AT |
| Ipoklorit tas-sodju | IE | UK |
| O-nitrofenolat tas-sodju | NL | EL |
| P-nitrofenolat tas-sodju | NL | EL |

| Sustanza attiva | Stat Membru Relatur | Stat Membru Korelatur |
|---|---|---|
| Spirodiklofen | AT | NL |
| Spiroksamina | AT | EE |
| Feromoni tal-lepidotteri b'katina lineari<br>(E)-11-Tetradeċen-1-il aċetat<br>(E)-5-Deċen-1-ol<br>(E)-5-Deċen-1-il aċetat<br>(E)-8-Dodeċen-1-il aċetat<br>(E,E)-7,9-Dodekadien-1-il aċetat<br>(E,E)-8,10-Dodekadien-1-ol<br>(E,Z)-2,13-Ottadekadien-1-il aċetat<br>(E,Z)-7,9-Dodekadien-1-il aċetat<br>(E,Z)-8-Dodekadien-1-il aċetat<br>(Z)-11-Eżadeċen-1-ol<br>(E)-11-Eżadeċen-1-il aċetat<br>(Z)-11-Eżadeċenal<br>(E)-11-Tetradeċen-1-il aċetat<br>(Z)-13-Ottadeċenal<br>(Z)-7-Tetradeċenal<br>(Z)-8-Dodeċen-1-ol<br>(Z)-8-Dodeċen-1-il aċetat<br>(Z)-9-Dodeċen-1-il aċetat<br>(Z)-9-Eżadeċenal<br>(E)-9-Tetradeċen-1-il aċetat<br>(Z,E)-7,11-Eżadekadien-1-il aċetat<br>(Z,E)-9,12-Tetradekadien-1-il aċetat<br>(Z,Z)-7,11-Eżadekadien-1-il aċetat<br>Dodekan-1-ol<br>Tetradekan-1-ol<br>(Z)-8-Dodeċenil aċetat; Dodekan-1-il aċetat<br>(Z)-9-Dodeċenil aċetat; Dodekan-1-il aċetat<br>(7E, 9Z)-Dodekadienil aċetat; (7E, 9E)-Dodekadienil aċetat<br>(7Z, 11Z)-Eżadekadien-1-il aċetat; (7Z, 11E)-Eżadekadien-1-il aċetat<br>(Z)-9-eżadeċenal; (Z)-11-eżadeċenal; (Z)-13-ottadeċenal<br>E-5-Deċen-1-il aċetat; E-5-Deċen-1-ol<br>(E/Z)-8-Dodeċenil aċetat; (Z)-8-Dodeċenol<br>(Z)-11-Eżadeċenal; (Z)-11-Eżadeċen-1-il aċetat<br>(E/Z)- 9-Dodeċen-1 aċetat<br>E8, E10 — Dodekadien-1-ol aċetat + Aċetat ta' Tetradeċil<br>E7,E/Z9-Dodekadienil aċetat (E7,E/Z9-12Ac) u n-Dodeċil aċetat (12Ac)<br>(E,Z,Z)-3,8,11-Tetradekatrien-1-il aċetat u (E,Z)-3,8-Tetradekadien-1-il aċetat<br>(Z,Z,Z,Z)-7,13,16,19-Dokosatetraen-1-il isobutirat | IT | FR |

| Sustanza attiva | Stat Membru Relatur | Stat Membru Korelatur |
|---|---|---|
| *Streptomyces* K61 (qabel imsejjaħ *S. griseoviridis*) | EE | FR |
| Sulkotrion | DE | ES |
| Fluworur tas-sulfuril | AT | IE |
| Kubrit | FR | SI |
| Tau-Fluvalinat | DK | DE |
| Tebukonażol | UK | DK |
| Tebufenożid | ES | DE |
| Tebufenpirad | FR | BE |
| Teflubenżuron | SE | IT |
| Teflutrin | HU | DK |
| Terbutilażina | ES | HR |
| Tetrakonażol | FR | DE |
| Tralkossidim | ES | PT |
| Triadimenol | ES | LV |
| Tri-allat | UK | CZ |
| Triażossidu | DE | SK |
| *Trichoderma asperellum* (qabel imsejjaħ *T. harzianum*) ir-razza ICC012 | SE | FR |
| *Trichoderma asperellum* (qabel imsejjaħ *T. harzianum*) ir-razza T25 | SE | FR |
| *Trichoderma asperellum* (qabel imsejjaħ *T. harzianum*) ir-razza TV1 | SE | FR |
| *Trichoderma asperellum* (qabel imsejjaħ *T. harzianum*) ir-razza IMI 206040 | SE | IT |
| *Trichoderma atroviride* (qabel imsejjaħ *T. harzianum*) ir-razza T11 | SE | IT |
| *Trichoderma gamsii* (qabel imsejjaħ *T. viride*) ir-razza ICC080 | SE | IT |
| *Trichoderma harzianum* ir-razza ITEM 908 | SE | NL |
| *Trichoderma harzianum* ir-razza T-22 | SE | NL |
| *Trichoderma polysporum* ir-razza ITEM 206039 | SE | NL |

| Sustanza attiva | Stat Membru Relatur | Stat Membru Korelatur |
|---|---|---|
| Triflumiżol | NL | BE |
| Triflumuron | IT | HU |
| Triflusulfuron | FR | DK |
| Idroklorur tat-trimetilammina | BG | ES |
| Urea | UK | FI |
| *Verticillium albo-atrum* (qabel imsejjaħ *Verticillium dahliae*) ir-razza WCS850 | SE | NL |
| Żeta-ċipermetrina | AT | DE |
| Fosforu taż-żingu | AT | DE” |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/184

**tal-11 ta' Frar 2016**

**li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2013 fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) ikkunsinjati mill-Malasja u t-Tajwan, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fil-Malasja jew fit-Tajwan kif ukoll jekk le**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(4) tiegħu,

Billi:

## 1. **PROĊEDURA**

### 1.1. **Il-miżuri eżistenti**

(1) Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2013 ([2]), ("ir-Regolament oriġinali"), il-Kunsill impona dazju antidumping definittiv ta' 11,5 % fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin jew pannelli u ċelloli tat-tip użat f'moduli jew f'pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ" jew "iċ-Ċina") għall-kumpaniji l-oħrajn kollha ħlief dawk imsemmija fl-Artikolu 1(2) u fl-Anness I ta' dak ir-Regolament. Dawn il-miżuri minn issa 'l quddiem se jissejħu "l-miżuri fis-seħħ" u l-investigazzjoni li wasslet biex jiġu imposti l-miżuri mir-Regolament oriġinali minn issa 'l quddiem se tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali".

### 1.2. **Bidu wara talba**

(2) Fil-15 ta' April 2015, produttur tal-Unjoni ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin jew pannelli u ċelloli tat-tip użat f'moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin ippreżenta talba li tindika li l-miżuri antidumping u kompensatorji fuq l-importazzjonijiet ta' moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u ċelloli tat-tip użat f'moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin mir-RPĊ qegħdin jiġu evitati permezz tal-Malasja u t-Tajwan.

(3) It-talba pprovdiet evidenza *prima facie* li, wara l-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ, seħħet bidla sinifikanti fit-tendenza tal-kummerċ li kienet tinvolvi l-esportazzjonijiet mir-RPĊ, mill-Malasja u mit-Tajwan lejn l-Unjoni, u dan kien donnu riżultat tal-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ. Allegatament kien hemm użu insuffiċjenti mingħajr raġuni jew ġustifikazzjoni oħra għajr l-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ għal din il-bidla.

(4) Barra minn hekk, l-evidenza enfasizzat il-fatt li l-effetti ta' rimedju tal-miżuri fis-seħħ kienu qed jiġu mhedda kemm f'termini ta' kwantità kif ukoll ta' prezz. L-evidenza wriet li ż-żieda fl-importazzjonijiet mill-Malasja u mit-Tajwan saru bi prezzijiet aktar baxxi mill-prezz li ma jikkawżax dannu stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali.

(5) Fl-aħħar nett, kien hemm evidenza *prima facie* li moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju u ċelloli tat-tip użat f'moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin li joriġinaw mir-RPĊ iżda konsenjati mill-Malasja u t-Tajwan għadhom qed ikunu sussidjati.

---

([1]) ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.

([2]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1239/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw jew li huma kkunsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU L 325, 5.12.2013, p. 66).

(6) Hekk kif iddeterminat, wara li ġew infurmati l-Istati Membri, li hemm bizzejjed evidenza *prima facie* għall-bidu ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 23 tar-Regolament baziku, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/832 ([1]) ("ir-Regolament ta' tnedija"). Skont l-Artikoli 23(4) u 24(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni, skont ir-Regolament ta' tnedija ta' investigazzjoni, ordnat ukoll lill-awtoritajiet tad-dwana biex jiddokumentaw l-importazzjonijiet tal-moduli jew il-pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u ċelloli tat-tip użat f'moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin konsenjati mill-Malasja u t-Tajwan. Talba biex tintemm ir-reġistrazzjoni taċ-ċelloli solari mit-Tajwan, li saret mill-applikant fit-13 ta' Lulju 2015, kienet diskussa f'seduta mal-Uffiċjal ta' Smigħ fi Proċedimenti Kummerċjali fl-1 ta' Ottubru 2015 u ġiet miċħuda.

### 1.3. **L-investigazzjoni**

(7) Il-Kummissjoni avżat bil-ftuħ tal-investigazzjoni lill-awtoritajiet tar-RPĊ, tal-Malasja u tat-Tajwan, lill-produtturi esportaturi u lin-negozjanti f'dawk il-pajjiżi, lill-importaturi fl-Unjoni magħrufin li huma kkonċernati u lill-industrija tal-Unjoni. Intbagħtu kwestjonarji lill-produtturi/esportaturi fir-RPĊ, fil-Malasja u fit-Tajwan li taf bihom il-Kummissjoni jew li preżentaw lilhom infushom qabel l-iskadenzi stabbiliti fil-premessa (15) tar-Regolament li jagħti bidu. Il-kwestjonarji ntbagħtu wkoll lill-importaturi fl-Unjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ skont iż-żmien stipulat fir-Regolament li jagħti bidu.

(8) Erbatax-il kumpanija mill-Malasja; 28 grupp ta' kumpaniji jew kumpaniji mit-Tajwan; disa' kumpaniji mir-RPĊ; 25 kumpanija tal-Unjoni, inklużi l-industrija tal-Unjoni, l-importaturi mhux relatati u istallaturi u ħames assoċjazzjonijiet tal-industrija u tal-utenti ppreżentaw lilhom infushom.

(9) Erbatax-il kumpanija ppreżentaw lilhom infushom, li minnhom disa' bagħtu tweġiba għall-kwestjonarju u talbu eżenzjoni possibbli mill-miżuri estiżi skont l-Artikolu 23(6) tar-Regolament bażiku. *Malaysian Solar Resources* bagħtet tweġiba li kienet wisq mhux kompluta biex il-Kummissjoni tkun tista' tinvestiga b'mod adegwat. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din it-talba. Ħames kumpaniji Malasjani *W&K Solar (M) Sdn. Bhd., Solexel (M) Sdn. Bhd., Solartif Sdn Bhd, Jinko Solar Technology Sdn. Bhd. u PV Hi Tech Solar Sdn. Bhd.* infurmaw lill-Kummissjoni li huma ma bigħux il-prodott investigat lejn l-Unjoni u ma kellhomx l-intenzjoni li jimlew il-kwestjonarju. Xi wħud minn dawn il-kumpaniji kienu fil-fażi tal-bidu.

(10) Tmienja u għoxrin kumpanija fit-Tajwan ippreżentaw lilhom infushom. *SunEdge Technology* infurmaw lill-Kummissjoni li huma ma bigħux il-prodott investigat lejn l-Unjoni. Għalhekk, it-talba tagħhom saret mingħajr skop, u ġiet miċħuda. *Mosel Vitelic Inc.* infurmat lill-Kummissjoni li hija temmet il-produzzjoni f'Ġunju 2015; għalhekk hi ma baqgħetx titlob eżenzjoni. Is-26 kumpanija li għad baqa' bagħtu tweġiba għall-kwestjonarju u talbu eżenzjoni mill-possibbiltà li l-miżuri jiġu estiżi skont l-Artikolu 23(6) tar-Regolament bażiku. Tliet kumpaniji *iSolar Energy Technology Co. Ltd, IST Energy Co. Ltd* u *DS Technology Co. Ltd* irrappurtaw fit-tweġiba tagħhom għall-kwestjonarju li ma għandhomx produzzjoni tagħhom stess. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li dawn il-kumpaniji ma ssodisfawx il-kundizzjonijiet biex ikunu eliġibbli għal eżenzjoni, u ċaħdet it-talbiet tagħhom. Ma sarux żjarat ta' verifika lill-kumpaniji li ġew meqjusa li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet biex ikunu eliġibbli għal eżenzjoni, jew li t-talba tagħha ġiet miċħuda. Għalhekk il-Kummissjoni għamlet żjarat ta' verifika fil-bini ta' 23 grupp ta' kumpaniji jew kumpaniji.

(11) Ma ġiet sottomessal-ebda tweġiba għall-kwestjonarju minn importaturi mhux relatati fl-Unjoni. Tliet produtturi esportaturi Ċiniżi mhux relatati ma' produtturi Tajwaniżi jew Malasjani pprovdew tweġibiet għall-kwestjonarju u tliet produtturi esportaturi Ċiniżi relatati pprovdew tweġibiet għall-kwestjonarju wkoll. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rċeviet 14-il sottomissjoni mill-partijiet interessati.

(12) Il-gruppi ta' kumpaniji li ġejjin mill-Malasja u mit-Tajwan bagħtu tweġibiet sħaħ għall-kwestjonarji u sussegwentement saru żjarat ta' verifika fil-bini tagħhom.

*Produtturi esportaturi fil-Malasja:*

— AUO — SunPower Sdn. Bhd.

— Eco Future Manufacturer Industry (M) Sdn. Bhd.

— Flextronics Shah Alam Sdn. Bhd. (*Flextronics manifattur b'kuntratt, il-Kummissjoni vverifikat ukoll il-kumpanija OEM SunEdison Products Singapore Pte Ltd*)

([1]) ĠU L 132, 29.5.2015, p. 53.

— Hanwha Q CELLS Malaysia Sdn. Bhd.

— Panasonic Energy Malaysia Sdn. Bhd.

— Promelight Technology (Malasja) Sdn. Bhd.

— Sun M Energy Sdn. Bhd.

— TS Solartech Sdn. Bhd.

*Produtturi esportaturi fit-Tajwan:*

— AblyTek Co., Ltd.

— ANJI Technology Co., Ltd.

— AU Optronics Corporation

— Big Sun Energy Technology Inc.

— EEPV Corp.

— E-TON Solar Tech. Co., Ltd. (*il-verifika ta' din il-kumpanija nkludiet ukoll Gloria Solar*)

— Gintech Energy Corporation

— Gintung Energy Corporation

— Inventec Energy Corporation

— Inventec Solar Energy Corporation

— LOF Solar Corp.

— Ming Hwei Energy Co., Ltd.

— Motech Industries, Inc.

— Neo Solar Power Corporation

— Perfect Source Technology Corp.

— Ritek Corporation

— Sino-American Silicon Products Inc.

— Solartech Energy Corp.

— Sunengine Corporation Ltd.

— Topcell Solar International Co., Ltd.

— TSEC Corporation

— Universal Hardware Corporation

— Win Win Precision Technology Co., Ltd.

### 1.4. **Il-perjodu tal-investigazzjoni**

(13) Il-perjodu ta' investigazzjoni kopra l-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Marzu 2015 (il-Perjodu tal-investigazzjoni — PI). Matul il-PI inġabret dejta biex tkun investigata, fost l-oħrajn, il-bidla fit-tendenza tal-kummerċ. Għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' April 2014 u l-31 ta' Marzu 2015 (il-perjodu ta' rapportar jew "il-PR") inġabret dejta aktar dettaljata sabiex tiġi eżaminata l-possibbiltà ta' mminar tal-effett rimedjali tal-miżuri fis-seħħ u l-eżistenza ta' sussidjar.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI

### 2.1. Kunsiderazzjonijiet ġenerali

(14) Skont l-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku, il-valutazzjoni tal-eżistenza ta' ċirkomvenzjoni saret billi ġie analizzat b'mod suċċessiv jekk kienx hemm tibdil fit-tendenza tal-kummerċ bejn dik tal-pajjiżi terzi u dik tal-Unjoni; jekk din il-bidla nibtitx minn xi prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma kienx hemm raġuni jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju; jekk kienx hemm evidenza ta' dannu jew jekk l-effetti rimedjali tad-dazju kinux qed jiġu mhedda f'termini ta' prezzijiet u/jew ta' kwantitajiet tal-prodott simili u jekk il-prodott simili importat u/jew il-partijiet tiegħu għadhomx jibbenefikaw mis-sussidju.

### 2.2. Il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili

(15) Il-prodott ikkonċernat miċ-ċirkomvenzjoni possibbli huwa l-moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u ċelloli tat-tip użat f'moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin (iċ-ċelloli għandhom ħxuna li ma taqbiżx l-400 mikrometru), li bħalissa jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet NM ex 8501 31 00, ex 8501 32 00, ex 8501 33 00, ex 8501 34 00, ex 8501 61 20, ex 8501 61 80, ex 8501 62 00, ex 8501 63 00, ex 8501 64 00 u ex 8541 40 90 u li joriġinaw fi jew li huma kkunsenjati mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, sakemm ma jkunux fi transitu fis-sens tal-Artikolu V tal-GATT ("il-prodott ikkonċernat").

(16) It-tipi ta' prodotti li ġejjin huma esklużi mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat:

- ċarġers solari li jikkonsistu f'inqas minn sitt ċelloli, huma portabbli u jfornu elettriku lil apparati jew jiċċarġjaw batteriji,
- prodotti fotovoltajċi b'rita rqiqa,
- prodotti fotovoltajċi tas-siliċju kristallin li huma integrati b'mod permanenti fi prodotti elettriċi, fejn il-funzjoni tal-prodotti elettriċi hija differenti mill-ġenerazzjoni tal-enerġija, u fejn dawn il-prodotti elettriċi jikkunsmaw l-elettriku ġġenerat miċ-ċellola/i fotovoltajka/ċi integrata/i tas-siliċju kristallin,
- moduli jew pannelli b'output ta' vultaġġ li ma jaqbiżx 50 V DC u output ta' potenza li ma jaqbiżx 50 W unikament għal użu dirett bħala ċarġers tal-batteriji f'sistemi bl-istess karatteristiċi ta' vultaġġ u potenza.

(17) Il-prodott li qed jiġi investigat huwa l-istess bħall-"prodott konċernat" definit fil-premessi preċedenti, iżda kkunsinjat mill-Malasja u t-Tajwan, kemm jekk iddikjarat bħala li joriġina fil-Malasja jew fit-Tajwan kif ukoll jekk le.

(18) L-investigazzjoni wriet li l-moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u ċelloli tat-tip użat fil-moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin, kif definiti hawn fuq, esportati lejn l-Unjoni mir-RPĊ u dawk ikkonsenjati lill-Unjoni mill-Malasja u t-Tajwan għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użu, u għalhekk għandhom jitqiesu bħala prodotti simili skont l-Artikolu 2(c) tar-Regolament bażiku.

(19) It-termini pannelli solari u moduli solari jintużaw b'mod interkambjabbli mill-industrija u għandhom l-istess tifsira, jiġifieri sett ta' ċelloli solari laminati flimkien (ħafna drabi 60 u 72) imfassla sabiex jassorbu d-dawl tax-xemx bħala sors ta' enerġija għall-ġenerazzjoni tal-elettriku. It-terminu solari u fotovoltajku jintużaw ukoll b'mod interkambjabbli mill-industrija u b'referenza għal ċelloli u moduli solari għandhom l-istess tifsira, jiġifieri konverżjoni tal-enerġija solari f'elettriku. Moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u ċelloli tat-tip użat f'moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin minn issa 'l quddiem jissejħu "ċelloli u moduli solari".

### 2.3. Ir-riżultati tal-investigazzjoni li tikkonċerna r-RPĊ

(20) Kien hemm livell baxx ta' kooperazzjoni mill-produtturi/esportaturi fir-RPĊ: b'sitt esportaturi/produtturi biss li wieġbu għall-kwestjonarju. Għalhekk, abbażi tal-informazzjoni mressqa mill-partijiet li kkoperaw, xejn ma seta' jiġi stabbilit b'mod ċar fir-rigward tal-volumi ta' esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ.

(21) Minħabba dan t'hawn fuq, is-sejbiet fir-rigward tal-esportazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mir-RPĊ lejn l-Unjoni, il-Malasja u t-Tajwan kellhom isiru wkoll fuq il-bażi tad-dejta COMEXT ([1]); id-dejta rrappurtata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni dwar il-kummerċ tal-importazzjoni ta' prodotti soġġetti għal investigazzjoni u għal miżuri skont l-Artikolu 24(6) tar-Regolament bażiku ("il-bażi tad-dejta tal-Artikolu 24(6)"); l-istatistika nazzjonali u l-informazzjoni Ċiniża, Malasjana u Tajwaniża sottomessi fit-talba ([2]).

(22) Il-volum ta' importazzjonijiet rreġistrati fl-istatistika Malasjana, Tajwaniża u Ċiniża kopra grupp akbar ta' prodotti mill-prodott ikkonċernat jew il-prodott investigat ([3]). Madankollu, fuq il-bażi tad-dejta tal-COMEXT u tad-dejta verifikata dwar il-produtturi Ċiniżi u dawk Malasjani u Tajwaniżi ta' ċelloli u moduli solari u t-talba, seta' jiġi stabbilit li parti sinifikanti minn dan il-volum tal-importazzjoni kopra l-prodott ikkonċernat ([4]). Għaldaqstant, din id-dejta setgħet tintuża biex tiġi stabbilita kwalunkwe bidla fit-tendenza tal-kummerċ u setgħet tiġi kontroverifikata ma' dejta oħra bħal dik ipprovduta mill-produtturi esportaturi u importaturi li kkooperaw.

2.3.1. *Bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn ir-RPĊ u l-UE*

(23) It-tabella 1 turi l-volum ta' importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ lejn l-Unjoni minħabba l-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ:

*Tabella 1*

**L-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta'investigazzjoni; unità: megawatt (MW)**

| | 2012 | 2013 | 2014 | Perjodu tar-Rappurtar (PR) | Ir-Rata tat-Tkabbir 2012 — PR |
|---|---|---|---|---|---|
| Importazzjonijiet mir-RPĊ | 11 119 | 5 584 | 3 443 | 3 801 | – 66 % |
| Sehem tal-importazzjonijiet totali | 71 % | 54 % | 43 % | 46 % | – 35 % |
| Importazzjonijiet Totali | 15 740 | 10 300 | 8 067 | 8 325 | – 47 % |

*Sors:* COMEXT

(24) L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ lejn l-Unjoni naqsu b'mod sinifikanti b'66 %. Billi t-tnaqqis fl-importazzjonijiet mir-RPĊ kien ogħla mit-tnaqqis fl-importazzjonijiet totali tal-Unjoni, is-sehem tal-importazzjonijiet Ċiniżi waqa' b'35 %.

## 2.4. **Ir-riżultati tal-investigazzjoni f'Malasja**

2.4.1. *Grad ta' kooperazzjoni u determinazzjoni tal-volumi tal-kummerċ f'Malasja*

(25) Kif intqal fil-premessa (9), tmien produtturi esportaturi fil-Malasja kkooperaw billi ppreżentaw tweġibiet bi kwestjonarju mimli. Fil-każ ta' tliet kumpaniji Malasjani li kkoperaw, instab li l-applikazzjoni tal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku kienet ġustifikata għar-raġunijiet spjegati hawn isfel fil-premessi minn (84) u ta' wara.

(26) Il-produtturi esportaturi Malasjani li kkooperaw koprew 57 % tal-esportazzjonijiet totali fil-Malasja lejn l-Unjoni tal-prodott li qed jiġi investigat fil-PR, kif irrappurtat fil-COMEXT.

([1]) Comext hija bażi tad-dejta ġestita mill-Eurostat li tħaddan statistika dwar il-kummerċ barrani.
([2]) Ara l-paġni 9-16 tat-talba tal-verżjoni tal-14 ta' April 2015 miftuħa għall-spezzjoni kif ukoll l-annessi miftuħa għall-ispezzjoni 9 u 10
([3]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 17 tat-talba tal-verżjoni tal-14 ta' April 2015 miftuħa għall-ispezzjoni
([4]) Idem.

2.4.2. *Il-bidla fix-xejra tal-kummerċ fil-Malasja*

L-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni mill-Malasja lejn l-Unjoni

(27) It-Tabella 2 turi l-volum tal-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat mill-Malasja lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni:

*It-Tabella 2*

**L-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat mill-Malasja lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni; unità: megawatt (MW)**

| | 2012 | 2013 | 2014 | Perjodu tar-Rappurtar (PR) | Ir-Rata tat-Tkabbir 2012 — PR |
|---|---|---|---|---|---|
| Importazzjonijiet mill-Malasja | 466 | 495 | 1 561 | 1 610 | 245 % |
| Sehem tal-importazzjonijiet totali | 3 % | 5 % | 19 % | 19 % | 553 % |
| Importazzjonijiet Totali | 15 740 | 10 300 | 8 067 | 8 325 | – 47 % |

*Sors:* COMEXT u t-talba

(28) Filwaqt li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ lejn l-Unjoni naqsu kif muri fil-premessa (24), it-total tal-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat mill-Malasja lejn l-Unjoni żdiedu b'mod sinifikanti bi + 245 %. Iż-żieda kienet partikolarment qawwija wara l-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ fl-2013. Peress li l-importazzjonijiet totali naqsu b'mod sostanzjali minħabba tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni, is-sehem tal-importazzjonijiet Malasjani mit-totali ta' importazzjonijiet lejn l-Unjoni żdied saħansitra aktar (+ 553 %) meta mqabbel maż-żieda ta' importazzjonijiet.

(29) Il-bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn il-Malasja u l-Unjoni saret aktar sinifikanti għal moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin ("moduli") jekk ikunu analizzati separatament miċ-ċelloli tat-tip użat fil-moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin ("ċelloli").

(30) Il-volum tal-importazzjonijiet tal-moduli mill-Malasja żdied minn 108 MW fl-2012 għal 1 036 MW fil-PR (+ 860 %). Minħabba tnaqqis fl-importazzjonijiet totali, is-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet tal-moduli mill-Malasja lejn l-Unjoni żdied minn 1 % fl-2012 għal 17 % fil-PR (+ 1 793 %).

(31) L-importazzjonijiet ta' ċelloli mill-Malasja żdiedu ħafna inqas mill-moduli — minn 358 MW fl-2012 għal 573 MW fil-PR (+ 60 %). Is-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet ta' ċelloli mill-Malasja lejn l-Unjoni żdied minn 10 % fl-2012 għal 27 % fil-PR (+ 165 %).

(32) Id-dejta ta' hawn fuq turi li, minn mindu saret l-investigazzjoni oriġinali li kienet imnedija fl-2012 u l-miżuri fis-seħħ kienu imposti fl-2013, l-importazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mill-Malasja sa ċertu punt ħadu post l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ lejn l-Unjoni.

L-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn il-Malasja

(33) Biex tiġi stabbilita x-xejra tal-fluss kummerċjali ta' ċelloli u moduli solari miċ-Ċina lejn il-Malasja, ġiet użata statistika Malasjana u Ċiniża kif ukoll dejta mit-talba [1]. Kemm l-istatistika Ċiniża u dik Malasjana, hija disponibbli biss fuq livell ta' grupp ta' prodott ogħla mill-prodott ikkonċernat [2]. Madankollu, fuq il-bażi tad-dejta tal-COMEXT u tad-dejta verifikata dwar il-produtturi Ċiniżi u dawk Malasjani ta' ċelloli u moduli solari u t-talba,

[1] Ara l-paġni 9-14 tat-talba tal-verżjoni tal-14 ta' April 2015 miftuħa għall-spezzjoni kif ukoll l-annessi miftuħa għall-ispezzjoni 9 u 10
[2] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 17 tat-talba tal-verżjoni tal-14 ta' April 2015 miftuħa għall-ispezzjoni

ġie stabbilit li parti sinifikanti kopriet il-prodott ikkonċernat, biex b'hekk li din id-dejta setgħet tiġi kkunsidrata ([1]). Hemm differenza bejn il-volumi tal-esportazzjonijiet irrappurtati fl-istatistika Ċiniża u l-volumi ta' importazzjonijiet irrapportati fl-istatistika Malasjana peress il-kodiċijiet doganali rilevanti f'żewġ pajjiżi għandhom ambitu differenti ([1]). Għalkemm ir-rapport dwar id-dejta ta' importazzjoni Malasjana kellu livelli ferm ogħla mid-dejta tal-esportazzjoni Ċiniża, iż-żewġ settijiet ta' dejta juru l-istess tendenza 'l fuq tal-esportazzjonijiet miċ-Ċina lejn il-Malasja. Peress li d-dejta ta' importazzjoni Malasjana kienet ferm ogħla mil-livell tad-dejta tal-esportazzjoni Ċiniża, din tal-aħħar hija użata għall-analiżi bħala waħda iktar konservattiva.

(34) Hemm evidenza li xi uħud mill-importazzjonijiet tal-prodott Ċiniż lejn il-Malasja ġew iddikjarati b'mod ħażin jew b'mod frodulenti bħala prodotti oħra. Pereżempju l-importazzjonijiet ta' moduli solari laminati ġew iddikjarati bħala ħġieġ solari jew ġew iddikjarati bħala ċelloli, minkejja li dawn għandhom jiġu rrapportati bħala moduli kif spjegat fil-premessa 62. Din hija r-raġuni għalfejn l-istatistika Ċiniża tal-esportazzjoni murija fit-Tabella 3 x'aktarx tissottovaluta l-importazzjonijiet ta' moduli u tista' tagħti xi ftit ta' sovrastima lill-importazzjonijiet ta' ċelloli.

*Tabella 3*

**Importazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mir-RPĊ lejn il-Malasja skont l-istatistika Ċiniża, Unità: megawatt (MW)**

| Mir-RPĊ lejn il-Malasja | 2012 | 2013 | 2014 | Perjodu tar-Rappurtar (PR) |
|---|---|---|---|---|
| Ċelloli | 6 | 25 | 43 | 53 |
| Moduli | 15 | 127 | 168 | 130 |
| Totali | 21 | 152 | 211 | 183 |
| *Ċelloli tal-Indiċi* | *100* | *417* | *717* | *883* |
| *Moduli tal-Indiċi* | *100* | *847* | *1 120* | *867* |
| *Indiċi Totali* | *100* | *724* | *1 005* | *871* |

*Sors:* Talba, *Global Trade Information Services*

*Tabella 4*

**Importazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mir-RPĊ lejn il-Malasja skont l-istatistika Malasjana, Unità: megawatt (MW)**

| Importazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-Malasja | 2012 | 2013 | 2014 | Perjodu tar-Rappurtar (PR) |
|---|---|---|---|---|
| Ċelloli | 137 | 313 | 339 | 405 |
| Moduli | 27 | 65 | 379 | 290 |
| Totali | 164 | 378 | 718 | 695 |

([1]) idem

| Importazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-Malasja | 2012 | 2013 | 2014 | Perjodu tar-Rappurtar (PR) |
|---|---|---|---|---|
| *Ċelloli tal-Indiċi* | *100* | *228* | *247* | *296* |
| *Moduli tal-Indiċi* | *100* | *240* | *1 397* | *1 067* |
| *Indiċi Totali* | *100* | *230* | *437* | *423* |

*Sors:* Talba, *Global Trade Information Services*

(35) Importazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mir-RPĊ lejn il-Malasja żdiedu b'aktar minn 800 % skont d-dejta tal-esportazzjoni Ċiniża u b'aktar minn 400 % skont id-dejta Malasjana.

(36) It-Tabella 5 turi l-evoluzzjoni tal-konsum domestiku fil-Malasja fil-perjodu ta' rapportar. Il-konsum ta' moduli fis-suq domestiku Malasjan kien ferm taħt il-livell ta' esportazzjonijiet mir-RPĊ wara li l-miżuri fis-seħħ kienu imposti fl-2013 kif jidher fit-Tabella 5. Għalhekk, l-evoluzzjoni tal-konsum domestiku ma jiġġustifikax tali żieda tal-importazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mir-RPĊ lejn il-Malasja.

*It-Tabella 5*

**L-evoluzzjoni tal-konsum domestiku ta' moduli solari fil-Malasja fis-snin 2012, 2013 u 2014, unità: megawatt (MW)**

| Il-Malasja | 2012 | 2013 | 2014 | Perjodu tar-Rappurtar (PR) |
|---|---|---|---|---|
| Il-Konsum Domestiku ta' Moduli | 32 | 107 | 87 | 88 |
| *Indiċi* | *100* | *338* | *275* | *279* |

*Sors:* It-talba

Il-konklużjoni dwar il-bidla fix-xejra tal-kummerċ fil-Malasja

(37) L-investigazzjoni sabet evidenza ta' tnaqqis fl-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-Unjoni u ż-żieda parallela fl-esportazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-Malasja u tal-esportazzjonijiet mill-Malasja lejn l-Unjoni ta' ċelloli u moduli solari wara l-investigazzjoni oriġinali kienet imnedija fl-2012 u l-miżuri fis-seħħ kienu imposti fl-2013. Dawn il-bidliet fil-flussi tal-kummerċ jikkostitwixxu bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn il-pajjiżi msemmija hawn fuq minn naħa, u l-Unjoni min-naħa l-oħra.

2.4.3. *In-natura tal-prattika ta' ċirkomvenzjoni fil-Malasja*

(38) L-Artikolu 23(1) tar-Regolament bażiku jitlob li l-bidla fix-xejra tal-kummerċ tinbet minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju. Il-prattika, il-proċess u x-xogħol jinkludu, fost l-oħrajn, il-konsenja tal-prodott suġġett għal miżuri permezz ta' pajjiżi terzi.

Trasbord

(39) L-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni mill-Malasja lejn l-Unjoni kienu jgħoddu għal aktar minn 46 % tal-importazzjonijiet totali mill-Malasja matul il-perjodu ta' rappurtar kif irrappurtat minn COMEXT.

(40) Il-kooperazzjoni għaċ-ċelloli kienet ta' 100 % u l-produtturi kollha taċ-ċelloli li kkooperaw fl-investigazzjoni nstabu li huma produtturi ġenwini.

(41) L-importazzjonijiet ta' moduli minn kumpaniji li ma kkooperawx kienu jirrappreżentaw 71 % tal-importazzjonijiet totali ta' moduli mill-Malasja fl-istess perjodu. Il-moduli huma l-prodott finali; Għalhekk dawn jistgħu jiġu importati biss lejn il-Malasja għal konsum domestiku jew trasbord. Il-livell għoli ta' importazzjonijiet ta' moduli mir-RPĊ li jaqbeż il-konsum domestiku kif indikat fil-premessa 36 u l-livell għoli ta' nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa Malasjana turi li proporzjon kbir ta' moduli kkunsinjati mir-RPĊ seta' kien mibgħut mill-Malasja lejn l-Unjoni.

(42) Barra minn dan, kif stabbilit b'mod dettaljat fil-premessi 84 u dawk segwenti, kien instab li għadd ta' produtturi Malasjani li kkooperaw kienu għaddew informazzjoni qarrieqa, b'mod partikolari dwar ir-rabta mal-manifatturi Ċiniżi, l-importazzjonijiet ta' prodotti lesti miċ-Ċina u l-oriġini tal-esportazzjonijiet, tal-prodott li qed jiġi investigat, lejn l-Unjoni. Instab li wħud minnhom kienu jesportaw ċerti moduli fotovoltajċi bis-siliċju kristallin li joriġinaw miċ-Ċina lejn l-Unjoni, xi kumpaniji oħra nstabu li kienu b'mod frodulenti ddikjaraw komponenti ewlenin bħala ħġieġ solari u li falsifikaw il-fatturi.

(43) Barra minn hekk, fl-2014, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (l-OLAF) beda investigazzjoni dwar l-allegat trasbord ta' ċelloli u moduli solari mill-Malasja. Din l-investigazzjoni għadha għaddejja.

(44) Għalhekk fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, ġiet ikkonfermata l-eżistenza ta' trasbord tal-prodott investigat mill-Malasja.

## 2.5. **Ir-riżultati tal-investigazzjoni fit-Tawjan**

### 2.5.1. *Il-grad ta' kooperazzjoni u determinazzjoni tal-volumi tal-kummerċ fit-Tajwan*

(45) Kif iddikjarat fil-premessa (10) 23 grupp ta' kumpaniji jew kumpaniji fit-Tajwan kkooperaw u ssottomettew tweġibiet kompluti għall-kwestjonarju.

(46) Il-produtturi esportaturi Tajwaniżi li kkooperaw jgħoddu għal 63,3 % tal-esportazzjonijiet totali Tajwaniżi lejn l-Unjoni fil-PI tal-prodott li qed jiġi investigat, kif irrappurtat fil-COMEXT.

### 2.5.2. *Il-bidla fix-xejra tal-kummerċ fit-Tajwan*

L-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni mit-Tajwan lejn l-Unjoni

(47) It-Tabella 6 turi l-volum ta' importazzjonijiet tal-prodott investigat mit-Tajwan lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni:

*It-Tabella 6*

**L-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet tal-prodott investigat mit-Tajwan lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta'investigazzjoni, unità: megawatt (MW)**

| | 2012 | 2013 | 2014 | Perjodu tar-Rappurtar (PR) | Ir-Rata tat-Tkabbir 2012 — PR |
|---|---|---|---|---|---|
| L-importazzjonijiet mit-Tajwan | 1 375 | 1 557 | 1 752 | 1 793 | 30 % |
| Sehem tal-importazzjonijiet totali | 9 % | 15 % | 22 % | 22 % | 147 % |
| Importazzjonijiet totali | 15 740 | 10 300 | 8 067 | 8 325 | – 47 % |

*Sors:* COMEXT

(48) L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina lejn l-Unjoni naqsu b'mod sinifikanti wara l-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ f'Diċembru 2013 kif deskritt fil-premessa (24). Min-naħa l-oħra, il-volum ta' importazzjonijiet tal-prodott investigat mit-Tajwan lejn l-Unjoni żdiedu b'mod sinifikanti (+ 30 %) matul l-istess perjodu. Hekk kif it-total tal-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat lejn l-Unjoni naqas, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mit-Tajwan lejn l-Unjoni tal-prodott investigat żdied minn 9 % fl-2012 għal 22 % fil-PR (żieda ta' + 147 %).

(49) Id-dejta ta' hawn fuq turi li, minn mindu tnediet l-investigazzjoni oriġinali fl-2012 u l-miżuri fis-seħħ kienu imposti fl-2013, l-importazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mit-Tajwan sa ċertu punt ħadu post l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ.

L-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn it-Tajwan

(50) L-awtoritajiet Tajwaniżi pprovdew rappurtar tal-istatistika dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari minn żoni ta' kummerċ ħieles u d-deposti (minn issa 'l quddiem "FTZs"). It-Tajwan jimpedixxi l-importazzjoni ta' ċelloli u moduli solari mir-RPĊ. Għal din ir-raġuni ċelloli u moduli solari Ċiniżi u komponenti ewlenin oħra jistgħu jidħlu biss fi FTZs, li iktar 'il quddiem jiġu esportati mill-ġdid jew jiġu użati bħala materja prima fi prodott ieħor li jiġi esportat mill-ġdid. Il-Kummissjoni tinnota li kważi l-importazzjonijiet kollha ta' ċelloli u moduli fi FTZs ġew miċ-Ċina. Id-dejta ġiet ipprovduta għas-snin 2012, 2013 u 2014. Il-perjodu ta' rappurtar ikopri tliet kwarti tal-2014 u kwart tal-2015, u għalhekk huwa improbabbli li din it-tendenza tkun differenti b'mod sinifikanti bejn is-sena 2014 u l-PR.

(51) It-Tabella 7 turi l-volum tal-importazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mir-RPĊ f'żoni ta' kummerċ ħieles Tajwaniżi u d-deposti fil-perjodu ta' investigazzjoni:

*It-Tabella 7*

**Importazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mir-RPĊ f'FTZs Tajwaniżi, unità: megawatt (MW)**

| | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|
| Mir-RPĊ lejn FTZs fit-Tajwan | 0 | 49 | 284 |
| *Indiċi* | *100* | *243 150* | *1 421 000* |
| *Sors:* Bureau of Foreign Trade (BOFT). | | | |

(52) It-Tabella 8 turi l-volum ta' esportazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mill-FTZs Tajwaniżi lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni:

*It-Tabella 8*

**Esportazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mill-FTZs Tajwaniżi lejn l-Unjoni, unità: megawatt (MW)**

| | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|
| Mill-FTZs tat-Tajwan lejn l-Unjoni | 2 | 48 | 223 |
| *Indiċi* | *100* | *242 300* | *1 112 750* |
| *Sors:* Bureau of Foreign Trade (BOFT). | | | |

(53) It-Tabella 7 turi żieda qawwija tal-importazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari fit-Tajwan wara li tnediet l-investigazzjoni oriġinali fl-2012 u l-miżuri fis-seħħ kienu imposti fl-2013. It-Tabella 8 turi b'mod ċar li l-biċċa l-kbira tal-prodott Ċiniż ikkonċernat kien esportat mill-ġdid lejn l-Unjoni.

(54) Il-bidla fix-xejra tan-negozju bejn it-Tajwan u r-RPĊ issir saħansitra aktar sinifikanti għall-moduli, jekk dawn jiġu analizzati separatament miċ-ċelloli.

(55) L-importazzjonijiet ta' moduli miċ-Ċina f'FTZs Tajwaniżi żdiedu minn kważi 0 MW fl-2012 għal 213 MW fl-2014. Kważi l-importazzjonijiet kollha fl-FTZs ġew miċ-Ċina. Minn dawk il-213 MW importati 202 MW ġew esportati lejn l-UE. Għaldaqstant, esportazzjonijiet ta' moduli, li oriġinarjament kienu ta' oriġini Ċiniża minn FTZs Tajwaniżi jammontaw għal mill-inqas 24 % tal-esportazzjonijiet Tajwaniżi totali tal-moduli għall-UE fl-2014 kif irrappurtat minn COMEXT.

(56) L-importazzjonijiet ta' ċelloli miċ-Ċina f'FTZs Tajwaniżi żdiedu minn madwar 0 MW fl-2012 għal 71 MW fl-2014. 20 MW kien rapportat bħala esportat lejn l-UE. Għalhekk, l-esportazzjonijiet ta' ċelloli ta' oriġini Ċiniża mill-FTZs Tajwaniżi kienu jammontaw għal 2 % tal-esportazzjonijiet Tajwaniżi totali ta' ċelloli lejn l-UE fl-2014 kif irrappurtat minn COMEXT.

(57) Hekk kif il-prodott Ċiniż ikkonċernat ma jistax jinbiegħ fit-Tajwan, m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni oħra għall-importazzjoni tagħhom miċ-Ċina lejn it-Tajwan għajr għall-iskop ta' trasbord jew assemblaġġ/tlestija ta' operazzjonijiet ta' esportazzjoni mill-ġdid tal-komponenti ewlenin Ċiniżi 'l barra mit-Tajwan.

Il-konklużjoni dwar il-bidla fix-xejra tal-kummerċ fit-Tajwan

(58) It-tnaqqis tal-esportazzjonijiet Ċiniżi ta' ċelloli u moduli solari u ż-żieda parallela tal-esportazzjonijiet mir-RPĊ lejn it-Tajwan u tal-esportazzjonijiet mit-Tajwan lejn l-Unjoni wara li tnediet l-investigazzjoni oriġinali fl-2012 u l-miżuri fis-seħħ kienu imposti fl-2013 jikkostitwixxu bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn il-pajjiżi msemmija hawn fuq minn naħa, u l-Unjoni min-naħa l-oħra.

2.5.3. *In-natura tal-prattika ta' ċirkomvenzjoni fit-Tajwan*

(59) L-Artikolu 23(3) tar-Regolament bażiku jitlob li l-bidla fix-xejra tal-kummerċ tinbet minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr għall-impożizzjoni tad-dazju. Il-prattika, il-proċess u x-xogħol jinkludu, fost l-oħrajn, il-konsenja tal-prodott suġġett għal miżuri permezz ta' pajjiżi terzi.

Trasbord

(60) L-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat lejn l-Unjoni ammontaw għal aktar minn 38 % tal-volum totali tal-importazzjonijiet mit-Tajwan fil-perjodu investigattiv kif irrappurtat minn COMEXT. L-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċelloli minn kumpaniji li ma kkooperawx kienu jirrappreżentaw 11 % tal-importazzjonijiet totali ta' ċelloli mit-Tajwan fl-istess perjodu. L-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' moduli minn kumpaniji li ma kkooperawx kienu jirrappreżentaw 64 % tat-total tal-importazzjonijiet mit-Tajwan tal-moduli kif irrappurtat minn COMEXT.

(61) Il-produtturi taċ-ċelloli kollha li kkooperaw fl-investigazzjoni nstabu li kienu ġenwini. Fl-istess ħin, kif indikat fil-premessa (56), l-esportazzjonijiet ta' ċelloli ta' oriġini Ċiniża mill-FTZs Tajwaniżi lejn l-Unjoni ammontaw għal 2 % biss tal-importazzjonijiet Tajwaniżi taċ-ċelloli fl-Unjoni kif irrappurtat minn COMEXT fl-2014.

(62) Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (81) xi kumpaniji fit-Tajwan nstabu li jimportaw moduli solari laminati (magħrufa wkoll bħala pannelli solari laminati) fid-depositi tagħhom u mill-inqas xi wħud minn dawk il-pannelli solari laminati kienu ddikjarati bħala ċelloli solari. Modulu solari laminat huwa modulu kważi lest, li fih 60 jew 72 ċellola. Ikun jonqos biss operazzjoni ta' assemblaġġ bażika ħafna biex modulu laminat isir modulu solari, jiġifieri kemm jitwaħħal miegħu frejm tal-aluminju u tiżdied junction box. Din hija r-raġuni għaliex modulu

solari laminat għandu jiġi ddikjarat bħala modulu solari. Dan ifisser li mill-inqas parti taċ-ċelloli Ċiniżi importati fiż-żoni ta' kummerċ ħielsa Tajwaniżi u d-depożiti kienu fil-fatt moduli solari laminati u għandhom jiġu ddikjarati bħala moduli.

(63) Kif imsemmi fil-premessa (55) ta' esportazzjonijiet ta' moduli, li oriġinarjament kienu ta' oriġini Ċiniża mill-FTZs tat-Tajwan jikkostitwixxu mill-inqas 24 % tal-importazzjonijiet Tajwaniżi tal-moduli fl-UE. Il-moduli huma l-prodott finali u l-moduli Ċiniżi ma jistgħux jinbiegħu fit-Tajwan; għaldaqstant l-uniku skop probabbli għall-importazzjoni tagħhom lejn it-Tajwan kellu jkun it-trasbord. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li proporzjon kbir ta' moduli kkunsinjati mir-RPĊ ġew trasbordati via t-Tajwan lejn l-Unjoni.

(64) Barra minn hekk, fl-2014 l-OLAF bdiet investigazzjoni dwar l-allegat trasbord ta' ċelloli u moduli solari permezz tat-Tajwan. Din l-investigazzjoni għadha għaddejja.

(65) Barra minn hekk, l-awtoritajiet tat-Tajwan wettqu investigazzjonijiet fil-prattiki allegati ta' ċirkomvenzjoni fl-istess żmien u kkonkludew li diversi kumpaniji, prinċipalment negozjanti, kkommettew frodi billi ffalsifikaw l-oriġini ta' moduli solari.

(66) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, l-eżistenza ta' trasbord tal-prodott investigat mit-Tajwan għalhekk ġiet ikkonfermata.

### 2.6. Ma hemmx raġuni adegwata jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju kompensatorju

(67) L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda raġuni adegwata jew ġustifikazzjoni ekonomika oħra għall-operazzjonijiet ta' trasbord ħlief l-evitar tal-miżuri fis-seħħ fuq ċelloli u moduli solari li joriġinaw mir-RPĊ. Ma nstab l-ebda element, għajr għad-dazju, li seta' jitqies bħala kumpens għall-ispejjeż tat-trasbord jew l-importazzjoni u l-esportazzjoni mill-ġdid ta' ċelloli jew moduli fotovoltajċi bis-siliċju kristallin, partikolarment fir-rigward tat-trasport u t-tagħbija mill-ġdid, mir-RPĊ permezz tal-Malasja u t-Tajwan.

### 2.7. Evidenza tas-sussidjar

(68) Kif stipulat fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2013, il-produtturi esportaturi Ċiniżi nstabu li kienu qed jibbenefikaw minn numru ta' skemi ta' sussidju mogħtija mill-Gvern tar-RPĊ, kif ukoll minn gvernijiet reġjonali u lokali fir-RPĊ. Sussegwentement, l-evidenza *prima facie* turi li l-produtturi tal-prodott ikkonċernat fir-RPĊ x'aktarx se jkomplu jibbenefikaw minn għadd ta' sussidji. Għalhekk, fil-5 ta' Diċembru 2015, inbeda rieżami tal-iskadenza ([1]). L-ebda produttur esportatur mir-RPĊ, jew kwalunkwe parti interessata oħra, ma pprovdew evidenza li turi l-kuntrarju. Huwa għalhekk konkluż li l-prodott importat li qed jiġi investigat għadu qiegħed jibbenefika mill-iskemi ta' sussidju.

### 2.8. Imminar tal-effett ta' rimedju tad-dazju kompensatorju

(69) Biex jiġi vvalutat jekk il-prodotti importati, f'termini ta' kwantitajiet u prezzijiet, imminax l-effetti rimedjali tal-miżuri fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u ċelloli tat-tip użat f'moduli fotovoltajċi bis-siliċju kristallin li joriġinaw fir-RPĊ, intużat id-dejta vverifikata mill-produtturi esportaturi li kkooperaw, il-COMEXT u l-bażi tad-dejta tal-Artikolu 24(6) bħala l-aħjar dejta disponibbli dwar il-kwantitajiet u l-prezzijiet ta' esportazzjonijiet minn kumpaniji li ma kkoperawx. Il-prezzijiet kif stabbiliti tqabblu mal-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu stabbilit għall-produtturi tal-Unjoni fil-premessa (415) tar-Regolament oriġinali.

(70) Iż-żieda tal-importazzjonijiet mill-Malasja u t-Tajwan tqieset sinifikanti f'termini ta' kwantitajiet. Il-konsum stmat tal-Unjoni fil-PI jagħti indikazzjoni simili dwar il-volum sinifikanti ta' dawn l-importazzjonijiet. F'termini ta' sehem mis-suq, il-moduli importati fl-Unjoni minn kumpaniji li ma kkooperawx u l-kumpaniji li nstabu li kienu

([1]) ĠU L 325, 5.12.2013, p. 66.

qed iwettqu ċirkumvenzjoni fil-Malasja, jammontaw għal 9 % tal-konsum tal-Unjoni ta' moduli. Il-moduli importati fl-Unjoni minn kumpaniji li ma kkooperawx u l-kumpaniji li nstabu li kienu qed jevadu fit-Tajwan jirrappreżentaw 7 % tal-konsum tal-UE. Iċ-ċelloli li ġew importati fl-Unjoni minn kumpaniji li ma kkoperawx fit-Tajwan jirrappreżentaw 3 % tal-konsum tal-UE.

(71) It-tqabbil tal-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu kif stabbilit fir-Regolament oriġinali u l-prezz medju ponderat ta' esportazzjoni wera twaqqigħ sinifikanti tal-prezz.

(72) Għaldaqstant ġie konkluż li l-effetti rimedjali tal-miżuri fis-seħħ qed jiġu mhedda f'termini kemm ta' kwantità kif ukoll ta' prezz.

## 3. **MIŻURI**

(73) Minħabba dan ta' hawn fuq, ġie konkluż li d-dazju antidumping definittiv impost fuq l-importazzjonijiet ta' moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u ċelloli tat-tip użat f'moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin li joriġinaw mir-RPĊ kien evitat permezz tat-trasbord mill-Malasja u t-Tajwan.

(74) Skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament bażiku, il-miżuri fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mir-RPĊ għandhom jiġu estiżi għall-importazzjonijiet tal-istess prodott ikkunsinjat mill-Malasja, sew jekk iddikjarat li joriġina mill-Malasja u mit-Tajwan u sew jekk le.

(75) Il-miżuri li għandhom jiġu estiżi għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2013, għall-"Kumpaniji l-oħra kollha", jiġifieri dazju antidumping definittiv ta' 11,5 % applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju.

(76) Skont l-Artikoli 23(3) u 24(5) tar-Regolament bażiku, li jistipula li kull miżura estiża għandha tapplika għall-importazzjonijiet li jkunu daħlu fl-Unjoni skont ir-reġistrazzjoni imposta mir-Regolament li jagħti bidu, għandhom jinġabru dazji fuq dawk l-importazzjonijiet irreġistrati ta' ċerti moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin ikkunsinjati mill-Malasja u mit-Tajwan.

## 4. **TALBIET GĦAL EŻENZJONI**

(77) Erbatax-il kumpanija ppreżentaw lilhom infushom, li minnhom disa' bagħtu tweġiba għall-kwestjonarju u talbu eżenzjoni possibbli mill-miżuri estiżi skont l-Artikolu 23(6) tar-Regolament bażiku. Kumpanija waħda pprovdiet tweġiba defiċitarja ħafna u ma weġbitx fi żmien xieraq għall-ittra ta' defiċenza, biex b'hekk il-Kummissjoni ċaħdet it-talba tagħha. B'hekk, il-Kummissjoni wettqet żjajjar ta' verifika fil-bini ta' tmien kumpaniji.

(78) 28 grupp ta' kumpaniji jew kumpaniji fit-Tajwan għamlu lilhom infushom magħrufa, fejn kumpanija waħda minnhom infurmat lill-Kummissjoni li kienet waqqfet l-attivitajiet tagħha. Kumpanija minnhom infurmat lill-Kummissjoni li hija ma kellha l-ebda bejgħ lejn l-Unjoni u għalhekk ma kinitx eliġibbli għal eżenzjoni. Is-26 kumpanija li wieġbu għall-kwestjonarju talbu eżenzjoni mill-possibbiltà ta' miżuri estiżi skont l-Artikolu 23(6) tar-Regolament bażiku. Kif spjegat fil-premessa (10) ta' hawn fuq, tlieta mill-kumpaniji Tajwaniżi li ppreżentaw tweġiba għall-kwestjonarju nstabu li ma kellhomx assi tal-produzzjoni, u għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet it-talba tagħhom. Għalhekk il-Kummissjoni għamlet żjajjar ta' verifika fil-bini tat-23 grupp ta' kumpaniji jew kumpaniji.

(79) It-tliet kumpaniji fil-Malasja u tliet kumpaniji fit-Tajwan li ġew verifikati nstabu li kienu fornew informazzjoni falza jew qarrieqa. Skont l-Artikolu 28(4) tar-Regolament bażiku, dawn il-kumpaniji kienu infurmati bl-intenzjoni li l-informazzjoni mressqa minnhom kienet se tiġi injorata u li se jiġu applikati "il-fatti disponibbli", u ngħataw skadenza ta' żmien sabiex jipprovdu spjegazzjonijiet ulterjuri ("ittra skont l-Artikolu 28"). Dawn l-ittri jinkludu informazzjoni preċiża dwar liema partijiet tal-informazzjoni ppreżentata minn dawn il-kumpaniji, il-Kummissjoni kellha l-ħsieb li tinjora. Żewġ kumpaniji Tajwaniżi ma wiġbux l-ittra tal-Artikolu 28. Għalhekk, il-Kummissjoni injorat l-informazzjoni kif kienet ħabbret. It-tliet kumpaniji fil-Malasja wieġbu, iżda ma neħħewx id-dubji

tal-Kummissjoni għar-raġunijiet stabbiliti hawn taħt. Anki għal dawk il-kumpaniji, il-Kummissjoni injorat l-informazzjoni kif imħabbar. Kumpanija Tajwaniża wieġbet u pprovdiet informazzjoni addizzjonali, li l-Kummissjoni aċċettat, kif stabbilit fil-premessa (107).

(80) Awtoritajiet investigattivi oħra fl-Unjoni, bħall-OLAF u l-awtoritajiet doganali nazzjonali, attwalment qed jinvestigaw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' dawn il-ħames kumpaniji ukoll. Sabiex jipproteġu dawn l-investigazzjonijiet li għaddejjin, huwa importanti li ma tiġi żvelata l-ebda informazzjoni li tippermetti partijiet terzi jorbtu s-sejbiet fil-premessi li ġejjin ma' xi kumpanija speċifika. Għalhekk, il-Kummissjoni ma speċifikatx liema kumpanija hi kkonċernata u b'liema sejbiet. L-importaturi li jkunu xtraw il-prodott li qed jiġi investigat minn dawk il-kumpaniji u jixtieqU jkunu jafu x'inhi eżattament is-sitwazzjoni tal-fornituri tagħhom jistgħu jikkuntattjaw direttament lill-fornitur tagħhom, jew il-Kummissjoni, biex jiksbu aktar informazzjoni dettaljata.

(81) Għall-iskop ta' din l-investigazzjoni, ġew stabbiliti d-dettalji li ġejjin: Tnejn minn dawn it-tliet kumpaniji fit-Tajwan instabu li jimportaw moduli solari laminati mir-RPĊ, li huma ma żvelawx fit-tweġiba tagħhom għall-kwestjonarju. Waħda minn dawn il-kumpaniji ammettiet matul iż-żjara ta' verifika li huma rrappurtaw dawn l-importazzjonijiet fit-tweġiba tagħhom għall-kwestjonarju bħala importazzjonijiet ta' ċelloli solari mir-RPĊ. Din il-kumpanija kienet ukoll rrappurtat dawn l-importazzjonijiet bħala ċelloli solari, fid-dikjarazzjoni doganali tagħha. Fil-każ ta' dawn iż-żewġ kumpaniji Tajwaniżi, id-dokumenti nstabu li juru b'mod ċar li huma esportaw mill-ġdid moduli solari laminati mir-RPĊ lejn l-Unjoni.

(82) Dawn iż-żewġ kumpaniji fit-Tajwan ma pprovdewx l-ebda kjarifika addizzjonali bi tweġiba għall-ittra tal-Artikolu 28(4), minħabba li wiġbux (ara l-premessa (81) hawn fuq).

(83) Għar-raġunijiet stipulati hawn fuq fil-premessa (81) u (82) u fid-dawl tas-sejbiet fir-rigward tal-bidla fix-xejra kummerċjali u fil-prattiki tat-trasbord, kif stabbilit fit-taqsima 2 ta' dan ir-Regolament attwali, li kull waħda minnhom hija biżżejjed weħidha, dawn il-kumpaniji nstabu li kienu involuti fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni u ma setgħetx tingħata eżenzjoni skont l-Artikolu 23(6) tar-Regolament bażiku.

(84) Għal dawn it-tliet kumpaniji Malasjani, kif spjegat hawn taħt, intużaw il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku minħabba r-raġunijiet li ġejjin.

(85) Kumpanija Malasjana rrapportat fit-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju li huma xtraw ċelloli solari fir-RPĊ, u hi speċifikat li l-moduli b'ċelloli Ċiniżi kienu mibgħuta għal swieq oħra barra l-Unjoni. Madankollu, din il-kumpanija ma setgħetx tipprova li hi xtrat kwantitajiet suffiċjenti ta' ċelloli barra r-RPĊ li jippermettilha tipproduċi l-ammont ta' moduli solari li huma esportati lejn l-Unjoni. Matul iż-żjara ta' verifika, din il-kumpanija nstabet li kienet qed timporta moduli solari laminati mir-RPĊ, fejn b'mod frodulenti ddikjarat li huma importazzjonijiet ta' ħġieġ solari. Din il-kumpanija nstabet ukoll li m'għandhiex kapaċità produttiva suffiċjenti biex tipproduċi l-volumi tal-prodott li qed jiġi investigat li esportat. Din il-kumpanija nstabet ukoll li għandha rabtiet ma' kumpanija Ċiniża attiva fin-negozju fotovoltajku.

(86) Fit-tweġiba tagħha għall-ittra tal-Artikolu 28(4), il-kumpanija Malasjana ċaħdet li hi esportat moduli u ċelloli Ċiniżi lejn l-Unjoni. Huma sostnew li huma esportaw lejn l-Unjoni moduli u ċelloli tal-Korea t'Isfel li kienu, madankollu, laminati fiċ-Ċina. Il-kumpanija wieġbet ukoll li kienu ordnaw dan il-"ħġieġ laminat" minħabba li kien hemm kwistjoni ta' kwalità mal-laminatur tagħhom. Madankollu, kif iddikjarat hawn fuq, dan kien iddikjarat b'mod frodulenti bħala ħġieġ solari. Barra minn hekk, il-kumpanija ma setgħetx turi li kienet xtrat biżżejjed ċelloli fil-Korea t'Isfel għall-moduli kollha li hi esportat lejn l-Unjoni.

(87) Il-kumpanija argumentat ukoll li kien hemm bidla fis-sjieda minn April 2014. Din il-bidla fis-sjieda, madankollu, ma tbiddilx il-fatt li jeżistu rabtiet bejn kumpaniji Ċiniżi u Malasjani fis-sens li l-fornitur ewlieni tal-kumpanija Malasjana tal-materja prima kompla jkun il-manifattur tal-modulu Ċiniż.

(88) Għaldaqstant, l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-kumpanija bi tweġiba għall-ittra tal-Artikolu 28(4) ma kinux tali li jbiddlu l-konstatazzjoni li hi esportat mill-ġdid lejn l-Unjoni, il-moduli solari laminati Ċiniżi u li mill-inqas xi ftit mill-moduli esportati lejn l-UE użaw ċelloli Ċiniżi.

(89) Fid-dawl tas-sejbiet fir-rigward tal-bidla fix-xejra kummerċjali u fil-prattiki tat-trasbord, kif stabbilit fit-taqsima 2, u s-sejbiet kif stabbiliti fil-premessi (85) sa (88) hawn fuq, li kull waħda minnhom hija biżżejjed weħidha, l-eżenzjoni kif mitluba minn din il-kumpanija Malasjana ma setgħetx tingħata f'konformità mal-Artikolu 23(6) tar-Regolament bażiku.

(90) Kumpanija oħra fil-Malasja nstabet li ma għandhiex kapaċità ta' produzzjoni suffiċjenti biex tipproduċi l-volumi tal-prodott li qed jiġi investigat li hi esportat. L-istess kumpanija ma kinetx f'qagħda li tagħti xi kuntratti tax-xogħol għall-impjegati tagħha; għalhekk hija ma kinitx kapaċi tipprova li hija kellha impjegati matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Din il-kumpanija ma kinetx f'qagħda li tagħti kuntratti ta' xiri għal magni tal-produzzjoni għall-moduli solari. Din il-kumpanija naqset ukoll milli tiżvela r-relazzjoni tagħha ma' produttur esportatur Ċiniż u x-xiri tal-prodott investigat mill-kumpanija relatata. Barra minn hekk, din il-kumpanija pprovdiet dokumenti li jindikaw dati ta' stabbiliment differenti. L-investigazzjoni wriet li din il-kumpanija ġiet stabbilita fl-2013, jiġifieri, wara t-tnedija ta' investigazzjonijiet tal-AD u AS oriġinali u ssospendiet il-produzzjoni ftit wara Mejju 2015, jiġifieri wara l-impożizzjoni ta' reġistrazzjoni fuq moduli Malasjani.

(91) Din il-kumpanija sostniet, fit-tweġiba tagħha għall-ittra tal-Artikolu 28(4), li l-maġġoranza ta' kumpaniji fil-Malasja ma għandhomx kuntratti tax-xogħol għall-impjegati tagħhom. Barra minn hekk, huma sostnew li kellhom biżżejjed kapaċità li jipproduċu l-ammonti ddikjarati. Il-kumpanija argumentat ukoll li huma impjegaw persuni nkarigati mill-bejgħ minn kumpanija Ċiniża iżda ma kellhiex rabtiet formali ma' din il-kumpanija Ċiniża. Dawn l-ispjegazzjonijiet addizzjonali ma kinux tali li jwasslu għal bidla fil-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq. B'mod partikolari, il-kumpanija ma wrietx li kienet kapaċi tipproduċi l-kwantitajiet esportati. Barra minn hekk, teżisti diskrepanza sinifikanti bejn il-kwantità ta' ċelloli importati kif irrappurtat mill-kumpanija u l-kwantità ta' ċelloli rappurtata mill-fornitur tagħha. Barra minn hekk, il-fatt li dawn jimpjegaw persunal minn kumpaniji Ċiniżi tikkonferma r-rabtiet li nstabu mal-kumpanija Ċiniża.

(92) Fid-dawl tas-sejbiet fir-rigward tal-bidla fix-xejra kummerċjali u fil-prattiki tat-trasbord, kif stabbilit fit-taqsima 2, u s-sejbiet kif stabbiliti fil-premessi (90) u (91) hawn fuq, kull waħda minnhom hija biżżejjed weħidha, l-eżenzjoni kif mitlub minn din il-kumpanija Malasjana ma setgħetx tingħata f'konformità mal-Artikolu 23(6) tar-Regolament bażiku.

(93) Kumpanija oħra fil-Malasja li ġiet stabbilita f'Ġunju 2013, jiġifieri, wara t-tnedija ta' investigazzjonijiet tal-AD u AS oriġinali, bdiet tbigħ moduli minn Diċembru 2013 'il quddiem, jiġifieri eżatt wara l-impożizzjoni tad-dazji definittivi ta' antidumping u kompensatorji mir-Regolament oriġinali. Il-kumpanija produċiet moduli fotovoltajċi polikristallini matul il-Perjodu ta' Rappurtar minn ċelloli, li prinċipalment kienu importati mit-Tajwan. Din il-kumpanija tidher li għandha rabtiet mill-qrib ma' kumpanija Ċiniża, li mingħandha ġie aċċettat impenn u sussegwentement ġie irtirat minħabba ksur ([1]). L-ewwel nett, il-Maniġer Ġenerali tal-kumpanija Malasjana kien jokkupa pożizzjoni maniġerjali fil-kumpanija Ċiniża. It-tieni, iċ-ċelloli inizjalment kienu nxtraw f'bosta okkażjonijiet permezz tal-kumpanija Ċiniża u/jew kumpanija Ċiniża oħra fejn iċ-ċelloli kienu fiżikament ittrasportati minn pajjiż terz (prinċipalment it-Tajwan) lejn ir-RPĊ, qabel ma jidher li ġew trasportati ulterjorment lejn il-kumpanija li tinsab fil-Malasja. It-tielet nett, l-iktar moduli mibjugħa lil pajjiżi terzi matul il-Perjodu ta' Rappurtar ġew mibjugħa lil kumpanija fl-Istati Uniti tal-Amerika, li hi relatata mal-kumpanija Ċiniża. Ir-raba' nett, ir-rappreżentant legali tal-kumpanija Ċiniża kien preżenti matul l-investigazzjoni fuq il-post ta' din il-kumpanija Malasjana. Il-ħames nett, il-mudelli tal-kuntratti ta' bejgħ kemm tal-kumpaniji Ċiniżi u Tajwaniżi jidhru li huma l-istess, kemm f'termini ta' armar u ta' sustanza. Is-sitt nett, rappreżentant tal-kumpanija Ċiniża ddikjara f'filmat fuq l-Internet li l-kumpanija Ċiniża qed tipprovdi pariri tekniċi u superviżjoni lill-kumpanija Malasjana.

(94) Elementi oħra li ma ġewx żvelati minn din il-kumpanija Malasjana matul l-investigazzjoni fuq il-post, iżda kienu rċevuti mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru huma dawn li ġejjin: Din il-kumpanija Malasjana kienet ikkonkludiet ftehim ta' awtorizzazzjoni ta' użu ta' marka mal-istess kumpanija Ċiniża li minnha ġie aċċettat impenn, li permezz tiegħu din il-kumpanija Malasjana kienet awtorizzata li tuża l-isem tal-kumpanija Ċiniża, jekk hekk mitlub mill-klijenti. Barra minn hekk, wieħed mill-ewwel klijenti fl-Unjoni ġie introdott lill-kumpanija Malasjana permezz ta' rappreżentant tal-bejgħ tal-kumpanija Ċiniża. Fl-aħħar nett, l-ewwel esportazzjoni lejn l-Unjoni minn din il-kumpanija Malasjana kienet suġġetta għal investigazzjoni mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru hekk kif il-moduli kienu mmarkati "Made in China", flimkien ma' marka kummerċjali ta' kumpanija Ċiniża fuqhom.

[1] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/866 tal-4 ta' Ġunju 2015 li rrevokat l-aċċettazzjoni tal-impenn għal tliet produtturi esportaturi skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/707/UE (ĠU L 139, 5.6.2015, p. 30). Wieħed minn dawn it-tliet produtturi esportaturi hu l-kumpanija Ċiniża msemmija hawn fuq.

(95) Din il-kumpanija Malasjana wieġbet għall-ittra tal-Artikolu 28(4) b'ittra ddatata l-14 ta' Diċembru 2015, li tgħid li hija ma kellhiex l-intenzjoni li taħbi r-rabtiet kummerċjali mal-kumpanija Ċiniża u li huma wieġbu f'*bona fede* għall-formola ta' eżenzjoni. Huma ddikjaraw ukoll li l-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru aċċettaw wara l-investigazzjoni li l-moduli ttikkettati b'mod ħażin kienu attwalment maħduma mill-kumpanija fil-Malasja. Madankollu, l-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru kkonfermaw lill-Kummissjoni li dawn il-moduli ma kinux joriġinaw mill-Malasja.

(96) Wara l-iżvelar, il-kumpanija Malasjana allegat li l-Kummissjoni bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq preżunzjonijiet, ilmenti u allegazzjonijiet foloz, fejn il-bażi u l-prova tagħhom, jekk disponibbli, qatt ma kienu ġew żvelati lilhom bħala tali, u b'hekk imminaw id-drittijiet tad-difiża tal-kumpanija. B'mod partikolari, hija kkritikat lill-Kummissjoni talli ma żvelatx il-filmat tal-Internet msemmi fil-premessa (93) u l-informazzjoni riċevuta mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru msemmija fil-premessa (94). Il-kumpanija argumentat ukoll li ma kinetx marbuta mal-kumpanija Ċiniża u li hija ma kinitx ħbiet il-kuntratt ta' awtorizzazzjoni għall-użu tal-marka tagħhom ma' din il-kumpanija Ċiniża matul iż-żjara ta' verifika. Fir-rigward l-investigazzjoni tal-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru, il-kumpanija argumentat li finalment il-prodotti kollha kienu rilaxxati bħala moduli li joriġinaw fil-Malasja. Finalment hija argumentat li d-data tal-istabbiliment tagħha u l-fatt li l-kumpanija kienet tbigħ lil kumpanija fl-Istati Uniti, li hi relatata mal-kumpanija Ċiniża, mhumiex argumenti validi li abbażi tagħhom l-eżenzjoni tista' tiġi miċħuda. Il-kumpanija Malasjana talbet ukoll li ssir seduta mal-Uffiċjal ta' Smigħ fil-Proċeduri Kummerċjali, li saret fit-12 ta' Jannar 2016. Qabel din is-seduta, il-filmat tal-Internet kien żvelat lill-kumpanija, li kkonfermat l-eżattezza tiegħu waqt is-seduta.

(97) L-ispjegazzjonijiet addizzjonali li pprovdiet il-kumpanija ma kinux tali li jwasslu għal bidla fil-konklużjoni kif stabbilit hawn fuq, għar-raġunijiet stabbiliti hawn taħt.

(98) L-elementi msemmija fil-premessa (93) hawn fuq mhumiex sempliċi preżunzjonijiet u allegazzjonijiet, iżda fatti li bħala tali ma ġewx iddubitati mill-kumpanija. Barra minn hekk, dawn il-fatti kienu ppreżentati mill-kumpanija fl-ittra tal-Artikolu 28 tas-3 ta' Diċembru 2015, li fiha l-kumpanija kienet mistiedna biex tikkummenta. Sussegwentement, is-sejbiet ġew żvelati lill-kumpanija fit-22 ta' Diċembru 2015, li fiha l-kumpanija għal darb'oħra ġiet mistiedna biex tikkummenta. Għaldaqstant, id-drittijiet tad-difiża tal-kumpanija kienu rrispettati bis-sħiħ. Jibqa' l-fatt li l-kumpanija mill-inqas ppruvat timminimizza, jekk mhux taħbi, ir-rabtiet kummerċjali tagħha, inkluża l-eżistenza tal-ftehim ta' awtorizzazzjoni ta' użu tal-marka tagħha, mal-kumpanija Ċiniża matul iż-żjara ta' verifika. Tabilħaqq, il-kumpanija Malasjana li għaliha saret referenza waqt il-verifika fuq il-post għall-użu ta' marka ta' kumpanija Ċiniża, madankollu semmiet espliċitament "għal żmien limitat". Il-kuntratt tal-użu tal-marka la kien provdut u lanqas kien żvelat fuq il-post li dan il-ftehim kien imġedded għal perjodu ieħor ta' erba' snin. L-ebda wieħed mill-elementi msemmija hawn fuq fil-premessa (93), li wrew ir-rabtiet kummerċjali qawwija bejn iż-żewġ kumpaniji, ma ġew spjegati fid-dettall jew murija lis-servizzi tal-Kummissjoni matul iż-żjara ta' verifika. Barra minn hekk, l-eżattezza ta' dawn l-elementi ma ġietx ikkontestata mill-kumpanija.

(99) L-Artikolu 23(6) tar-Regolament bażiku jipprovdi li, sabiex jikseb eżenzjoni, il-produttur esportatur għandu juri li ma huwa relatat mal-ebda produttur soġġett għall-miżuri u li mhumiex involuti fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni.

(100) Fir-rigward tal-ewwel kriterju (l-ebda relazzjoni ma' xi produttur li hu suġġett għall-miżura), il-produttur esportatur ppruva jimminimizza, jekk mhux biex jaħbi diversi rabtiet mal-produttur esportatur Ċiniż kif stipulat fil-premessa (93). Madankollu, l-oneru tal-prova dwar in-nuqqas ta' tali rabta hu fuq il-produttur esportatur. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni dwar dan il-punt u l-impossibilità li tivverifika kull informazzjoni ġdida sottomessa b'risposta għall-iżvelar, il-Kummissjoni kellha toqgħod fuq il-fatti disponibbli biex jiġi vvalutat jekk il-produttur esportatur ċaħadx l-impressjoni *prima facie*, fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, li huwa marbut mal-kumpanija Ċiniża. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-produttur esportatur naqas milli jagħmel dan, minħabba li hemm diversi indikazzjonijiet ta' rabta mill-qrib bejn il-kumpanija Ċiniża u l-produttur esportatur.

(101) F'kwalunkwe każ, u anke jekk jiġi ssodisfat l-ewwel kriterju, *quod non*, il-Kummissjoni hi tal-opinjoni li t-tieni kriterju ma kienx issodisfat. Il-produttur esportatur kien involut f'ċirkomvenzjoni b'żewġ modi differenti, li kull wieħed minnhom hu biżżejjed waħdu biex tiġi rifjutata eżenzjoni. Indikazzjoni importanti li hi involuta f'attivitajiet ta' ċirkomvenzjoni, li hija komuni għaż-żewġ modi u li mhijiex ikkontestata, hija li l-produttur esportatur beda l-attivitajiet tiegħu wara l-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali.

(102) L-ewwel nett, id-dikjarazzjoni tal-kumpanija li l-prodotti kollha msemmija fil-premessa (96) kienu rilaxxati bħala moduli li joriġinaw fil-Malasja hija fattwalment inkorretta. L-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru pprovdew informazzjoni lill-Kummissjoni li turi li dawn il-moduli huma kkunsidrati li huma ta' oriġini Ċiniża, b'hekk isem il-kumpanija Ċiniża kien ittikkettjat fuq il-palits tal-moduli solari inkwistjoni. Sabiex tiġi protetta l-investigazzjoni li għaddejja minn din l-amministrazzjoni doganali nazzjonali, din l-informazzjoni ma setgħetx tiġi żvelata lil din il-kumpanija Malasjana. Madankollu, il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tal-kumpanija dwar il-possibbiltà li l-Uffiċjal tas-Seduta fil-Proċeduri Kummerċjali jista' jivverifika l-preċiżjoni tal-informazzjoni, fuq il-bażi tal-Artikoli 12, 13 u 15 ta' dawn it-termini ta' referenza.

(103) L-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet doganali tikkostitwixxi prova ta' trasbord mill-produttur esportatur, u għalhekk prova li l-produttur esportatur hu involut f'prattiki ta' ċirkomvenzjoni.

(104) It-tieni nett, il-ftehim għall-użu tal-marka mal-produttur esportatur Ċiniż ġie konkluż u estiż f'mument meta l-produttur esportatur Ċiniż kien qed jesporta lejn l-Unjoni skont it-termini ta' impenn. Dan l-impenn ipprojbixxa fost l-oħrajn il-bejgħ lejn l-Unjoni tal-prodott ikkonċernat manifatturat f'pajjiż terz, minħabba li dan kien jagħmel is-superviżjoni tal-impenn, u b'mod partikolari d-dispożizzjoni tiegħu dwar bejgħ trasversali, impossibbli, jew għall-inqas mhux prattiku. It-termini tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-impenn kienu magħrufa sew fl-industrija u kienu disponibbli, fuq talba, mis-servizzi tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, minħabba r-rabtiet kummerċjali tagħha mill-qrib mal-produttur Ċiniż, kienu wkoll disponibbli lill-produttur esportatur. Billi jidħlu fi ftehim għall-użu ta' marka, il-produttur esportatur evita t-termini tal-impenn, u involva ruħu wkoll b'dan il-mod fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni. Matul is-seduta tat-12 ta' Jannar 2016, il-kumpanija Malasjana ddikjarat li hija ma kinitx tat informazzjoni falza jew qarrieqa u li hija l-manifattur ġenwin Malasjan ta' moduli solari. Rigward l-evidenza miġbura mill-amministrazzjoni doganali nazzjonali, li ma setgħetx tiġi żvelata lill-kumpanija Malasjana għar-raġunijiet stabbiliti hawn fuq, il-kumpanija talbet lill-Uffiċċju tas-Smigħ biex tivverifika l-eżattezza tagħha. L-Uffiċjal tas-Seduta fil-Proċeduri Kummerċjali sussegwentement informa lill-kumpanija li hu vverifika l-eżattezza tal-informazzjoni mill-amministrazzjoni doganali nazzjonali u li fuq din il-bażi, l-awtoritajiet doganali nazzjonali kkonkludew li volum sinifikanti ta' moduli ta' dik il-konsenja kien ta' oriġini Ċiniża.

(105) Għaldaqstant, skont l-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku, il-konklużjonijiet rigward din il-kumpanija kienu abbażi tal-fatti disponibbli.

(106) Fid-dawl tas-sejbiet fir-rigward tal-bidla fix-xejra kummerċjali u fil-prattiki tat-trasbord, kif stabbilit fit-taqsima 2, u s-sejbiet kif stabbiliti fil-premessi (93) sa (105) hawn fuq, dwar is-sejba tal-kumpanija Malasjana li għandha rabtiet mill-qrib mal-kumpanija Ċiniża, b'involviment fit-trasbord u fi ksur tal-impenn, u kull waħda minnhom hija biżżejjed waħidha, l-eżenzjoni kif mitluba minn din il-kumpanija Malasjana ma setgħetx tingħata f'konformità mal-Artikolu 23(6) tar-Regolament bażiku.

(107) Kumpanija waħda fit-Tajwan naqset milli tiżvela fi żmien xieraq l-informazzjoni dettaljata dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' ċelloli tal-kumpanija relatata tagħhom fiċ-Ċina li kienu ġew ippreżentati bħala wafer slicer, id-dejta tal-importazzjoni, ir-rispett ta' restrizzjonijiet Tajwaniżi u l-flussi preċiżi ta' xiri. L-ispjegazzjonijiet ulterjuri li waslu minn din il-kumpanija, *wara talba skont l-Artikolu 28(1)*, kienu madankollu biżżejjed biex din il-kumpanija tingħata eżenzjoni, peress li hija pprovdiet l-informazzjoni mitluba li setgħet tiġi vverifikata mill-Kummissjoni.

(108) *Il-ħames kumpaniji Malasjani u l-21 produttur Tajwaniżi li jesportaw li għad fadal, inklużi l-kumpanija msemmija fil-premessa (107), nstabu li ma kinux involuti f'prattiki ta' ċirkomvenzjoni u b'hekk jistgħu jingħataw eżenzjonijiet għall-moduli u ċ-ċelloli li huma produċew* f'konformità mal-Artikolu 23(6) tar-Regolament bażiku.

(109) B'mod partikolari, il-biċċa l-kbira ta' dawn il-kumpaniji kienu stabbiliti qabel l-impożizzjoni ta' miżuri kontra r-RPĊ. Fuq il-bażi tat-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju, ġew spezzjonati l-faċilitajiet ta' produzzjoni ta' dawn il-kumpaniji kollha. Il-verifika, tal-produzzjoni u l-istatistika ta' kapaċità, l-ispejjeż ta' produzzjoni, ix-xiri ta' materja prima, il-prodotti nofshom lesti u l-prodotti lesti u l-bejgħ tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni, ikkonfermat li dawn il-kumpaniji kienu produtturi ġenwini li għalihom ma nstabet l-ebda evidenza ta' prattiki ta' ċirkomvenzjoni.

(110) Produtturi oħrajn li ma ppreżentawx ruħhom f'dan il-proċediment u li ma esportawx il-prodott li qed jiġi investigat tul il-Perjodu ta' Investigazzjoni, u li beħsiebhom iressqu talba għal eżenzjoni mid-dazju estiż b'rabta mal-antidumping skont l-Artikoli 20 u 23(6) tar-Regolament bażiku, se jkunu mitluba jimlew formola ta' eżenzjoni sabiex jippermettu lill-Kummissjoni tivvaluta din it-talba.

(111) Wara l-iżvelar, bosta kumpaniji ppreżentaw ruħhom u laqgħu tajjeb id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li jiġu eżentati. Dawn il-kumpaniji madankollu, enfasizzaw ukoll il-fatt li l-arranġamenti (spiss imsejħa arranġamenti OEM) bejn kumpaniji differenti li jintużaw ħafna fl-industrija tal-pannelli solari, fejn il-produtturi taċ-ċelloli/il-manifatturi tal-moduli (ħafna drabi msemmija bħala s-sidien tal-marka) xi drabi jgħaddu parti taċ-ċelloli tagħhom għall-assemblaġġ f'moduli minn manifatturi oħra (spiss imsejħa manifatturi OEM). Dawn il-kumpaniji talbu kjarifika li dawn se jkomplu jibbenefikaw minn eżenzjoni meta daħlu f'arranġament bħal dan. Il-Kummissjoni tikkonferma li dawn l-arranġamenti, li huma riferuti b'mod aktar korrett bħala arranġamenti ta' sottokuntrattar, jeżistu fl-industrija tal-pannelli solari u jaqgħu fl-ambitu tal-estensjoni mogħtija. Taħt arranġamenti bħal dawn, il-fornituri u l-oriġini tal-materja prima huma kkontrollati mis-sidien ta' marka; is-sottokuntrattur qed juża l-mudell tad-disinn mogħti mis-sid tal-marka, fejn dan tal-aħħar jissorvelja l-proċess ta' produzzjoni. Madankollu, anke taħt arranġamenti bħal dawn, iċ-ċelloli għandhom jiġu mmanifatturati minn kumpanijieżentati, kif stabbilit fl-Artikolu 1(2) hawn taħt.

(112) Meta eżenzjoni hija ġġustifikata, il-miżuri estiżi fis-seħħ jiġu emendati skont dan. Sussegwentement, kull eżenzjoni mogħtija tkun immonitorjata biex tkun assigurata l-osservanza tal-kondizzjonijiet stabbiliti fiha.

(113) Huwa meqjus li huma meħtieġa miżuri speċjali f'dan il-każ sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' dawn l-eżenzjonijiet. Dawn il-miżuri speċjali għandhom ir-rekwiżit li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri, li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(2). L-importazzjonijiet li ma jkunux akkumpanjati b'fattura tali għandhom jkunu soġġetti għad-dazju kompensatorju estiż.

## 5. **DIVULGAZZJONI**

(114) Il-partijiet kollha interessati ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li wasslu għall-konklużjonijiet imsemmija u ġew mistiedna biex jikkummentaw. Ġew ikkunsidrati l-kummenti orali u miktuba li tressqu, L-ebda wieħed mill-argumenti ppreżentati ma ta lok biex is-sejbiet definittivi jiġu mmodifikati,

(115) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

1. Id-dazju antidumping definittiv applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" impost permezz tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2013 fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, sakemm mhumiex fi transitu skont it-tifsira tal-Artikolu V GATT, huwa b'dan estiż għal importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) ikkunsinjati mill-Malasja u t-Tajwan, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fil-Malasja jew fit-Tajwan kif ukoll jekk le, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 8501 31 00, ex 8501 32 00, ex 8501 33 00, ex 8501 34 00, ex 8501 61 20, ex 8501 61 80, ex 8501 62 00, ex 8501 63 00, ex 8501 64 00 u ex 8541 40 90 (kodiċijiet TARIC 8501 31 00 82, 8501 31 00 83, 8501 32 00 42, 8501 32 00 43, 8501 33 00 62, 8501 33 00 63, 8501 34 00 42, 8501 34 00 43, 8501 61 20 42, 8501 61 20 43, 8501 61 80 42, 8501 61 80 43, 8501 62 00 62, 8501 62 00 63, 8501 63 00 42, 8501 63 00 43, 8501 64 00 42, 8501 64 00 43, 8541 40 90 22, 8541 40 90 23, 8541 40 90 32, 8541 40 90 33) bl-eċċezzjoni ta' dawk prodotti mill-kumpaniji elenkati hawn taħt:

| Pajjiż | Kumpanija | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| Il-Malasja | AUO — SunPower Sdn. Bhd. | C073 |
| | Flextronics Shah Alam Sdn. Bhd. | C074 |
| | Hanwha Q CELLS Malaysia Sdn. Bhd. | C075 |
| | Panasonic Energy Malaysia Sdn. Bhd. | C076 |
| | TS Solartech Sdn. Bhd. | C077 |

| Pajjiż | Kumpanija | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| It-Tajwan | ANJI Technology Co., Ltd. | C058 |
| | AU Optronics Corporation | C059 |
| | Big Sun Energy Technology Inc. | C078 |
| | EEPV Corp. | C079 |
| | E-TON Solar Tech. Co., Ltd. | C080 |
| | Gintech Energy Corporation | C081 |
| | Gintung Energy Corporation | C082 |
| | Inventec Energy Corporation | C083 |
| | Inventec Solar Energy Corporation | C084 |
| | LOF Solar Corp. | C085 |
| | Ming Hwei Energy Co., Ltd. | C086 |
| | Motech Industries, Inc. | C087 |
| | Neo Solar Power Corporation | C088 |
| | Perfect Source Technology Corp. | C089 |
| | Ritek Corporation | C090 |
| | Sino-American Silicon Products Inc. | C091 |
| | Solartech Energy Corp. | C092 |
| | Sunengine Corporation Ltd. | C093 |
| | Topcell Solar International Co., Ltd. | C094 |
| | TSEC Corporation | C095 |
| | Win Win Precision Technology Co., Ltd. | C096 |

2. L-applikazzjoni ta' eżenzjonijiet mogħtija lill-kumpaniji speċifikament imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew awtorizzati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 2(2) se tkun tiddependi fuq il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri, ta' fattura kummerċjali valida maħruġa mill-produttur jew l-ispeditur, li fuqha se tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li qed joħroġ tali fattura, identifikati minn ismu/isimha u l-funzjoni. Fil-każ ta' ċellola fotovoltajka tas-siliċju kristallin, din id-dikjarazzjoni għandha titfassal kif ġej:

*"Jiena, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura, kien immanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi TARIC addizzjonali) fil-(pajjiż ikkonċernat); Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."*

Fil-każ ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin, din id-dikjarazzjoni għandha titfassal kif ġej:

*"Jiena, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura, kien immanifatturat*

*(i) minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi TARIC addizzjonali) fil-(pajjiż ikkonċernat); JEW*

*(ii) minn parti terzi sottokuntrattata għal (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi TARIC addizzjonali) fil-(pajjiż ikkonċernat)*

*(neħħi kif xieraq waħda miż-żewġ għażliet ta' hawn fuq)*

*bil-ċelloli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin immanifatturati minn (isem u indirizz il-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC [li għandha tkun miżjuda jekk il-pajjiż ikkonċernat hu suġġett għal miżuri ta' kontra ċirkomvenzjoni fis-seħħ]) fil-(pajjiż ikkonċernat).*

*Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."*

Jekk l-ebda tali fattura ma tiġi ppreżentata u/jew waħda jew iż-żewġ kodiċijiet addizzjonali TARIC mhijiex/mhumiex ipprovduta/i fid-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq, ir-rata ta' dazju applikabbli lill-"kumpaniji l-oħra kollha" se tapplika u se teħtieġ id-dikjarazzjoni tal-kodiċi addizzjonali TARIC B999 fid-dikjarazzjoni tad-dwana.

3. Id-dazju estiż mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jinġabar fuq l-importazzjonijiet ikkunsinjati mill-Malasja u t-Tajwan, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malasja u sew jekk le, irreġistrati skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2015/832 u l-Artikoli 23(4) u 24(5) tar-Regolament (KE) Nru 597/2009, bl-eċċezzjoni ta' dawk il-kumpaniji elenkati fil-paragrafu 1.

4. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

*Artikolu 2*

1. It-talbiet għall-eżenzjoni mid-dazju, estiżi permezz tal-Artikolu 1, isiru bil-miktub f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jridu jkunu ffirmati minn persuna awtorizzata li tirrappreżenta lill-entità li qed titlob l-eżenzjoni. It-talba trid tintbagħat fl-indirizz li ġej:

European Commission

Directorate-General for Trade

Directorate H

Office: CHAR 04/39

1049 Brussels

Belgium

2. F'konformità mal-Artikolu 23(6) tar-Regolament (KE) Nru 597/2009, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, b'deċiżjoni, l-eżenzjoni ta' importazzjonijiet mill-kumpaniji li ma jevadux il-miżuri antidumping imposti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1239/2013, mid-dazju estiż permezz tal-Artikolu 1.

*Artikolu 3*

L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati li ma jkomplux bir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet stabbilita skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2015/832.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-11 ta' Frar 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/185

## tal-11 ta' Frar 2016

## li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1238/2013 fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) ikkunsinjati mill-Malasja u t-Tajwan, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fil-Malasja jew fit-Tajwan kif ukoll jekk le

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

### 1. **PROĊEDURA**

### 1.1. **Il-miżuri eżistenti**

(1) Bir-Regolament (UE) Nru 1238/2013, ("ir-Regolament oriġinali"), il-Kunsill impona dazju antidumping definittiv ta' 53,4 % fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin jew pannelli u ċelloli tat-tip użat f'moduli jew f'pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("RPĊ" jew "iċ-Ċina") għall-kumpaniji l-oħrajn kollha ħlief dawk imsemmija fl-Artikolu 1(2) u fl-Anness 1 ta' dak ir-Regolament. Dawn il-miżuri minn issa 'l quddiem se jissejħu "l-miżuri fis-seħħ" u l-investigazzjoni li wasslet biex jiġu imposti l-miżuri mir-Regolament oriġinali minn issa 'l quddiem se tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali".

### 1.2. **Bidu wara talba**

(2) Fil-15 ta' April 2015, produttur tal-Unjoni ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin jew pannelli u ċelloli tat-tip użat f'moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin ippreżenta talba li tindika li l-miżuri antidumping u kompensatorji fuq l-importazzjonijiet ta' moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u ċelloli tat-tip użat f'moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin mir-RPĊ qegħdin jiġu evitati permezz tal-Malasja u t-Tajwan.

(3) It-talba pprovdiet evidenza *prima facie* li, wara l-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ, seħħet bidla sinifikanti fit-tendenza tal-kummerċ li kienet tinvolvi l-esportazzjonijiet mir-RPĊ, mill-Malasja u mit-Tajwan lejn l-Unjoni, u dan kien donnu riżultat tal-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ. Allegatament kien hemm użu insuffiċjenti mingħajr raġuni jew ġustifikazzjoni oħra għajr l-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ għal din il-bidla.

(4) Barra minn hekk, l-evidenza enfasizzat il-fatt li l-effetti ta' rimedju tal-miżuri fis-seħħ kienu qed jiġu mhedda kemm f'termini ta' kwantità kif ukoll ta' prezz. L-evidenza wriet li ż-żieda fl-importazzjonijiet mill-Malasja u mit-Tajwan saru bi prezzijiet aktar baxxi mill-prezz li ma jikkawżax dannu stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali.

(5) Fl-aħħar nett, kien hemm evidenza *prima facie* li moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju u ċelloli tat-tip użat f'moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin konsenjati mill-Malasja u t-Tajwan kienu l-oġġett tad-dumping b'rabta mal-valur normali stabbilit għall-prodott simili matul l-investigazzjoni oriġinali.

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51

(6) Hekk kif iddeterminat, wara li ġew infurmati l-Istati Membri, li hemm bizzejjed evidenza *prima facie* għall-bidu ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament baziku, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/833 [1] ("ir-Regolament ta' tnedija"). Skont l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni, skont ir-Regolament ta' tnedija ta' investigazzjoni, ordnat ukoll lill-awtoritajiet tad-dwana biex jiddokumentaw l-importazzjonijiet tal-moduli jew il-pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u ċelloli tat-tip użat f'moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin konsenjati mill-Malasja u t-Tajwan. Talba biex tintemm ir-reġistrazzjoni taċ-ċelloli solari mit-Tajwan, li saret mill-applikant fit-13 ta' Lulju 2015, kienet diskussa f'seduta mal-Uffiċjal ta' Smigħ fi Proċedimenti Kummerċjali fl-1 ta' Ottubru 2015 u ġiet miċħuda.

### 1.3. **L-investigazzjoni**

(7) Il-Kummissjoni avżat bil-ftuħ tal-investigazzjoni lill-awtoritajiet tar-RPĊ, tal-Malasja u tat-Tajwan, lill-produtturi esportaturi u lin-negozjanti f'dawk il-pajjiżi, lill-importaturi fl-Unjoni magħrufin li huma kkonċernati u lill-industrija tal-Unjoni. Intbagħtu kwestjonarji lill-produtturi/esportaturi fir-RPĊ, fil-Malasja u fit-Tajwan li taf bihom il-Kummissjoni jew li preżentaw lilhom infushom qabel l-iskadenzi stabbiliti fil-premessa (15) tar-Regolament li jagħti bidu. Il-kwestjonarji ntbagħtu wkoll lill-importaturi fl-Unjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ skont iż-żmien stipulat fir-Regolament li jagħti bidu.

(8) Erbatax-il kumpanija mill-Malasja; 29 grupp ta' kumpaniji jew kumpaniji mit-Tajwan; disa' kumpaniji mir-RPĊ; 25 kumpanija tal-Unjoni, inklużi l-industrija tal-Unjoni, l-importaturi mhux relatati u istallaturi u ħames assoċjazzjonijiet tal-industrija u tal-utenti ppreżentaw lilhom infushom.

(9) Erbatax-il kumpanija ppreżentaw lilhom infushom, li minnhom disa' bagħtu kwestjonarju u talbu eżenzjoni possibbli mill-miżuri estiżi skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku. *Malaysian Solar Resources* bagħtet tweġiba li kienet wisq mhux kompluta biex il-Kummissjoni tkun tista' tinvestiga b'mod adegwat. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet din it-talba. Ħames kumpaniji Malasjani *W&K Solar (M) Sdn. Bhd., Solexel (M) Sdn. Bhd., Solartif Sdn Bhd, Jinko Solar Technology Sdn. Bhd. u PV Hi Tech Solar Sdn. Bhd.* infurmaw lill-Kummissjoni li huma ma bigħux il-prodott investigat lejn l-Unjoni u ma kellhomx l-intenzjoni li jimlew il-kwestjonarju. Xi wħud minn dawn il-kumpaniji kienu fil-fażi tal-bidu.

(10) Tmienja u għoxrin kumpanija fit-Tajwan ippreżentaw lilhom infushom. *SunEdge Technology* infurmaw lill-Kummissjoni li huma ma bigħux il-prodott investigat lejn l-Unjoni. Għalhekk, it-talba tagħhom saret mingħajr skop, u ġiet miċħuda. *Mosel Vitelic Inc.* infurmat lill-Kummissjoni li hija temmet il-produzzjoni f'Ġunju 2015; għalhekk hi ma baqgħetx titlob eżenzjoni. Is-26 kumpanija li għad baqa' bagħtu kwestjonarju u talbu eżenzjoni mill-possibbiltà li l-miżuri jiġu estiżi skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku. Tliet kumpaniji *iSolar Energy Technology Co. Ltd, IST Energy Co. Ltd* u *DS Technology Co. Ltd* irrappurtaw fit-tweġiba tagħhom għall-kwestjonarju li ma għandhomx produzzjoni tagħhom stess. Għalhekk, il-Kummissjoni kkunsidrat li dawn il-kumpaniji ma ssodisfawx il-kundizzjonijiet biex ikunu eliġibbli għal eżenzjoni, u ċaħdet it-talbiet tagħhom. Ma sarux żjarat ta' verifika lill-kumpaniji li ġew meqjusa li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet biex ikunu eliġibbli għal eżenzjoni, jew li t-talba tagħha ġiet miċħuda. Għalhekk il-Kummissjoni għamlet żjarat ta' verifika fil-bini ta' 23 grupp ta' kumpaniji jew kumpaniji.

(11) Ma ġiet sottomessal-ebda tweġiba għall-kwestjonarju minn importaturi mhux relatati fl-Unjoni. Tliet produtturi esportaturi Ċiniżi mhux relatati ma' produtturi Tajwaniżi jew Malasjani pprovdew tweġibiet għall-kwestjonarju u tliet produtturi esportaturi Ċiniżi relatati pprovdew tweġibiet għall-kwestjonarju wkoll. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rċeviet 14-il sottomissjoni mill-partijiet interessati.

(12) Il-gruppi ta' kumpaniji li ġejjin mill-Malasja u mit-Tajwan bagħtu tweġibiet sħaħ għall-kwestjonarji u sussegwentement saru żjarat ta' verifika fil-bini tagħhom.

*Produtturi esportaturi fil-Malasja:*

— AUO — SunPower Sdn. Bhd.

— Eco Future Manufacturer Industry (M) Sdn. Bhd.

— Flextronics Shah Alam Sdn. Bhd. (*Flextronics manifattur b'kuntratt, il-Kummissjoni vverifikat ukoll il-kumpanija OEM SunEdison Products Singapore Pte Ltd*)

[1] ĠU L 132, 29.5.2015, p. 60

— Hanwha Q CELLS Malaysia Sdn. Bhd.

— Panasonic Energy Malaysia Sdn. Bhd.

— Promelight Technology (Malasja) Sdn. Bhd.

— Sun M Energy Sdn. Bhd.

— TS Solartech Sdn. Bhd.

*Produtturi esportaturi fit-Tajwan:*

— AblyTek Co., Ltd.

— ANJI Technology Co., Ltd.

— AU Optronics Corporation

— Big Sun Energy Technology Inc.

— EEPV Corp.

— E-TON Solar Tech. Co., Ltd. (*il-verifika ta' din il-kumpanija nkludiet ukoll Gloria Solar*)

— Gintech Energy Corporation

— Gintung Energy Corporation

— Inventec Energy Corporation

— Inventec Solar Energy Corporation

— LOF Solar Corp.

— Ming Hwei Energy Co., Ltd.

— Motech Industries, Inc.

— Neo Solar Power Corporation

— Perfect Source Technology Corp.

— Ritek Corporation

— Sino-American Silicon Products Inc.

— Solartech Energy Corp.

— Sunengine Corporation Ltd.

— Topcell Solar International Co., Ltd.

— TSEC Corporation

— Universal Hardware Corporation

— Win Win Precision Technology Co., Ltd.

### 1.4. **Il-perjodu tal-investigazzjoni**

(13) Il-perjodu ta' investigazzjoni kopra l-perjodu ta' bejn l-1 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Marzu 2015 (il-Perjodu tal-investigazzjoni — PI). Matul il-PI inġabret dejta biex tkun investigata, fost l-oħrajn, il-bidla fit-tendenza tal-kummerċ. Għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' April 2014 u l-31 ta' Marzu 2015 (il-perjodu ta' rapportar jew "il-PR") inġabret dejta aktar dettaljata sabiex tiġi eżaminata l-possibbiltà ta' mminar tal-effett rimedjali tal-miżuri fis-seħħ u l-preżenza ta' dumping.

## 2. IR-RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI

### 2.1. Kunsiderazzjonijiet ġenerali

(14) Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-valutazzjoni tal-eżistenza ta' ċirkomvenzjoni saret billi ġie analizzat b'mod suċċessiv jekk kienx hemm tibdil fit-tendenza tal-kummerċ bejn dik tal-pajjiżi terzi u dik tal-Unjoni; jekk din il-bidla nibtitx minn xi prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma kienx hemm raġuni jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr l-impożizzjoni tad-dazju; jekk kienx hemm evidenza ta' dannu jew jekk l-effetti rimedjali tad-dazju kinux qed jiġu mhedda f'termini ta' prezzijiet u/jew ta' kwantitajiet tal-prodott simili; u jekk kienx hemm evidenza ta' dumping b'rabta mal-valuri normali stabbiliti qabel għall-prodott simili, jekk neċessarju skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku.

### 2.2. Il-prodott ikkonċernat u l-prodott simili

(15) Il-prodott ikkonċernat miċ-ċirkomvenzjoni possibbli huwa l-moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u ċelloli tat-tip użat f'moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin (iċ-ċelloli għandhom ħxuna li ma taqbiżx l-400 mikrometru), li bħalissa jaqgħu fi ħdan il-kodiċijiet NM ex 8501 31 00, ex 8501 32 00, ex 8501 33 00, ex 8501 34 00, ex 8501 61 20, ex 8501 61 80, ex 8501 62 00, ex 8501 63 00, ex 8501 64 00 u ex 8541 40 90 u li joriġinaw fi jew li huma kkunsenjati mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, sakemm ma jkunux fi transitu fis-sens tal-Artikolu V tal-GATT ("il-prodott ikkonċernat").

(16) It-tipi ta' prodotti li ġejjin huma esklużi mid-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat:

— ċarġers solari li jikkonsistu f'inqas minn sitt ċelloli, huma portabbli u jfornu elettriku lil apparati jew jiċċarġjaw batteriji,

— prodotti fotovoltajċi b'rita rqiqa,

— prodotti fotovoltajċi tas-siliċju kristallin li huma integrati b'mod permanenti fi prodotti elettriċi, fejn il-funzjoni tal-prodotti elettriċi hija differenti mill-ġenerazzjoni tal-enerġija, u fejn dawn il-prodotti elettriċi jikkunsmaw l-elettriku ġġenerat miċ-ċellola/i fotovoltajka/ċi integrata/i tas-siliċju kristallin,

— moduli jew pannelli b'output ta' vultaġġ li ma jaqbiżx 50 V DC u output ta' potenza li ma jaqbiżx 50 W unikament għal użu dirett bħala ċarġers tal-batteriji f'sistemi bl-istess karatteristiċi ta' vultaġġ u potenza.

(17) Il-prodott li qed jiġi investigat huwa l-istess bħall-"prodott konċernat" definit fil-premessi preċedenti, iżda kkunsinjat mill-Malasja u t-Tajwan, kemm jekk iddikjarat bħala li joriġina fil-Malasja jew fit-Tajwan kif ukoll jekk le.

(18) L-investigazzjoni wriet li l-moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u ċelloli tat-tip użat fil-moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin (minn hawn 'il quddiem "ċelloli u moduli solari"), kif definiti hawn fuq, esportati lejn l-Unjoni miċ-Ċina u dawk ikkonsenjati lill-Unjoni mill-Malasja u t-Tajwan għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użu, u għalhekk għandhom jitqiesu bħala prodotti simili skont l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

(19) It-termini pannelli solari u moduli solari jintużaw b'mod interkambjabbli mill-industrija u għandhom l-istess tifsira, jiġifieri sett ta' ċelloli solari laminati flimkien (ħafna drabi 60 u 72) imfassla sabiex jassorbu d-dawl tax-xemx bħala sors ta' enerġija għall-ġenerazzjoni tal-elettriku. It-terminu solari u fotovoltajku jintużaw ukoll b'mod interkambjabbli mill-industrija u b'referenza għal ċelloli u moduli solari għandhom l-istess tifsira, jiġifieri konverżjoni tal-enerġija solari f'elettriku. Moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u ċelloli tat-tip użat f'moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin minn issa 'l quddiem jissejħu "ċelloli u moduli solari".

### 2.3. Ir-riżultati tal-investigazzjoni li tikkonċerna r-RPĊ

(20) Kien hemm livell baxx ta' kooperazzjoni mill-produtturi/esportaturi fir-RPĊ: b'sitt esportaturi/produtturi biss li wieġbu għall-kwestjonarju. Għalhekk, abbażi tal-informazzjoni mressqa mill-partijiet li kkoperaw, xejn ma seta' jiġi stabbilit b'mod ċar fir-rigward tal-volumi ta' esportazzjoni tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ.

(21) Minħabba dan t'hawn fuq, is-sejbiet fir-rigward tal-esportazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mir-RPĊ lejn l-Unjoni, il-Malasja u t-Tajwan kellhom isiru wkoll fuq il-bażi tad-dejta COMEXT ([1]); id-dejta rrappurtata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni dwar il-kummerċ tal-importazzjoni ta' prodotti soġġetti għal investigazzjoni u għal miżuri skont l-Artikolu 14(6) tar-Regolament bażiku ("il-bażi tad-dejta tal-Artikolu 14(6)"); l-istatistika nazzjonali u l-informazzjoni Ċiniża, Malasjana u Tajwaniża sottomessi fit-talba ([2]).

(22) Il-volum ta' importazzjonijiet rreġistrati fl-istatistika Malasjana, Tajwaniża u Ċiniża kopra grupp akbar ta' prodotti mill-prodott ikkonċernat jew il-prodott investigat ([3]). Madankollu, fuq il-bażi tad-dejta tal-COMEXT u tad-dejta verifikata dwar il-produtturi Ċiniżi u dawk Malasjani u Tajwaniżi ta' ċelloli u moduli solari u t-talba, seta' jiġi stabbilit li parti sinifikanti minn dan il-volum tal-importazzjoni kopra l-prodott ikkonċernat ([4]). Għaldaqstant, din id-dejta setgħet tintuża biex tiġi stabbilita kwalunkwe bidla fit-tendenza tal-kummerċ u setgħet tiġi kontroverifikata ma' dejta oħra bħal dik ipprovduta mill-produtturi esportaturi u importaturi li kkooperaw.

2.3.1. *Bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn ir-RPĊ u l-UE*

(23) It-tabella 1 turi l-volum ta' importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ lejn l-Unjoni minħabba l-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ:

*Tabella 1*

**L-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni; unità: megawatt (MW)**

| | 2012 | 2013 | 2014 | Perjodu tar-Rappurtar (PR) | Ir-Rata tat-Tkabbir 2012 — PR |
|---|---|---|---|---|---|
| Importazzjonijiet mir-RPĊ | 11 119 | 5 584 | 3 443 | 3 801 | – 66 % |
| Sehem tal-importazzjonijiet totali | 71 % | 54 % | 43 % | 46 % | – 35 % |
| Importazzjonijiet Totali | 15 740 | 10 300 | 8 067 | 8 325 | – 47 % |

*Sors:* COMEXT

(24) L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ lejn l-Unjoni naqsu b'mod sinifikanti b'66 %. Billi t-tnaqqis fl-importazzjonijiet mir-RPĊ kien ogħla mit-tnaqqis fl-importazzjonijiet totali tal-Unjoni, is-sehem tal-importazzjonijiet Ċiniżi waqa' b'35 %.

## 2.4. Ir-riżultati tal-investigazzjoni f'Malasja

2.4.1. *Grad ta' kooperazzjoni u determinazzjoni tal-volumi tal-kummerċ f'Malasja*

(25) Kif intqal fil-premessa (9), tmien produtturi esportaturi fil-Malasja kkooperaw billi ppreżentaw tweġibiet bi kwestjonarju mimli. Fil-każ ta' tliet kumpaniji Malasjani li kkoperaw, instab li l-applikazzjoni tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku kienet ġustifikata għar-raġunijiet spjegati hawn isfel fil-premessi minn (88) u ta' wara.

(26) Il-produtturi esportaturi Malasjani li kkooperaw koprew 57 % tal-esportazzjonijiet totali fil-Malasja lejn l-Unjoni tal-prodott li qed jiġi investigat fil-PR, kif irrappurtat fil-COMEXT.

([1]) Comext hija bażi tad-dejta ġestita mill-Eurostat li tħaddan statistika dwar il-kummerċ barrani.
([2]) Ara l-paġni 9-16 tat-talba tal-verżjoni tal-14 ta' April 2015 miftuħa għall-spezzjoni kif ukoll l-annessi miftuħa għall-ispezzjoni 9 u 10
([3]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 17 tat-talba tal-verżjoni tal-14 ta' April 2015 miftuħa għall-ispezzjoni
([4]) Idem.

2.4.2. *Il-bidla fix-xejra tal-kummerċ fil-Malasja*

L-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni mill-Malasja lejn l-Unjoni

(27) It-Tabella 2 turi l-volum tal-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat mill-Malasja lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni:

*It-Tabella 2*

**L-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat mill-Malasja lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni; unità: megawatt (MW)**

| | 2012 | 2013 | 2014 | Perjodu tar-Rappurtar (PR) | Ir-Rata tat-Tkabbir 2012 — PR |
|---|---|---|---|---|---|
| Importazzjonijiet mill-Malasja | 466 | 495 | 1 561 | 1 610 | 245 % |
| Sehem tal-importazzjonijiet totali | 3 % | 5 % | 19 % | 19 % | 553 % |
| Importazzjonijiet Totali | 15 740 | 10 300 | 8 067 | 8 325 | – 47 % |

*Sors:* COMEXT u t-talba

(28) Filwaqt li l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ lejn l-Unjoni naqsu kif muri fil-premessa (24), it-total tal-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat mill-Malasja lejn l-Unjoni żdiedu b'mod sinifikanti bi + 245 %. Iż-żieda kienet partikolarment qawwija wara l-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ fl-2013. Peress li l-importazzjonijiet totali naqsu b'mod sostanzjali minħabba tnaqqis fil-konsum tal-Unjoni, is-sehem tal-importazzjonijiet Malasjani mit-totali ta' importazzjonijiet lejn l-Unjoni żdied saħansitra aktar (+ 553 %) meta mqabbel maż-żieda ta' importazzjonijiet.

(29) Il-bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn il-Malasja u l-Unjoni saret aktar sinifikanti għal moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin ("moduli") jekk ikunu analizzati separatament miċ-ċelloli tat-tip użat fil-moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin ("ċelloli").

(30) Il-volum tal-importazzjonijiet tal-moduli mill-Malasja żdied minn 108 MW fl-2012 għal 1 036 MW fil-PR (+ 860 %). Minħabba tnaqqis fl-importazzjonijiet totali, is-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet tal-moduli mill-Malasja lejn l-Unjoni żdied minn 1 % fl-2012 għal 17 % fil-PR (+ 1 793 %).

(31) L-importazzjonijiet ta' ċelloli mill-Malasja żdiedu ħafna inqas mill-moduli — minn 358 MW fl-2012 għal 573 MW fil-PR (+ 60 %). Is-sehem tas-suq tal-importazzjonijiet ta' ċelloli mill-Malasja lejn l-Unjoni żdied minn 10 % fl-2012 għal 27 % fil-PR (+ 165 %).

(32) Id-dejta ta' hawn fuq turi li, minn mindu saret l-investigazzjoni oriġinali li kienet imnedija fl-2012 u l-miżuri fis-seħħ kienu imposti fl-2013, l-importazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mill-Malasja sa ċertu punt ħadu post l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ lejn l-Unjoni.

L-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn il-Malasja

(33) Biex tiġi stabbilita x-xejra tal-fluss kummerċjali ta' ċelloli u moduli solari miċ-Ċina lejn il-Malasja, ġiet użata statistika Malasjana u Ċiniża kif ukoll dejta mit-talba ([1]). Kemm l-istatistika Ċiniża u dik Malasjana, hija disponibbli biss fuq livell ta' grupp ta' prodott ogħla mill-prodott ikkonċernat ([2]). Madankollu, fuq il-bażi tad-dejta tal-COMEXT u tad-dejta verifikata dwar il-produtturi Ċiniżi u dawk Malasjani ta' ċelloli u moduli solari u t-talba,

([1]) Ara l-paġni 9-14 tat-talba tal-verżjoni tal-14 ta' April 2015 miftuħa għall-spezzjoni kif ukoll l-annessi miftuħa għall-ispezzjoni 9 u 10
([2]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 17 tat-talba tal-verżjoni tal-14 ta' April 2015 miftuħa għall-ispezzjoni

ġie stabbilit li parti sinifikanti kopriet il-prodott ikkonċernat, biex b'hekk li din id-dejta setgħet tiġi kkunsidrata ([1]). Hemm differenza bejn il-volumi tal-esportazzjonijiet irrappurtati fl-istatistika Ċiniża u l-volumi ta' importazzjonijiet irrapportati fl-istatistika Malasjana peress il-kodiċijiet doganali rilevanti f'żewġ pajjiżi għandhom ambitu differenti ([1]). Għalkemm ir-rapport dwar id-dejta ta' importazzjoni Malasjana kellu livelli ferm ogħla mid-dejta tal-esportazzjoni Ċiniża, iż-żewġ settijiet ta' dejta juru l-istess tendenza 'l fuq tal-esportazzjonijiet miċ-Ċina lejn il-Malasja. Peress li d-dejta ta' importazzjoni Malasjana kienet ferm ogħla mil-livell tad-dejta tal-esportazzjoni Ċiniża, din tal-aħħar hija użata għall-analiżi bħala waħda iktar konservattiva.

(34) Hemm evidenza li xi uħud mill-importazzjonijiet tal-prodott Ċiniż lejn il-Malasja ġew iddikjarati b'mod ħażin jew b'mod frodulenti bħala prodotti oħra. Pereżempju l-importazzjonijiet ta' moduli solari laminati ġew iddikjarati bħala ħġieġ solari jew ġew iddikjarati bħala ċelloli, minkejja li dawn għandhom jiġu rrapportati bħala moduli kif spjegat fil-premessa (62). Din hija r-raġuni għalfejn l-istatistika Ċiniża tal-esportazzjoni murija fit-Tabella 3 x'aktarx tissottovaluta l-importazzjonijiet ta' moduli u tista' tagħti xi ftit ta' sovrastima lill-importazzjonijiet ta' ċelloli.

*Tabella 3*

**Importazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mir-RPĊ lejn il-Malasja skont l-istatistika Ċiniża, Unità: megawatt (MW)**

| Mir-RPĊ lejn il-Malasja | 2012 | 2013 | 2014 | Perjodu tar-Rappurtar (PR) |
|---|---|---|---|---|
| Ċelloli | 6 | 25 | 43 | 53 |
| Moduli | 15 | 127 | 168 | 130 |
| Totali | 21 | 152 | 211 | 183 |
| *Ċelloli tal-Indiċi* | *100* | *417* | *717* | *883* |
| *Moduli tal-Indiċi* | *100* | *847* | *1 120* | *867* |
| *Indiċi Totali* | *100* | *724* | *1 005* | *871* |

*Sors:* Talba, *Global Trade Information Services*

*Tabella 4*

**Importazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mir-RPĊ lejn il-Malasja skont l-istatistika Malasjana, Unità: megawatt (MW)**

| Importazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-Malasja | 2012 | 2013 | 2014 | Perjodu tar-Rappurtar (PR) |
|---|---|---|---|---|
| Ċelloli | 137 | 313 | 339 | 405 |
| Moduli | 27 | 65 | 379 | 290 |
| Totali | 164 | 378 | 718 | 695 |

([1]) idem

| Importazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-Malasja | 2012 | 2013 | 2014 | Perjodu tar-Rappurtar (PR) |
|---|---|---|---|---|
| *Ċelloli tal-Indiċi* | *100* | *228* | *247* | *296* |
| *Moduli tal-Indiċi* | *100* | *240* | *1 397* | *1 067* |
| *Indiċi Totali* | *100* | *230* | *437* | *423* |

*Sors:* Talba, *Global Trade Information Services*

(35) Importazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mir-RPĊ lejn il-Malasja żdiedu b'aktar minn 800 % skont d-dejta tal-esportazzjoni Ċiniża u b'aktar minn 400 % skont id-dejta Malasjana.

(36) It-Tabella 5 turi l-evoluzzjoni tal-konsum domestiku fil-Malasja fil-perjodu ta' rapportar. Il-konsum ta' moduli fis-suq domestiku Malasjan kien ferm taħt il-livell ta' esportazzjonijiet mir-RPĊ wara li l-miżuri fis-seħħ kienu imposti fl-2013 kif jidher fit-Tabella 5. Għalhekk, l-evoluzzjoni tal-konsum domestiku ma jiġġustifikax tali żieda tal-importazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mir-RPĊ lejn il-Malasja.

*It-Tabella 5*

**L-evoluzzjoni tal-konsum domestiku ta' moduli solari fil-Malasja fis-snin 2012, 2013 u 2014, unità: megawatt (MW)**

| Il-Malasja | 2012 | 2013 | 2014 | Perjodu tar-Rappurtar (PR) |
|---|---|---|---|---|
| Il-Konsum Domestiku ta' Moduli | 32 | 107 | 87 | 88 |
| *Indiċi* | *100* | *338* | *275* | *279* |

*Sors:* It-talba

Il-konklużjoni dwar il-bidla fix-xejra tal-kummerċ fil-Malasja

(37) L-investigazzjoni sabet evidenza ta' tnaqqis fl-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-Unjoni u ż-żieda parallela fl-esportazzjonijiet mir-RPĊ lejn il-Malasja u tal-esportazzjonijiet mill-Malasja lejn l-Unjoni ta' ċelloli u moduli solari wara l-investigazzjoni oriġinali kienet imnedija fl-2012 u l-miżuri fis-seħħ kienu imposti fl-2013. Dawn il-bidliet fil-flussi tal-kummerċ jikkostitwixxu bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn il-pajjiżi msemmija hawn fuq minn naħa, u l-Unjoni min-naħa l-oħra.

2.4.3. *In-natura tal-prattika ta' ċirkomvenzjoni fil-Malasja*

(38) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku jitlob li l-bidla fix-xejra tal-kummerċ tinbet minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr għall-impożizzjoni tad-dazju. Il-prattika, il-proċess u x-xogħol jinkludu, fost l-oħrajn, il-konsenja tal-prodott suġġett għal miżuri permezz ta' pajjiżi terzi.

Trasbord

(39) L-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni mill-Malasja lejn l-Unjoni kienu jgħoddu għal aktar minn 46 % tal-importazzjonijiet totali mill-Malasja matul il-perjodu ta' rappurtar kif irrappurtat minn COMEXT.

(40) Il-kooperazzjoni għaċ-ċelloli kienet ta' 100 % u l-produtturi kollha taċ-ċelloli li kkooperaw fl-investigazzjoni nstabu li huma produtturi ġenwini.

(41) L-importazzjonijiet ta' moduli minn kumpaniji li ma kkooperawx kienu jirrappreżentaw 71 % tal-importazzjonijiet totali ta' moduli mill-Malasja fl-istess perjodu. Il-moduli huma l-prodott finali; Għalhekk dawn jistgħu jiġu importati biss lejn il-Malasja għal konsum domestiku jew trasbord. Il-livell għoli ta' importazzjonijiet ta' moduli mir-RPĊ li jaqbeż il-konsum domestiku kif indikat fil-premessa (36) u l-livell għoli ta' nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa Malasjana turi li proporzjon kbir ta' moduli kkunsinjati mir-RPĊ seta' kien mibgħut mill-Malasja lejn l-Unjoni.

(42) Barra minn dan, kif stabbilit b'mod dettaljat fil-premessi (88) u dawk segwenti, kien instab li għadd ta' produtturi Malasjani li kkooperaw kienu għaddew informazzjoni qarrieqa, b'mod partikolari dwar ir-rabta mal-manifatturi Ċiniżi, l-importazzjonijiet ta' prodotti lesti miċ-Ċina u l-oriġini tal-esportazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat lejn l-Unjoni. Instab li wħud minnhom kienu jesportaw ċerti moduli fotovoltajċi bis-siliċju kristallin li joriġinaw miċ-Ċina lejn l-Unjoni, xi kumpaniji oħra nstabu li kienu b'mod frodulenti ddikjaraw komponenti ewlenin bħala ħġieġ solari u li falsifikaw il-fatturi.

(43) Barra minn hekk, fl-2014, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (l-OLAF) beda investigazzjoni dwar l-allegat trasbord ta' ċelloli u moduli solari mill-Malasja. Din l-investigazzjoni għadha għaddejja.

(44) Għalhekk fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, ġiet ikkonfermata l-eżistenza ta' trasbord tal-prodott investigat mill-Malasja.

## 2.5. **Ir-riżultati tal-investigazzjoni fit-Tawjan**

### 2.5.1. *Il-grad ta' kooperazzjoni u determinazzjoni tal-volumi tal-kummerċ fit-Tajwan*

(45) Kif iddikjarat fil-premessa (10), 23 grupp ta' kumpaniji jew kumpaniji fit-Tajwan kkooperaw u ssottomettew tweġibiet kompluti għall-kwestjonarju.

(46) Il-produtturi esportaturi Tajwaniżi li kkooperaw jgħoddu għal 63,3 % tal-esportazzjonijiet totali Tajwaniżi lejn l-Unjoni fil-PI tal-prodott li qed jiġi investigat, kif irrappurtat fil-COMEXT.

### 2.5.2. *Il-bidla fix-xejra tal-kummerċ fit-Tajwan*

L-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni mit-Tajwan lejn l-Unjoni

(47) It-Tabella 6 turi l-volum ta' importazzjonijiet tal-prodott investigat mit-Tajwan lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni:

*It-Tabella 6*

**L-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet tal-prodott investigat mit-Tajwan lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni, unità: megawatt (MW)**

| | 2012 | 2013 | 2014 | Perjodu tar-Rappurtar (PR) | Ir-Rata tat-Tkabbir 2012 — PR |
|---|---|---|---|---|---|
| L-importazzjonijiet mit-Tajwan | 1 375 | 1 557 | 1 752 | 1 793 | 30 % |
| Sehem tal-importazzjonijiet totali | 9 % | 15 % | 22 % | 22 % | 147 % |
| Importazzjonijiet totali | 15 740 | 10 300 | 8 067 | 8 325 | – 47 % |

*Sors:* COMEXT

(48) L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina lejn l-Unjoni naqsu b'mod sinifikanti wara l-impożizzjoni tal-miżuri fis-seħħ f'Diċembru 2013 kif deskritt fil-premessa (24). Min-naħa l-oħra, il-volum ta' importazzjonijiet tal-prodott investigat mit-Tajwan lejn l-Unjoni żdiedu b'mod sinifikanti (+ 30 %) matul l-istess perjodu. Hekk kif it-total tal-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat lejn l-Unjoni naqas, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mit-Tajwan lejn l-Unjoni tal-prodott investigat żdied minn 9 % fl-2012 għal 22 % fil-PR (żieda ta' + 147 %).

(49) Id-dejta ta' hawn fuq turi li, minn mindu tnediet l-investigazzjoni oriġinali fl-2012 u l-miżuri fis-seħħ kienu imposti fl-2013, l-importazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mit-Tajwan sa ċertu punt ħadu post l-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodott ikkonċernat mir-RPĊ.

L-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn it-Tajwan

(50) L-awtoritajiet Tajwaniżi pprovdew rappurtar tal-istatistika dwar l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari minn żoni ta' kummerċ ħieles u d-depositi (minn issa 'l quddiem "FTZs"). It-Tajwan jimpedixxi l-importazzjoni ta' ċelloli u moduli solari mir-RPĊ. Għal din ir-raġuni ċelloli u moduli solari Ċiniżi u komponenti ewlenin oħra jistgħu jidħlu biss fi FTZs, li iktar 'il quddiem jiġu esportati mill-ġdid jew jiġu użati bħala materja prima fi prodott ieħor li jiġi esportat mill-ġdid. Il-Kummissjoni tinnota li kważi l-importazzjonijiet kollha ta' ċelloli u moduli fi FTZs ġew miċ-Ċina. Id-dejta ġiet ipprovduta għas-snin 2012, 2013 u 2014. Il-perjodu ta' rappurtar ikopri tliet kwarti tal-2014 u kwart tal-2015, u għalhekk huwa improbabbli li din it-tendenza tkun differenti b'mod sinifikanti bejn is-sena 2014 u l-PR.

(51) It-Tabella 7 turi l-volum tal-importazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mir-RPĊ f'żoni ta' kummerċ ħieles Tajwaniżi u d-depositi fil-perjodu ta' investigazzjoni:

*It-Tabella 7*

**Importazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mir-RPĊ f'FTZs Tajwaniżi, unità: megawatt (MW)**

| | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|
| Mir-RPĊ lejn FTZs fit-Tajwan | 0 | 49 | 284 |
| *Indiċi* | *100* | *243 150* | *1 421 000* |
| *Sors:* Bureau of Foreign Trade (BOFT) | | | |

(52) It-Tabella 8 turi l-volum ta' esportazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mill-FTZs Tajwaniżi lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni:

*It-Tabella 8*

**Esportazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari mill-FTZs Tajwaniżi lejn l-Unjoni, unità: megawatt (MW)**

| | 2012 | 2013 | 2014 |
|---|---|---|---|
| Mill-FTZs tat-Tajwan lejn l-Unjoni | 2 | 48 | 223 |
| *Indiċi* | *100* | *242 300* | *1 112 750* |
| *Sors:* Bureau of Foreign Trade (BOFT) | | | |

(53) It-Tabella 7 turi żieda qawwija tal-importazzjonijiet ta' ċelloli u moduli solari fit-Tajwan wara li tnediet l-investigazzjoni oriġinali fl-2012 u l-miżuri fis-seħħ kienu imposti fl-2013. It-Tabella 8 turi b'mod ċar li l-biċċa l-kbira tal-prodott Ċiniż ikkonċernat kien esportat mill-ġdid lejn l-Unjoni.

(54) Il-bidla fix-xejra tan-negozju bejn it-Tajwan u r-RPĊ issir saħansitra aktar sinifikanti għall-moduli, jekk dawn jiġu analizzati separatament miċ-ċelloli.

(55) L-importazzjonijiet ta' moduli miċ-Ċina f'FTZs Tajwaniżi żdiedu minn kważi 0 MW fl-2012 għal 213 MW fl-2014. Kważi l-importazzjonijiet kollha fl-FTZs ġew miċ-Ċina. Minn dawk il-213 MW importati 202 MW ġew esportati lejn l-UE. Għaldaqstant, esportazzjonijiet ta' moduli, li oriġinarjament kienu ta' oriġini Ċiniża minn FTZs Tajwaniżi jammontaw għal mill-inqas 24 % tal-esportazzjonijiet Tajwaniżi totali tal-moduli għall-UE fl-2014 kif irrappurtat minn COMEXT.

(56) L-importazzjonijiet ta' ċelloli miċ-Ċina f'FTZs Tajwaniżi żdiedu minn madwar 0 MW fl-2012 għal 71 MW fl-2014. 20 MW kien rapportat bħala esportat lejn l-UE. Għalhekk, l-esportazzjonijiet ta' ċelloli ta' oriġini Ċiniża mill-FTZs Tajwaniżi kienu jammontaw għal 2 % tal-esportazzjonijiet Tajwaniżi totali ta' ċelloli lejn l-UE fl-2014 kif irrappurtat minn COMEXT.

(57) Hekk kif il-prodott Ċiniż ikkonċernat ma jistax jinbiegħ fit-Tajwan, m'hemm l-ebda ġustifikazzjoni oħra għall-importazzjoni tagħhom miċ-Ċina lejn it-Tajwan għajr għall-iskop ta' trasbord jew assemblaġġ/tlestija ta' operazzjonijiet ta' esportazzjoni mill-ġdid tal-komponenti ewlenin Ċiniżi 'l barra mit-Tajwan.

Il-konklużjoni dwar il-bidla fix-xejra tal-kummerċ fit-Tajwan

(58) It-tnaqqis tal-esportazzjonijiet Ċiniżi ta' ċelloli u moduli solari u ż-żieda parallela tal-esportazzjonijiet mir-RPĊ lejn it-Tajwan u tal-esportazzjonijiet mit-Tajwan lejn l-Unjoni wara li tnediet l-investigazzjoni oriġinali fl-2012 u l-miżuri fis-seħħ kienu imposti fl-2013 jikkostitwixxu bidla fix-xejra tal-kummerċ bejn il-pajjiżi msemmija hawn fuq minn naħa, u l-Unjoni min-naħa l-oħra.

2.5.3. *In-natura tal-prattika ta' ċirkomvenzjoni fit-Tajwan*

(59) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku jitlob li l-bidla fix-xejra tal-kummerċ tinbet minn prattika, proċess jew ħidma li għalihom ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika suffiċjenti għajr għall-impożizzjoni tad-dazju. Il-prattika, il-proċess u x-xogħol jinkludu, fost l-oħrajn, il-konsenja tal-prodott suġġett għal miżuri permezz ta' pajjiżi terzi.

Trasbord

(60) L-importazzjonijiet tal-prodott li qed jiġi investigat lejn l-Unjoni ammontaw għal aktar minn 38 % tal-volum totali tal-importazzjonijiet mit-Tajwan fil-perjodu investigattiv kif irrappurtat minn COMEXT. L-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' ċelloli minn kumpaniji li ma kkooperawx kienu jirrappreżentaw 11 % tal-importazzjonijiet totali ta' ċelloli mit-Tajwan fl-istess perjodu. L-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' moduli minn kumpaniji li ma kkooperawx kienu jirrappreżentaw 64 % tat-total tal-importazzjonijiet mit-Tajwan tal-moduli kif irrappurtat minn COMEXT.

(61) Il-produtturi taċ-ċelloli kollha li kkooperaw fl-investigazzjoni nstabu li kienu ġenwini. Fl-istess ħin, kif indikat fil-premessa (56), l-esportazzjonijiet ta' ċelloli ta' oriġini Ċiniża mill-FTZs Tajwaniżi lejn l-Unjoni ammontaw għal 2 % biss tal-importazzjonijiet Tajwaniżi ta' ċelloli fl-Unjoni kif irrappurtat minn COMEXT fl-2014.

(62) Barra minn hekk, kif spjegat fil-premessa (85) xi kumpaniji fit-Tajwan nstabu li jimportaw moduli solari laminati (magħrufa wkoll bħala pannelli solari laminati) fid-depositi tagħhom u mill-inqas xi wħud minn dawk il-pannelli solari laminati kienu ddikjarati bħala ċelloli solari. Modulu solari laminat huwa modulu kważi lest, li fih 60

jew 72 ċellola. Ikun jonqos biss operazzjoni ta' assemblaġġ bażika ħafna biex modulu laminat isir modulu solari, jiġifieri kemm jitwaħħal miegħu frejm tal-aluminju u tiżdied junction box. Din hija r-raġuni għaliex modulu solari laminat għandu jiġi ddikjarat bħala modulu solari. Dan ifisser li mill-inqas parti taċ-ċelloli Ċiniżi importati fiż-żoni ta' kummerċ ħielsa Tajwaniżi u d-depożiti kienu fil-fatt moduli solari laminati u għandhom jiġu ddikjarati bħala moduli.

(63) Kif imsemmi fil-premessa (55) ta' esportazzjonijiet ta' moduli, li oriġinarjament kienu ta' oriġini Ċiniża mill-FTZs tat-Tajwan jikkostitwixxu mill-inqas 24 % tal-importazzjonijiet Tajwaniżi tal-moduli fl-UE. Il-moduli huma l-prodott finali u l-moduli Ċiniżi ma jistgħux jinbiegħu fit-Tajwan; għaldaqstant l-uniku skop probabbli għall-importazzjoni tagħhom lejn it-Tajwan kellu jkun it-trasbord. Għalhekk, il-Kummissjoni tikkonkludi li proporzjon kbir ta' moduli kkunsinjati mir-RPĊ ġew trasbordati via t-Tajwan lejn l-Unjoni.

(64) Barra minn hekk, fl-2014 l-OLAF bdiet investigazzjoni dwar l-allegat trasbord ta' ċelloli u moduli solari permezz tat-Tajwan. Din l-investigazzjoni għadha għaddejja.

(65) Barra minn hekk, l-awtoritajiet tat-Tajwan wettqu investigazzjonijiet fil-prattiki allegati ta' ċirkomvenzjoni fl-istess żmien u kkonkludew li diversi kumpaniji, prinċipalment negozjanti, kkommettew frodi billi ffalsifikaw l-oriġini ta' moduli solari.

(66) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, l-eżistenza ta' trasbord tal-prodott investigat mit-Tajwan għalhekk ġiet ikkonfermata.

### 2.6. **Ma hemmx raġuni valida jew ġustifikazzjoni ekonomika, ħlief l-impożizzjoni tad-dazju antidumping**

(67) L-investigazzjoni ma żvelat l-ebda raġuni adegwata jew ġustifikazzjoni ekonomika oħra għall-operazzjonijiet ta' trasbord ħlief l-evitar tal-miżuri fis-seħħ fuq ċelloli u moduli solari li joriġinaw mir-RPĊ. Ma nstab l-ebda element, għajr għad-dazju, li seta' jitqies bħala kumpens għall-ispejjeż tat-trasbord jew l-importazzjoni u l-esportazzjoni mill-ġdid ta' ċelloli jew moduli fotovoltajċi bis-siliċju kristallin, partikolarment fir-rigward tat-trasport u t-tagħbija mill-ġdid, mir-RPĊ permezz tal-Malasja u t-Tajwan.

### 2.7. **Evidenza ta' dumping**

(68) Finalment, b'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk kienx hemm evidenza ta' dumping b'rabta mal-valur normali stabbilit preċedentement fl-investigazzjoni oriġinali għat-tali prodotti.

(69) Fir-Regolament oriġinali, il-valur normali ġie stabbilit abbażi tal-prezzijiet fl-Indja, li fl-investigazzjoni nstab li kien pajjiż analogu xieraq għar-RPĊ. Kien tqies f'loku li jintuża l-valur normali kif stabbilit qabel skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku.

(70) Parti sinifikanti mill-esportazzjonijiet Malasjani u Tajwaniżi kienu mwettqa minn esportaturi li ma kkooperawx jew minn esportaturi li kkooperaw li kienu fornew informazzjoni qarrieqa. Għal din ir-raġuni, biex setgħu jiġu stabbiliti l-prezzijiet tal-esportazzjoni mill-Malasja u t-Tajwan, kien deċiż li dawn jiġu bbażati fuq il-prezz medju ta' esportazzjoni ta' ċelloli u moduli solari matul il-PR kif irrappurtat fil-bażi tad-dejta tal-Artikolu 14(6) u COMEXT.

(71) Skont l-Artikoli 2(11) u 2(12) tar-Regolament bażiku, il-medja ponderata tal-valur normali, kif stabbilita matul ir-Regolament oriġinali, kienet imqabbla mal-prezzijiet medji tal-esportazzjoni ponderati matul il-PR tal-investigazzjoni, kif irrappurtati fl-Artikolu 14(6) tal-bażi tad-dejta u COMEXT.

(72) Il-medja tal-prezzijiet tal-esportazzjoni Tajwaniżi u Malasjani ta' ċelloli u moduli solari fil-PR kienu ferm taħt il-valur normali kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, li juri l-eżistenza ta' dumping sostanzjali.

### 2.8. **L-imminar tal-effett rimedjali tad-dazju antidumping**

(73) Biex jiġi vvalutat jekk il-prodotti importati, f'termini ta' kwantitajiet u prezzijiet, dgħajfux l-effetti rimedjali tal-miżuri fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u ċelloli tat-tip użat f'moduli fotovoltajċi bis-siliċju kristallin li joriġinaw fir-RPĊ, intużat id-dejta vverifikata mill-produtturi esportaturi li kkooperaw, il-COMEXT u l-bażi tad-dejta tal-Artikolu 14(6) bħala l-aħjar dejta disponibbli dwar il-kwantitajiet u l-prezzijiet ta' esportazzjonijiet minn kumpaniji li ma kkoperawx. Il-prezzijiet kif stabbiliti tqabblu mal-livell tal-eliminazzjoni tad-dannu stabbilit għall-produtturi tal-Unjoni fil-premessa (415) tar-Regolament oriġinali.

(74) Iż-żieda tal-importazzjonijiet mill-Malasja u t-Tajwan tqieset sinifikanti f'termini ta' kwantitajiet. Il-konsum stmat tal-Unjoni fil-PI jagħti indikazzjoni simili dwar il-volum sinifikanti ta' dawn l-importazzjonijiet. F'termini ta' sehem mis-suq, il-moduli importati fl-Unjoni minn kumpaniji li ma kkooperawx u l-kumpaniji li nstabu li kienu qed iwettqu ċirkumvenzjoni fil-Malasja, jammontaw għal 9 % tal-konsum tal-Unjoni ta' moduli. Il-moduli importati fl-Unjoni minn kumpaniji li ma kkooperawx u l-kumpaniji li nstabu li kienu qed jevadu fit-Tajwan jirrappreżentaw 7 % tal-konsum tal-UE. Iċ-ċelloli li ġew importati fl-Unjoni minn kumpaniji li ma kkoperawx fit-Tajwan jirrappreżentaw 3 % tal-konsum tal-UE.

(75) It-tqabbil tal-livell ta' eliminazzjoni tad-dannu kif stabbilit fir-Regolament oriġinali u l-prezz medju ponderat ta' esportazzjoni wera twaqqigħ sinifikanti tal-prezz.

(76) Għaldaqstant ġie konkluż li l-effetti rimedjali tal-miżuri fis-seħħ qed jiġu mhedda f'termini kemm ta' kwantità kif ukoll ta' prezz.

## 3. **MIŻURI**

(77) Minħabba dan ta' hawn fuq, ġie konkluż li d-dazju antidumping definittiv impost fuq l-importazzjonijiet ta' moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u ċelloli tat-tip użat f'moduli jew pannelli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin li joriġinaw mir-RPĊ kien evitat permezz tat-trasbord mill-Malasja u t-Tajwan.

(78) Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku, il-miżuri fis-seħħ fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw mir-RPĊ għandhom jiġu estiżi għall-importazzjonijiet tal-istess prodott ikkunsinjat mill-Malasja, sew jekk iddikjarat li joriġina mill-Malasja u mit-Tajwan u sew jekk le.

(79) Il-miżuri li għandhom jiġu estiżi għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1238/2013, għall-"Kumpaniji l-oħra kollha", jiġifieri dazju antidumping definittiv ta' 53,4 % applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju.

(80) Skont l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, li jistipula li kull miżura estiża għandha tapplika għall-importazzjonijiet li jkunu daħlu fl-Unjoni skont ir-reġistrazzjoni imposta mir-Regolament li jagħti bidu, għandhom jinġabru dazji fuq dawk l-importazzjonijiet irreġistrati ta' ċerti moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin ikkunsinjati mill-Malasja u mit-Tajwan.

## 4. **TALBIET GĦAL EŻENZJONI**

(81) Erbatax-il kumpanija fil-Malasja ppreżentaw ruħhom, li minnhom disa' wieġbu għall-kwestjonarju u talbu eżenzjoni mill-miżuri estiżi possibbli skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku. Kumpanija waħda pprovdiet tweġiba defiċitarja ħafna u ma weġbitx fi żmien xieraq għall-ittra ta' defiċenza, biex b'hekk il-Kummissjoni ċaħdet it-talba tagħha. B'hekk, il-Kummissjoni wettqet żjajjar ta' verifika fil-bini ta' tmien kumpaniji.

(82) 28 grupp ta' kumpaniji jew kumpaniji fit-Tajwan għamlu lilhom infushom magħrufa, fejn kumpanija waħda minnhom infurmat lill-Kummissjoni li kienet waqqfet l-attività tagħha. Kumpanija minnhom infurmat

lill-Kummissjoni li hija ma kellha l-ebda bejgħ lejn l-Unjoni u għalhekk ma kinitx eliġibbli għal eżenzjoni. Is-26 kumpanija li wieġbu għall-kwestjonarju talbu eżenzjoni mill-possibbiltà ta' miżuri estiżi skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku. Kif spjegat fil-premessa (10) ta' hawn fuq, tlieta mill-kumpaniji Tajwaniżi li ppreżentaw tweġiba għall-kwestjonarju nstabu li ma kellhomx assi tal-produzzjoni, u għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet it-talba tagħhom. Għalhekk il-Kummissjoni għamlet żjajjar ta' verifika fil-bini tat-23 grupp ta' kumpaniji jew kumpaniji.

(83) It-tliet kumpaniji fil-Malasja u tliet kumpaniji fit-Tajwan li ġew verifikati nstabu li kienu fornew informazzjoni falza jew qarrieqa. Skont l-Artikolu 18(4) tar-Regolament bażiku, dawn il-kumpaniji kienu infurmati bl-intenzjoni li l-informazzjoni mressqa minnhom kienet se tiġi injorata u li se jiġu applikati "il-fatti disponibbli", u ngħataw skadenza ta' żmien sabiex jipprovdu spjegazzjonijiet ulterjuri ("ittra skont l-Artikolu 18"). Dawn l-ittri jinkludu informazzjoni preċiża dwar liema partijiet tal-informazzjoni ppreżentata minn dawn il-kumpaniji, il-Kummissjoni kellha l-ħsieb li tinjora. Żewġ kumpaniji Tajwaniżi ma wiġbux l-ittra tal-Artikolu 18. Għalhekk, il-Kummissjoni injorat l-informazzjoni kif kienet ħabbret. It-tliet kumpaniji fil-Malasja wieġbu, iżda ma neħħewx id-dubji tal-Kummissjoni għar-raġunijiet stabbiliti hawn taħt. Anki għal dawk il-kumpaniji, il-Kummissjoni injorat l-informazzjoni kif imħabbar. Kumpanija Tajwaniża wieġbet u pprovdiet informazzjoni addizzjonali, li l-Kummissjoni aċċettat, kif stabbilit fil-premessa (111) hawn taħt.

(84) Awtoritajiet investigattivi oħra fl-Unjoni, bħall-OLAF u l-awtoritajiet doganali nazzjonali, attwalment qed jinvestigaw l-importazzjonijiet fl-Unjoni ta' dawn il-ħames kumpaniji ukoll. Sabiex jipproteġu dawn l-investigazzjonijiet li għaddejjin, huwa importanti li ma tiġi żvelata l-ebda informazzjoni li tippermetti partijiet terzi jorbtu s-sejbiet fil-premessi li ġejjin ma' xi kumpanija speċifika. Għalhekk, il-Kummissjoni ma speċifikatx liema kumpanija hi kkonċernata u b'liema sejbiet. L-importaturi li jkunu xtraw il-prodott li qed jiġi investigat minn dawk il-kumpaniji u jixtiequ jkunu jafu x'inhi eżattament is-sitwazzjoni tal-fornituri tagħhom jistgħu jikkuntattjaw direttament lill-fornitur tagħhom, jew il-Kummissjoni, biex jiksbu aktar informazzjoni dettaljata.

(85) Għall-iskop ta' din l-investigazzjoni, ġew stabbiliti d-dettalji li ġejjin: tnejn minn dawn it-tliet kumpaniji fit-Tajwan instabu li jimportaw moduli solari laminati mir-RPĊ, li huma ma żvelawx fit-tweġiba tagħhom għall-kwestjonarju. Waħda minn dawn il-kumpaniji ammettiet matul iż-żjara ta' verifika li huma rrappurtaw dawn l-importazzjonijiet fit-tweġiba tagħhom għall-kwestjonarju bħala importazzjonijiet ta' ċelloli solari mir-RPĊ. Din il-kumpanija kienet ukoll rrappurtat dawn l-importazzjonijiet bħala ċelloli solari, fid-dikjarazzjoni doganali tagħha. Fil-każ ta' dawn iż-żewġ kumpaniji Tajwaniżi, id-dokumenti nstabu li juru b'mod ċar li huma esportaw mill-ġdid moduli solari laminati mir-RPĊ lejn l-Unjoni.

(86) Dawn iż-żewġ kumpaniji fit-Tajwan ma pprovdewx l-ebda kjarifika addizzjonali bi tweġiba għall-ittra tal-Artikolu 18(4), minħabba li wiġbux (ara l-premessa 83 hawn fuq).

(87) Għar-raġunijiet stipulati hawn fuq fil-premessa (85) u fir-rigward tal-bidla fix-xejra kummerċjali u fil-prattiki tat-trasbord, kif stabbilit fit-taqsima 2 ta' dan ir-Regolament, kull wieħed minnhom huma biżżejjed waħedhom, dawn il-kumpaniji nstabu li kienu involuti fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni u ma setgħetx tingħata eżenzjoni skont l-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku.

(88) Għal dawn it-tliet kumpaniji Malasjani, kif spjegat hawn taħt, intużaw il-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku minħabba r-raġunijiet li ġejjin.

(89) Kumpanija Malasjana rrapportat fit-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju li huma xtraw ċelloli solari fir-RPĊ, u hi speċifikat li l-moduli b'ċelloli Ċiniżi kienu mibgħuta għal swieq oħra barra l-Unjoni. Madankollu, din il-kumpanija ma setgħetx tipprova li hi xtrat kwantitajiet suffiċjenti ta' ċelloli barra r-RPĊ li jippermettilha tipproduċi l-ammont ta' moduli solari li huma esportati lejn l-Unjoni. Matul iż-żjara ta' verifika, din il-kumpanija nstabet li kienet qed timporta moduli solari laminati mir-RPĊ, fejn b'mod frodulenti ddikjarat li huma importazzjonijiet ta' ħġieġ solari. Din il-kumpanija nstabet ukoll li m'għandhiex kapaċità produttiva suffiċjenti biex tipproduċi l-volumi tal-prodott li qed jiġi investigat li esportat. Din il-kumpanija nstabet ukoll li għandha rabtiet ma' kumpanija Ċiniża attiva fin-negozju fotovoltajku.

(90) Fit-tweġiba tagħha għall-ittra tal-Artikolu 18(4), il-kumpanija Malasjana ċaħdet li hi esportat moduli u ċelloli Ċiniżi lejn l-Unjoni. Huma sostnew li huma esportaw lejn l-Unjoni moduli u ċelloli tal-Korea t'Isfel li kienu, madankollu, laminati fiċ-Ċina. Il-kumpanija wieġbet ukoll li kienu ordnaw dan il-"ħġieġ laminat" minħabba li kien

hemm kwistjoni ta' kwalità mal-laminatur tagħhom. Madankollu, kif iddikjarat hawn fuq, dan kien iddikjarat b'mod frodulenti bħala ħġieġ solari. Barra minn hekk, il-kumpanija ma setgħetx turi li kienet xtrat biżżejjed ċelloli fil-Korea t'Isfel għall-moduli kollha li hi esportat lejn l-Unjoni.

(91) Il-kumpanija argumentat ukoll li kien hemm bidla fis-sjieda minn April 2014. Din il-bidla fis-sjieda, madankollu, ma tbiddilx il-fatt li jeżistu rabtiet bejn kumpaniji Ċiniżi u Malasjani fis-sens li l-fornitur ewlieni tal-kumpanija Malasjana tal-materja prima kompla jkun il-manifattur tal-modulu Ċiniż.

(92) Għaldaqstant, l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-kumpanija bi tweġiba għall-ittra tal-Artikolu 18(4) ma kinux tali li jbiddlu l-konstatazzjoni li hi esportat mill-ġdid lejn l-Unjoni, il-moduli solari laminati Ċiniżi u li mill-inqas xi ftit mill-moduli esportati lejn l-UE użaw ċelloli Ċiniżi.

(93) Fid-dawl tas-sejbiet fir-rigward tal-bidla fix-xejra kummerċjali u fil-prattiki tat-trasbord, kif stabbilit fit-taqsima 2, u s-sejbiet kif stabbiliti fil-premessi (89) sa (92) hawn fuq, li kull waħda minnhom hija biżżejjed weħidha, l-eżenzjoni kif mitluba minn din il-kumpanija Malasjana ma setgħetx tingħata f'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku.

(94) Kumpanija oħra fil-Malasja nstabet li ma għandhiex kapaċità ta' produzzjoni suffiċjenti biex tipproduċi l-volumi tal-prodott li qed jiġi investigat li hi esportat. L-istess kumpanija ma kinetx f'qagħda li tagħti xi kuntratti tax-xogħol għall-impjegati tagħha; għalhekk hija ma kinitx kapaċi tipprova li hija kellha impjegati matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Din il-kumpanija ma kinetx f'qagħda li tagħti kuntratti ta' xiri għal magni tal-produzzjoni għall-moduli solari. Din il-kumpanija naqset ukoll milli tiżvela r-relazzjoni tagħha ma' produttur esportatur Ċiniż u x-xiri tal-prodott investigat mill-kumpanija relatata. Barra minn hekk, din il-kumpanija pprovdiet dokumenti li jindikaw dati ta' stabbiliment differenti. L-investigazzjoni wriet li din il-kumpanija ġiet stabbilita fl-2013, jiġifieri, wara t-tnedija ta' investigazzjonijiet tal-AD u AS oriġinali u ssospendiet il-produzzjoni ftit wara Mejju 2015, jiġifieri wara l-impożizzjoni ta' reġistrazzjoni fuq moduli Malasjani.

(95) Din il-kumpanija sostniet, fit-tweġiba tagħha għall-ittra tal-Artikolu 18(4), li l-maġġoranza ta' kumpaniji fil-Malasja ma għandhomx kuntratti tax-xogħol għall-impjegati tagħhom. Barra minn hekk, huma sostnew li kellhom biżżejjed kapaċità li jipproduċu l-ammonti ddikjarati. Il-kumpanija argumentat ukoll li huma impjegaw persuni nkarigati mill-bejgħ minn kumpanija Ċiniża iżda ma kellhiex rabtiet formali ma' din il-kumpanija Ċiniża. Dawn l-ispjegazzjonijiet addizzjonali ma kinux tali li jwasslu għal bidla fil-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq. B'mod partikolari, il-kumpanija ma wrietx li kienet kapaċi tipproduċi l-kwantitajiet esportati. Barra minn hekk, teżisti diskrepanza sinifikanti bejn il-kwantità ta' ċelloli importati kif irrappurtat mill-kumpanija u l-kwantità ta' ċelloli rappurtata mill-fornitur tagħha. Barra minn hekk, il-fatt li dawn jimpjegaw persunal minn kumpaniji Ċiniżi tikkonferma r-rabtiet li nstabu mal-kumpanija Ċiniża.

(96) Fid-dawl tas-sejbiet fir-rigward tal-bidla fix-xejra kummerċjali u fil-prattiki tat-trasbord, kif stabbilit fit-taqsima 2, u s-sejbiet kif stabbiliti fil-premessi (94) u (95) hawn fuq, kull waħda minnhom hija biżżejjed weħidha, l-eżenzjoni kif mitlub minn din il-kumpanija Malasjana ma setgħetx tingħata f'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku.

(97) Kumpanija oħra fil-Malasja li ġiet stabbilita f'Ġunju 2013, jiġifieri, wara t-tnedija ta' investigazzjonijiet tal-AD u AS oriġinali, bdiet tbigħ moduli minn Diċembru 2013 'il quddiem, jiġifieri eżatt wara l-impożizzjoni tad-dazji definittivi ta' antidumping u kompensatorji mir-Regolament oriġinali. Il-kumpanija pproduċiet moduli fotovoltajċi polikristallini matul il-Perjodu ta' Rappurtar minn ċelloli, li prinċipalment kienu importati mit-Tajwan. Din il-kumpanija tidher li għandha rabtiet mill-qrib ma' kumpanija Ċiniża, li mingħandha ġie aċċettat impenn u sussegwentement ġie irtirat minħabba ksur ([1]). L-ewwel nett, il-Maniġer Ġenerali tal-kumpanija Malasjana kien jokkupa pożizzjoni maniġerjali fil-kumpanija Ċiniża. It-tieni, iċ-ċelloli inizjalment kienu nxtraw f'bosta okkażjonijiet permezz tal-kumpanija Ċiniża u/jew kumpanija Ċiniża oħra fejn iċ-ċelloli kienu fiżikament ittrasportati minn pajjiż terz (prinċipalment it-Tajwan) lejn ir-RPĊ, qabel ma jidher li ġew trasportati ulterjorment lejn il-kumpanija li tinsab fil-Malasja. It-tielet nett, l-iktar moduli mibjugħa lil pajjiżi terzi matul il-Perjodu ta' Rappurtar ġew mibjugħa lil kumpanija fl-Istati Uniti tal-Amerika, li hi relatata mal-kumpanija Ċiniża. Ir-raba' nett, ir-rappreżentant legali tal-kumpanija Ċiniża kien preżenti matul l-investigazzjoni fuq il-post ta' din il-kumpanija Malasjana.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/866 tal-4 ta' Ġunju 2015 li rrevokat l-aċċettazzjoni tal-impenn għal tliet produtturi esportaturi skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/707/UE (ĠU L 139, 5.6.2015, p. 30). Wieħed minn dawn it-tliet produtturi esportaturi hu l-kumpanija Ċiniża msemmija hawn fuq.

Il-ħames nett, il-mudelli tal-kuntratti ta' bejgħ kemm tal-kumpaniji Ċiniżi u Tajwaniżi jidhru li huma l-istess, kemm f'termini ta' armar u ta' sustanza. Is-sitt nett, rappreżentant tal-kumpanija Ċiniża ddikjara f'filmat fuq l-Internet li l-kumpanija Ċiniża qed tipprovdi pariri tekniċi u superviżjoni lill-kumpanija Malasjana.

(98) Elementi oħra li ma ġewx żvelati minn din il-kumpanija Malasjana matul l-investigazzjoni fuq il-post, iżda kienu rċevuti mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru huma dawn li ġejjin: Din il-kumpanija Malasjana kienet ikkonkludiet ftehim ta' awtorizzazzjoni ta' użu ta' marka mal-istess kumpanija Ċiniża li minnha ġie aċċettat impenn, li permezz tiegħu din il-kumpanija Malasjana kienet awtorizzata li tuża l-isem tal-kumpanija Ċiniża, jekk hekk mitlub mill-klijenti. Barra minn hekk, wieħed mill-ewwel klijenti fl-Unjoni ġie introdott lill-kumpanija Malasjana permezz ta' rappreżentant tal-bejgħ tal-kumpanija Ċiniża. Fl-aħħar nett, l-ewwel esportazzjoni lejn l-Unjoni minn din il-kumpanija Malasjana kienet suġġetta għal investigazzjoni mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru hekk kif il-moduli kienu mmarkati "Made in China", flimkien ma' marka kummerċjali ta' kumpanija Ċiniża fuqhom.

(99) Din il-kumpanija Malasjana wieġbet għall-ittra tal-Artikolu 18(4) b'ittra ddatata l-14 ta' Diċembru 2015, li tgħid li hija ma kellhiex l-intenzjoni li taħbi r-rabtiet kummerċjali mill-kumpanija Ċiniża u li dawn huma wieġbu f'*bona fede* għall-formola ta' eżenzjoni. Huma ddikjaraw ukoll li l-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru aċċettaw wara l-investigazzjoni li l-moduli ttikkettati b'mod ħażin kienu attwalment maħduma mill-kumpanija fil-Malasja. Madankollu, l-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru kkonfermaw lill-Kummissjoni li dawn il-moduli ma kinux joriġinaw mill-Malasja.

(100) Wara l-iżvelar, il-kumpanija Malasjana allegat li l-Kummissjoni bbażat id-deċiżjoni tagħha fuq preżunzjonijiet, ilmenti u allegazzjonijiet foloz, fejn il-bażi u l-prova tagħhom, jekk disponibbli, qatt ma kienu ġew żvelati lilhom bħala tali, u b'hekk imminaw id-drittijiet tad-difiża tal-kumpanija. B'mod partikolari, hija kkritikat lill-Kummissjoni talli ma żvelatx il-filmat tal-Internet msemmi fil-premessa (97) u l-informazzjoni riċevuta mill-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru msemmija fil-premessa (98). Il-kumpanija argumentat ukoll li ma kinetx marbuta mal-kumpanija Ċiniża u li hija ma kinitx ħbiet il-kuntratt ta' awtorizzazzjoni għall-użu tal-marka tagħhom ma' din il-kumpanija Ċiniża matul iż-żjara ta' verifika. Fir-rigward l-investigazzjoni tal-awtoritajiet doganali ta' Stat Membru, il-kumpanija argumentat li finalment il-prodotti kollha kienu rilaxxati bħala moduli li joriġinaw fil-Malasja. Finalment hija argumentat li d-data tal-istabbiliment tagħha u l-fatt li l-kumpanija kienet tbigħ lil kumpanija fl-Istati Uniti, li hi relatata mal-kumpanija Ċiniża, mhumiex argumenti validi li abbażi tagħhom l-eżenzjoni tista' tiġi miċħuda. Il-kumpanija Malasjana talbet ukoll li ssir seduta mal-Uffiċjal ta' Smigħ fil-Proċeduri Kummerċjali, li saret fit-12 ta' Jannar 2016. Qabel din is-seduta, il-filmat tal-Internet kien żvelat lill-kumpanija, li kkonfermat l-eżattezza tiegħu waqt is-seduta.

(101) L-ispjegazzjonijiet addizzjonali li pprovdiet il-kumpanija ma kinux tali li jwasslu għal bidla fil-konklużjoni kif stabbilit hawn fuq, għar-raġunijiet stabbiliti hawn taħt.

(102) L-elementi msemmija fil-premessa (97) hawn fuq mhumiex sempliċi preżunzjonijiet u allegazzjonijiet, iżda fatti li bħala tali ma ġewx iddubitati mill-kumpanija. Barra minn hekk, dawn il-fatti kienu ppreżentati mill-kumpanija fl-ittra tal-Artikolu 18 tas-3 ta' Diċembru 2015, li fiha l-kumpanija kienet mistiedna biex tikkummenta. Sussegwentement, is-sejbiet ġew żvelati lill-kumpanija fit-22 ta' Diċembru 2015, li fiha l-kumpanija għal darb'oħra ġiet mistiedna biex tikkummenta. Għaldaqstant, id-drittijiet tad-difiża tal-kumpanija kienu rrispettati bis-sħiħ. Jibqa' l-fatt li l-kumpanija mill-inqas ppruvat timminimizza, jekk mhux taħbi, ir-rabtiet kummerċjali tagħha, inkluża l-eżistenza tal-ftehim ta' awtorizzazzjoni ta' użu tal-marka tagħha, mal-kumpanija Ċiniża matul iż-żjara ta' verifika. Tabilħaqq, il-kumpanija Malasjana li għaliha saret referenza waqt il-verifika fuq il-post għall-użu ta' marka ta' kumpanija Ċiniża, madankollu semmiet espliċitament "għal żmien limitat". Il-kuntratt tal-użu tal-marka la kien provdut u lanqas kien żvelat fuq il-post li dan il-ftehim kien imġedded għal perjodu ieħor ta' erba' snin. L-ebda wieħed mill-elementi msemmija hawn fuq fil-premessa (97), li wrew ir-rabtiet kummerċjali qawwija bejn iż-żewġ kumpaniji, ma ġew spjegati fid-dettall jew murija lis-servizzi tal-Kummissjoni matul iż-żjara ta' verifika. Barra minn hekk, l-eżattezza ta' dawn l-elementi ma ġietx ikkontestata mill-kumpanija.

(103) L-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku jipprovdi li, sabiex jikseb eżenzjoni, il-produttur esportatur għandu juri li ma huwa relatat mal-ebda produttur soġġett għall-miżuri u li mhumiex involuti fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni.

(104) Fir-rigward tal-ewwel kriterju (l-ebda relazzjoni ma' xi produttur li hu suġġett għall-miżura), il-produttur esportatur ppruva jimminimizza, jekk mhux biex jaħbi diversi rabtiet mal-produttur esportatur Ċiniż kif stipulat fil-premessa (97). Madankollu, l-oneru tal-prova dwar in-nuqqas ta' tali rabta hu fuq il-produttur esportatur. Minħabba n-nuqqas ta' kooperazzjoni dwar dan il-punt u l-impossibilità li tivverifika kull informazzjoni ġdida

sottomessa b'risposta għall-iżvelar, il-Kummissjoni kellha toqgħod fuq il-fatti disponibbli biex jiġi vvalutat jekk il-produttur esportatur ċaħadx l-impressjoni *prima facie*, fuq il-bażi tal-fatti disponibbli, li huwa marbut mal-kumpanija Ċiniża. Fil-fehma tal-Kummissjoni, il-produttur esportatur naqas milli jagħmel dan, minħabba li hemm diversi indikazzjonijiet ta' rabta mill-qrib bejn il-kumpanija Ċiniża u l-produttur esportatur.

(105) F'kwalunkwe każ, u anke jekk jiġi ssodisfat l-ewwel kriterju, *quod non*, il-Kummissjoni hi tal-opinjoni li t-tieni kriterju ma kienx issodisfat. Il-produttur esportatur kien involut f'ċirkomvenzjoni b'żewġ modi differenti, li kull wieħed minnhom hu biżżejjed waħdu biex tiġi rifjutata eżenzjoni. Indikazzjoni importanti li hi involuta f'attivitajiet ta' ċirkomvenzjoni, li hija komuni għaż-żewġ modi u li mhijiex ikkontestata, hija li l-produttur esportatur beda l-attivitajiet tiegħu wara l-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali.

(106) L-ewwel nett, id-dikjarazzjoni tal-kumpanija li l-prodotti kollha msemmija fil-premessa (98) kienu rilaxxati bħala moduli li joriġinaw fil-Malasja hija fattwalment inkorretta. L-awtoritajiet doganali tal-Istat Membru pprovdew informazzjoni lill-Kummissjoni li turi li dawn il-moduli huma kkunsidrati li huma ta' oriġini Ċiniża, b'hekk isem il-kumpanija Ċiniża kien ittikkettjat fuq il-palits tal-moduli solari inkwistjoni. Sabiex tiġi protetta l-investigazzjoni li għaddejja minn din l-amministrazzjoni doganali nazzjonali, din l-informazzjoni ma setgħetx tiġi żvelata lil din il-kumpanija Malasjana. Madankollu, il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tal-kumpanija dwar il-possibbiltà li l-Uffiċjal tas-Seduta fil-Proċeduri Kummerċjali jista' jivverifika l-preċiżjoni tal-informazzjoni, fuq il-bażi tal-Artikoli 12, 13 u 15 ta' dawn it-termini ta' referenza.

(107) L-informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet doganali tikkostitwixxi prova ta' trasbord mill-produttur esportatur, u għalhekk prova li l-produttur esportatur hu involut f'prattiki ta' ċirkomvenzjoni.

(108) It-tieni nett, il-ftehim għall-użu tal-marka mal-produttur esportatur Ċiniż ġie konkluż u estiż f'mument meta l-produttur esportatur Ċiniż kien qed jesporta lejn l-Unjoni skont it-termini ta' impenn. Dan l-impenn ipprojbixxa fost l-oħrajn il-bejgħ lejn l-Unjoni tal-prodott ikkonċernat manifatturat f'pajjiż terz, minħabba li dan kien jagħmel is-superviżjoni tal-impenn, u b'mod partikolari d-dispożizzjoni tiegħu dwar bejgħ trasversali, impossibbli, jew għall-inqas mhux prattiku. It-termini tal-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-impenn kienu magħrufa sew fl-industrija u kienu disponibbli, fuq talba, mis-servizzi tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, minħabba r-rabtiet kummerċjali tagħha mill-qrib mal-produttur Ċiniż, kienu wkoll disponibbli lill-produttur esportatur. Billi jidħlu fi ftehim għall-użu ta' marka, il-produttur esportatur evita t-termini tal-impenn, u involva ruħu wkoll b'dan il-mod fi prattiki ta' ċirkomvenzjoni. Matul is-seduta tat-12 ta' Jannar 2016, il-kumpanija Malasjana ddikjarat li hija ma kinitx tat informazzjoni falza jew qarrieqa u li hija l-manifattur ġenwin Malasjan ta' moduli solari. Rigward l-evidenza miġbura mill-amministrazzjoni doganali nazzjonali, li ma setgħetx tiġi żvelata lill-kumpanija Malasjana għar-raġunijiet stabbiliti hawn fuq, il-kumpanija talbet lill-Uffiċċju tas-Smigħ biex tivverifika l-eżattezza tagħha. L-Uffiċjal tas-Seduta fil-Proċeduri Kummerċjali sussegwentement informa lill-kumpanija li hu vverifika l-eżattezza tal-informazzjoni mill-amministrazzjoni doganali nazzjonali u li fuq din il-bażi, l-awtoritajiet doganali nazzjonali kkonkludew li volum sinifikanti ta' moduli ta' dik il-konsenja kien ta' oriġini Ċiniża.

(109) Għaldaqstant, skont l-Artikolu 18(1) tar-Regolament bażiku, il-konklużjonijiet rigward din il-kumpanija kienu abbażi tal-fatti disponibbli.

(110) Fid-dawl tas-sejbiet fir-rigward tal-bidla fix-xejra kummerċjali u fil-prattiki tat-trasbord, kif stabbilit fit-taqsima 2, u s-sejbiet kif stabbiliti fil-premessi (97) sa (109) hawn fuq, dwar is-sejba tal-kumpanija Malasjana li għandha rabtiet mill-qrib mal-kumpanija Ċiniża, b'involviment fit-trasbord u fi ksur tal-impenn, u kull waħda minnhom hija biżżejjed waħidha, l-eżenzjoni kif mitluba minn din il-kumpanija Malasjana ma setgħetx tingħata f'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku. B'mod partikolari, fid-dawl ta' dawn is-sejbiet, il-kumpanija ma tistax tinvoka l-benefiċċju tal-"safe harbour" previst fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament bażiku, kemm għax it-trasbord u l-vjolazzjoni tal-impenn jikkostitwixxu prattiki ta' ċirkomvenzjoni oħra minn operazzjoni ta' assemblaġġ f'pajjiż terz, u fi kwalunkwe każ minħabba li l-Kummissjoni tapplika l-fatti disponibbli.

(111) Kumpanija waħda fit-Tajwan naqset milli tiżvela fi żmien xieraq l-informazzjoni dettaljata dwar il-kummerċjalizzazzjoni ta' ċelloli tal-kumpanija relatata tagħhom fiċ-Ċina li kienu ġew ippreżentati bħala wafer slicer, id-dejta tal-importazzjoni, ir-rispett ta' restrizzjonijiet Tajwaniżi u l-flussi preċiżi ta' xiri. L-ispjegazzjonijiet ulterjuri li waslu minn din il-kumpanija, *wara talba skont l-Artikolu 18(1)*, kienu madankollu biżżejjed biex din il-kumpanija tingħata eżenzjoni, peress li hija pprovdiet l-informazzjoni mitluba li setgħet tiġi vverifikata mill-Kummissjoni.

(112) *Il-ħames kumpaniji Malasjani u l-21 produttur Tajwaniżi li jesportaw li għad fadal, inklużi l-kumpanija msemmija fil-premessa (111), nstabu li ma kinux involuti f'prattiki ta' ċirkomvenzjoni u b'hekk jistgħu jingħataw eżenzjonijiet għall-moduli u ċ-ċelloli li huma produċew* f'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament bażiku.

(113) B'mod partikolari, il-biċċa l-kbira ta' dawn il-kumpaniji kienu stabbiliti qabel l-impożizzjoni ta' miżuri kontra r-RPĊ. Fuq il-bażi tat-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju, ġew spezzjonati l-faċilitajiet ta' produzzjoni ta' dawn il-kumpaniji kollha. Il-verifika, tal-produzzjoni u l-istatistika ta' kapaċità, l-ispejjeż ta' produzzjoni, ix-xiri ta' materja prima, il-prodotti nofshom lesti u l-prodotti lesti u l-bejgħ tal-esportazzjoni lejn l-Unjoni, ikkonfermat li dawn il-kumpaniji kienu produtturi ġenwini li għalihom ma nstabet l-ebda evidenza ta' prattiki ta' ċirkom-venzjoni.

(114) Produtturi oħrajn li ma ppreżentawx ruħhom f'dan il-proċediment u li ma esportawx il-prodott li qed jiġi investigat tul il-Perjodu ta' Investigazzjoni, u li beħsiebhom iressqu talba għal eżenzjoni mid-dazju estiż b'rabta mal-antidumping skont l-Artikoli 11(4) u 13(4) tar-Regolament bażiku, se jkunu mitluba jimlew formola ta' eżenzjoni sabiex jippermettu lill-Kummissjoni tivvaluta din it-talba.

(115) Wara l-iżvelar, bosta kumpaniji ppreżentaw ruħhom u laqgħu tajjeb id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li jiġu eżentati. Dawn il-kumpaniji madankollu, enfasizzaw ukoll il-fatt li l-arranġamenti (spiss imsejħa arranġamenti OEM) bejn kumpaniji differenti li jintużaw ħafna fl-industrija tal-pannelli solari, fejn il-produtturi taċ-ċelloli/il-manifatturi tal-moduli (ħafna drabi msemmija bħala s-sidien tal-marka) xi drabi jgħaddu parti taċ-ċelloli tagħhom għall-assemblaġġ f'moduli minn manifatturi oħra (spiss imsejħa manifatturi OEM). Dawn il-kumpaniji talbu kjarifika li dawn se jkomplu jibbenefikaw minn eżenzjoni meta daħlu f'arranġament bħal dan. Il-Kummissjoni tikkonferma li dawn l-arranġamenti, li huma riferuti b'mod aktar korrett bħala arranġamenti ta' sottokuntrattar, jeżistu fl-industrija tal-pannelli solari u jaqgħu fl-ambitu tal-estensjoni mogħtija. Taħt arranġamenti bħal dawn, il-fornituri u l-oriġini tal-materja prima huma kkontrollati mis-sidien ta' marka; is-sottokuntrattur qed juża l-mudell tad-disinn mogħti mis-sid tal-marka, fejn dan tal-aħħar jissorvelja l-proċess ta' produzzjoni. Madankollu, anke taħt arranġamenti bħal dawn, iċ-ċelloli għandhom jiġu mmanifatturati minn kumpanijieżentati, kif stabbilit fl-Artikolu 1(2) hawn taħt.

(116) Meta eżenzjoni hija ġġustifikata, il-miżuri estiżi fis-seħħ jiġu emendati skont dan. Sussegwentement, kull eżenzjoni mogħtija tkun immonitorjata biex tkun assigurata l-osservanza tal-kondizzjonijiet stabbiliti fiha.

(117) Huwa meqjus li huma meħtieġa miżuri speċjali f'dan il-każ sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta ta' dawn l-eżenzjonijiet. Dawn il-miżuri speċjali għandhom ir-rekwiżit li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri, li tikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(2). L-importazzjo-nijiet li ma jkunux akkumpanjati minn din il-fattura jkunu suġġett għad-dazju tal-antidumping estiż.

## 5. **DIVULGAZZJONI**

(118) Il-partijiet kollha interessati ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li wasslu għall-konklużjonijiet imsemmija u ġew mistiedna biex jikkummentaw. Ġew ikkunsidrati l-kummenti orali u miktuba li tressqu, L-ebda wieħed mill-argumenti ppreżentati ma ta lok biex is-sejbiet definittivi jiġu mmodifikati,

(119) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament bażiku.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Id-dazju antidumping definittiv applikabbli għall-"kumpaniji l-oħrajn kollha" impost permezz tal-Artikolu 1(2) tar-Regolament (UE) Nru 1238/2013 fuq l-importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) li joriġinaw fi jew li huma kkonsinjati mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, sakemm mhumiex fi transitu skont it-tifsira tal-Artikolu V GATT, huwa b'dan estiż għal importazzjonijiet ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju

kristallin u komponenti ewlenin (jiġifieri ċelloli) ikkunsinjati mill-Malasja u t-Tajwan, kemm jekk iddikjarati bħala li joriġinaw fil-Malasja jew fit-Tajwan kif ukoll jekk le, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM ex 8501 31 00, ex 8501 32 00, ex 8501 33 00, ex 8501 34 00, ex 8501 61 20, ex 8501 61 80, ex 8501 62 00, ex 8501 63 00, ex 8501 64 00 u ex 8541 40 90 (kodiċijiet TARIC 8501 31 00 82, 8501 31 00 83, 8501 32 00 42, 8501 32 00 43, 8501 33 00 62, 8501 33 00 63, 8501 34 00 42, 8501 34 00 43, 8501 61 20 42, 8501 61 20 43, 8501 61 80 42, 8501 61 80 43, 8501 62 00 62, 8501 62 00 63, 8501 63 00 42, 8501 63 00 43, 8501 64 00 42, 8501 64 00 43, 8541 40 90 22, 8541 40 90 23, 8541 40 90 32, 8541 40 90 33) bl-eċċezzjoni ta' dawk prodotti mill-kumpaniji elenkati hawn taħt:

| Pajjiż | Kumpanija | Kodiċi addizzjonali TARIC |
|---|---|---|
| Il-Malasja | AUO — SunPower Sdn. Bhd. | C073 |
| | Flextronics Shah Alam Sdn. Bhd. | C074 |
| | Hanwha Q CELLS Malaysia Sdn. Bhd. | C075 |
| | Panasonic Energy Malaysia Sdn. Bhd. | C076 |
| | TS Solartech Sdn. Bhd. | C077 |
| It-Tajwan | ANJI Technology Co., Ltd. | C058 |
| | AU Optronics Corporation | C059 |
| | Big Sun Energy Technology Inc. | C078 |
| | EEPV Corp. | C079 |
| | E-TON Solar Tech. Co., Ltd. | C080 |
| | Gintech Energy Corporation | C081 |
| | Gintung Energy Corporation | C082 |
| | Inventec Energy Corporation | C083 |
| | Inventec Solar Energy Corporation | C084 |
| | LOF Solar Corp. | C085 |
| | Ming Hwei Energy Co., Ltd. | C086 |
| | Motech Industries, Inc. | C087 |
| | Neo Solar Power Corporation | C088 |
| | Perfect Source Technology Corp. | C089 |
| | Ritek Corporation | C090 |
| | Sino-American Silicon Products Inc. | C091 |
| | Solartech Energy Corp. | C092 |
| | Sunengine Corporation Ltd. | C093 |
| | Topcell Solar International Co., Ltd. | C094 |
| | TSEC Corporation | C095 |
| | Win Win Precision Technology Co., Ltd. | C096 |

2. L-applikazzjoni ta' eżenzjonijiet mogħtija lill-kumpaniji speċifikament imsemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew awtorizzati mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 2(2) se tkun tiddependi fuq il-preżentazzjoni lill-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri, ta' fattura kummerċjali valida maħruġa mill-produttur jew l-ispeditur, li fuqha se tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li qed joħroġ tali fattura, identifikati minn ismu/isimha u l-funzjoni. Fil-każ ta' ċellola fotovoltajka tas-siliċju kristallin, din id-dikjarazzjoni għandha titfassal kif ġej:

*"Jiena, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura, kien immanifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi TARIC addizzjonali) fil-(pajjiż ikkonċernat); Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."*

Fil-każ ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin, din id-dikjarazzjoni għandha titfassal kif ġej:

*"Jiena, is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum) ta' moduli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura, kien immanifatturat*

*(i) minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi TARIC addizzjonali) fil-(pajjiż ikkonċernat); JEW*

*(ii) minn parti terzi sottokuntrattata għal (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi TARIC addizzjonali) fil-(pajjiż ikkonċernat)*

*(neħħi kif xieraq waħda miż-żewġ għażliet ta' hawn fuq)*

*bil-ċelloli fotovoltajċi tas-siliċju kristallin immanifatturati minn (isem u indirizz il-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC [li għandha tkun miżjuda jekk il-pajjiż ikkonċernat hu suġġett għal miżuri oriġinali jew ta' kontra ċirkomvenzjoni fis-seħħ]) fil-(pajjiż ikkonċernat).*

*Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."*

Jekk l-ebda tali fattura ma tiġi ppreżentata u/jew waħda jew iż-żewġ kodiċijiet addizzjonali TARIC mhijiex/mhumiex ipprovduta/i fid-dikjarazzjoni msemmija hawn fuq, ir-rata ta' dazju applikabbli lill-"kumpaniji l-oħra kollha" se tapplika u se teħtieġ id-dikjarazzjoni tal-kodiċi addizzjonali TARIC B999 fid-dikjarazzjoni tad-dwana.

3. Id-dazju estiż mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandu jinġabar fuq l-importazzjonijiet ikkunsinjati mill-Malasja u t-Tajwan, sew jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Malasja u sew jekk le, irreġistrati skont l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/833 u l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, bl-eċċezzjoni ta' dawk il-kumpaniji elenkati fil-paragrafu 1.

4. Sakemm ma jkunx stipulat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

*Artikolu 2*

1. It-talbiet għall-eżenzjoni mid-dazju, estiżi permezz tal-Artikolu 1, isiru bil-miktub f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u jridu jkunu ffirmati minn persuna awtorizzata li tirrappreżenta lill-entità li qed titlob l-eżenzjoni. It-talba trid tintbagħat fl-indirizz li ġej:

European Commission

Directorate-General for Trade

Directorate H

Office: CHAR 04/39

1049 Brussels

Belgium

2. F'konformità mal-Artikolu 13(4) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, il-Kummissjoni tista' tawtorizza, b'deċiżjoni, l-eżenzjoni ta' importazzjonijiet mill-kumpaniji li ma jevadux il-miżuri antidumping imposti mir-Regolament (UE) Nru 1238/2013, mid-dazju estiż permezz tal-Artikolu 1.

*Artikolu 3*

L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati li ma jkomplux bir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet stabbilita skont l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/833.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/186

## tal-11 ta' Frar 2016

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Frar 2016.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | EG | 253,6 |
| | IL | 236,2 |
| | MA | 89,8 |
| | TR | 113,0 |
| | ZZ | 173,2 |
| 0707 00 05 | MA | 85,0 |
| | TR | 181,9 |
| | ZZ | 133,5 |
| 0709 91 00 | EG | 194,3 |
| | ZZ | 194,3 |
| 0709 93 10 | MA | 38,0 |
| | TR | 156,9 |
| | ZZ | 97,5 |
| 0805 10 20 | BR | 63,2 |
| | EG | 47,9 |
| | IL | 96,2 |
| | MA | 63,0 |
| | TN | 50,2 |
| | TR | 60,2 |
| | ZZ | 63,5 |
| 0805 20 10 | IL | 124,2 |
| | MA | 86,9 |
| | ZZ | 105,6 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | EG | 69,8 |
| | IL | 136,7 |
| | JM | 156,4 |
| | MA | 115,0 |
| | TR | 52,2 |
| | ZZ | 106,0 |
| 0805 50 10 | IL | 106,9 |
| | TR | 112,0 |
| | ZZ | 109,5 |
| 0808 10 80 | CA | 138,9 |
| | CL | 92,5 |
| | US | 155,5 |
| | ZZ | 129,0 |

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0808 30 90 | CL | 180,1 |
| | CN | 86,8 |
| | TR | 81,0 |
| | ZA | 98,2 |
| | ZZ | 111,5 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI (UE) 2016/187 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tal-11 ta' Diċembru 2015**

**li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2013/1 li tistabbilixxi l-qafas għall-infrastruttura taċ-ċavetta pubblika għas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (BĊE/2015/46)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 127 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-iStatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 12.1 flimkien mal-Artikolu 3.1, l-Artikolu 5, l-Artikolu 12.3 u l-Artikoli 16 sa 24 u 34 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] ħassar id-Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal- Kunsill [2] b'effett mill-1 ta' Lulju 2016. Għalhekk, huwa xieraq li ssir referenza għar-Regolament (UE) Nru 910/2014 fid-Deċiżjoni BĊE/2013/1 [3].

(2) L-informazzjoni dwar l-awtorità għaċ-ċertifikazzjoni tas-SEBĊ-PKI, inklużi l-identità u l-komponenti tekniċi tagħha, kif stipulat fl-Anness għad-Deċiżjoni BĊE/2013/1, għandha tiġi aġġornata.

(3) Għalhekk, id-Deċiżjoni BĊE/2013/1 għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Emendi**

Id-Deċizjoni BĊE/2013/1 hija emendata kif ġej:

1. Fl-Artikolu 1, il-punt 10 huwa mibdul b'dan li ġej:

"10. 'L-awtorità ta' ċertifikazzjoni SEBĊ-PKI' tfisser l-entità, fdata mill-utenti, biex toħroġ, tiġġestixxi, tirrevoka u ġġedded ċertifikati SEBĊ-PKI skont il-qafas ta' aċċettazzjoni taċ-ċertifikat SEBĊ/MSU;";

2. fl-Artikolu 4, il-paragrafu 4 huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"4. L-istqarrija tal-prattika ta' ċertifikazzjoni tas-SEBĊ-PKI hija ġabra ta' regoli li jirregolaw iċ-ċiklu tal-ħajja taċ-ċertifikati elettroniċi, mit-talba inizjali sat-tmiem jew ir-revoka tal-abbonament, kif ukoll ir-relazzjonijiet bejn l-applikant taċ-ċertifikat jew l-abbonat, l-awtorità għaċ-ċertifikazzjoni tas-SEBĊ-PKI u l-partijiet dipendenti. Din tkopri ċertifikati li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 1999/93/KE u r-Regolament (UE) Nru 910/2014

[1] Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li tħassar id-Direttiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).

[2] Direttiva 1999/93/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1999 dwar kwadru tal-Komunità għall-firem elettroniċi (ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12).

[3] Deċiżjoni BĊE/2013/1 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-11 ta' Jannar 2013 li tistabbilixxi l-qafas għall-infrastruttura taċ-ċavetta pubblika għas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (ĠU L 74, 16.3.2013, p. 30).

tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*) u ċertifikati li jaqgħu barra l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Tistabbilixxi wkoll l-irwoli u r-responsabbiltajiet tal-partijiet kollha u tistabbilixxi l-proċeduri dwar il-ħruġ u l-ġestjoni taċ-ċertifikati. Hija annessa mal-Ftehim tal-Livell 2 — Livell 3.

(*) Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal transazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Diretiva 1999/93/KE (ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73).";

3. fl-Artikolu 10, id-dikjarazzjoni introduttorja u l-punt (a) tal-paragrafu 1 huma ssostitwiti b'dan li ġej:

"1. Ħlief jekk iġibu prova li ma aġixxewx b'negliġenza, il-banek ċentrali tal-Eurosistema għandhom ikunu responsabbli skont il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tagħhom fis-SEBĊ-PKI għal kwalunkwe ħsara kkawżata lil utent li jiddependi b'mod raġonevoli fuq ċertifikat ikkwalifikat, kif iddefinit fid-Direttiva 1999/93/KE u r-Regolament (UE) Nru 910/2014, fir-rigward ta':

(a) il-preċiżjoni taż-żmien tal-ħruġ tal-informazzjoni kollha li tinsab f'ċertifikat ikkwalifikat, u l-kwistjoni jekk iċ-ċertifikat jinkludix id-dettalji kollha preskritti għal ċertifikat ikkwalifikat kif iddefinit fid-Direttiva 1999/93/KE u r-Regolament (UE) Nru 910/2014;";

4. l-Anness huwa ssostitwit bl-Anness għal din id-Deċiżjoni;

*Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, 11 ta' Diċembru 2015.

*Il-President tal-BĊE*
Mario DRAGHI

*ANNESS*

*"ANNESS*

**Informazzjoni dwar l-awtorità għaċ-ċertifikazzjoni tas-SEBĊ-PKI, inkluża l-identità tagħha, u l-komponenti tekniċi tagħha**

L-awtorità għaċ-ċertifikazzjoni tas-SEBĊ-PKI hija identifikata fiċ-ċertifikat tagħha bħala l-emittent u ċ-ċavetta privata tagħha tintuża biex tiffirma ċ-ċertifikati. L-awtorità għaċ-ċertifikazzjoni tas-SEBĊ-PKI hija inkarigata mill-:

(i) ħruġ ta' ċertifikati ta' ċwievet privati u pubbliċi;

(ii) ħruġ ta' listi ta' revoka;

(iii) l-iġġenerar ta' pari ta' ċwievet assoċjati ma' ċertifikati speċifiċi, eż. dawk li jeħtieġu l-irkupru ta' ċavetta;

(iv) iż-żamma tar-responsabbiltà ġenerali għas-SEBĊ-PKI u l-iżgurar li r-rekwiżiti kollha meħtieġa għat-tħaddim tagħha jkunu sodisfatti.

L-awtorità għaċ-ċertifikazzjoni tas-SEBĊ-PKI tinkludi kull individwu, politika, proċedura u sistema tal-kompjuter fdati bil-ħruġ ta' ċertifikati elettroniċi u tassenjahom lill-abbonati taċ-ċertifikat.

L-awtorità għaċ-ċertifikazzjoni tas-SEBĊ-PKI tinkludi żewġ komponenti tekniċi:

— **L-awtorità għerq għaċ-ċertifikazzjoni tas-SEBĊ-PKI:** Din l-awtorità ta' ċertifikazzjoni, fl-ewwel livell, toħroġ biss ċertifikati għaliha nfisha u l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni subordinati tagħha. Din tkun operattiva biss meta twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha stess iddefiniti b'mod ristrett. Id-dejta l-aktar sinifikanti tagħha huma:

a) ċertifikat SHA-1 ([1]):

| | |
|---|---|
| **Isem distint** | CN=ESCB-PKI ROOT CA, O=EUROPEAN SYSTEM OF CENTRAL BANKS, C=EU |
| **Numru Serjali:** | 596F AC4C 218C 21BC 4E00 6B42 A164 46DD |
| **Isem distint tal-emittent** | CN=ESCB-PKI ROOT CA, O=EUROPEAN SYSTEM OF CENTRAL BANKS, C=EU |
| **Perijodu ta' validità** | Minn 21-06-2011 11:58:26 sa 21-06-2041 11:58:26 |
| **Sommarju tal-messaġġ (SHA-1)** | CEFE 6C32 E850 994A 09EA 1A77 0C60 3D90 ADC9 9192 |
| **Sommarju tal-messaġġ (SHA-256)** | C919 CF49 C024 7E50 2E0C C3C9 81E0 FB88 A013 AA2B 15C9 5142 F491 BDE7 E403 E3FB |
| **Algoritmi kriptografiċi** | SHA-1/RSA 4096 |

b) Ċertifikat SHA-256:

| | |
|---|---|
| **Isem distint** | CN=ESCB-PKI ROOT CA, O=EUROPEAN SYSTEM OF CENTRAL BANKS, C=EU |
| **Numru Serjali:** | 4431 9C5F 91E8 162F 4E00 73F6 6AB8 71D8 |

([1]) Dan iċ-ċertifikat għandu jintuża biss f'sistemi li ma jappoġġawx algoritmi ogħla.

| | |
|---|---|
| **Isem distint tal-emittent** | CN=ESCB-PKI ROOT CA, O=EUROPEAN SYSTEM OF CENTRAL BANKS, C=EU |
| **Perijodu ta' validità** | Minn 21-06-2011 12:35:34 sa 21-06-2041 12:35:34 |
| **Sommarju tal-messaġġ (SHA-1)** | 3663 2FBA FB19 BDBC A202 3994 1926 ED48 4D72 DD4B |
| **Sommarju tal-messaġġ (SHA-256)** | 7963 2A97 1D12 A889 9724 BB35 C37B 51D2 3E21 4DF9 20C3 2450 093E 0EA7 49FB AAEB |
| **Algoritmi kriptografiċi** | SHA-256/RSA 4096 |

— **L-awtorità għaċ-ċertifikazzjoni tas-SEBĊ-PKI li tinsab online:** Din l-awtorità ta' ċertifikazzjoni, fit-tieni livell, hija subordinata għall-awtorità tal-Għerq għaċ-ċertifikazzjoni tas-SEBĊ-PKI. Hija responsabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati SEBĊ-PKI għall-utenti. Id-dejta l-aktar sinifikanti tagħha huma:

a) ċertifikat SHA-1 ([1]):

| | |
|---|---|
| **Isem distint** | CN= ESCB-PKI ONLINE CA, O=EUROPEAN SYSTEM OF CENTRAL BANKS, C=EU |
| **Numru Serjali:** | 2C13 E18F FDB5 91CE 4E29 550B B5A3 F59C |
| **Isem distint tal-emittent** | CN=ESCB-PKI ROOT CA, O=EUROPEAN SYSTEM OF CENTRAL BANKS, C=EU |
| **Perijodu ta' validità** | Minn 22-07-2011 12:46:35 sa 22-07-2026 12:46:35 |
| **Sommarju tal-messaġġ (SHA-1)** | D316 026C D2CF 1A8C 4AA3 8C29 EE3D 591E 4286 AD08 |
| **Sommarju tal-messaġġ (SHA-256)** | 4B18 7644 BF79 4F83 D000 999D 7927 433F 75F3 CFB1 643A 6D0F 8A25 9435 BE86 1B7A |
| **Algoritmi kriptografiċi** | SHA-1/RSA 4096 |

b) Ċertifikat SHA-256:

| | |
|---|---|
| **Isem distint** | CN= ESCB-PKI ONLINE CA, O=EUROPEAN SYSTEM OF CENTRAL BANKS, C=EU |
| **Numru Serjali:** | 660C 9B12 9A0A 6C21 5509 38DD 54A0 ED2D |
| **Isem distint tal-emittent** | CN=ESCB-PKI ROOT CA, O=EUROPEAN SYSTEM OF CENTRAL BANKS, C=EU |
| **Perijodu ta' validità** | Minn 22-07-2011 12:46:35 sa 22-07-2026 12:46:35 |
| **Sommarju tal-messaġġ (SHA-1)** | E976 D216 4A5F 62DA C058 6BE0 EC10 EF24 36B8 12AC |
| **Sommarju tal-messaġġ (SHA-256)** | 1335 26DC 99E9 CC36 62F8 F5FA 2006 3005 BA90 E663 2BF3 4F18 A84B A39B 5FAA 5700 |
| **Algoritmi kriptografiċi** | SHA-256/RSA 4096" |

([1]) Dan iċ-ċertifikat għandu jintuża biss f'sistemi li ma jappoġġawx algoritmi ogħla.

# DEĊIŻJONI (UE) 2016/188 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tal-11 ta' Diċembru 2015

## dwar l-aċċess u l-użu ta' applikazzjonijiet elettroniċi, sistemi, pjattaformi u servizzi tal-MSU mill-Bank Ċentrali Ewropew u l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (BĊE/2015/47)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 127(6) u l-Artikolu 132 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 34 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal- 15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) flimkien mal-Artikolu 6(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Bord Superviżorju b'konsultazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti,

Billi:

(1) Għat-twettiq tal-kompiti speċifiċi li jikkonċernaw il-politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, kif mogħtija lill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) mir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, il-BĊE juża l-applikazzjonijiet elettroniċi, sistemi, pjattaformi u servizzi tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ) u tal-Eurosistema, kif ukoll l-applikazzjonijiet elettroniċi, sistemi, pjattaformi u servizziġodda speċifiċi għat-twettiq tal-kompiti fdati lill-BĊE skont ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013 fuq il-bażi tal-Artikolu 127(6) tat-Trattat u l-Artikolu 25.2 tal-Istatut tas-Sistema Ewropew tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew.

(2) Huwa neċessarju għall-funzjonament bla xkiel, effettiv u konsistenti tal-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku (MSU) l-arranġamenti prattiċi għall-kooperazzjoni bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti (ANK) fi ħdan l-MSU jkunu jinkludu arranġamenti għall-użu ta' dawk l-applikazzjonijiet elettroniċi, sistemi, pjattaformi u servizzi li jkunu meħtieġa għat-twettiq tar-responsabbiltajietr tagħhom taħt ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013.

(3) L-infrastruttura taċ-ċavetta pubblika għas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (iktar 'il quddiem is-"SEBĊ-PKI") ġiet stabbilita permezz tad-Deċiżjoni BĊE/2013/1 ([2]). Skont l-Artikolu 3(1) tad-Deċiżjoni BĊE/2013/1, l-applikazzjonijiet elettroniċi, sistemi, pjattaformi u servizzi tas-SEBĊ u tal-Eurosistema bi kritikalità ta' livell medju jew 'il fuq mill-medju għandhom jiġu aċċessati u użati biss jekk utent ikun ġie awtentikat permezz ta' ċertifikat elettroniku maħruġ u mmaniġġjat minn awtorità għaċ-ċertifikazzjoni aċċettata mis-SEBĊ skont il-qafas ta' aċċettazzjoni taċ-ċertifikati SEBĊ/MSU, mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni tas-SEBĊ-PKI jew minn awtoritajiet għaċ-ċertifikazzjoni aċċettati mis-SEBĊ għal TARGET2 u TARGET2 Securities għal dawk iż-żewġ applikazzjonijiet.

(4) Il-Kunsill Governattiv identifika l-ħtieġa għal servizzi avvanzati għas-sigurtà tal-informazzjoni, bħal awtentikazzjoni b'saħħitha, firem elettroniċi u kriptaġġ, bl-użu ta' ċertifikati elettroniċi għall-applikazzjonijiet elettroniċi, sistemi, pjattaformi u servizzi li huma meħtieġa għat-twettiq tar-responsabbiltajiet tal-BĊE u tal-ANK, bħala awtoritajiet kompetenti fi ħdan l-MSU, taħt ir-Regolament (UE) Nru 1024/2013. Għaldaqstant, ċertifikati maħruġa mis-SEBĊ-PKI jistgħu jintużaw għall-aċċess u l-użu ta' applikazzjonijiet elettroniċi, sistemi, pjattaformi u servizzi użati għall-funzjonament tal-MSU.

(5) Il-BĊE u l-ANK tal-MSU jistgħu jiddeċiedu li jużaw ċertifikati u servizzi pprovduti mis-SEBĊ-PKI biex jaċċessaw u jużaw l-applikazzjonijiet elettroniċi, sistemi, pjattaformi u servizzi,

([1]) ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63.
([2]) Deċiżjoni BĊE/2013/1 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-11 ta' Jannar 2013 li tistabbilixxi l-qafas għall-infrastruttura taċ-ċavetta pubblika għas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (ĠU L 74, 16.3.2013, p. 30).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni:

1. "awtorità nazzjonali kompetenti" (ANK) tfisser awtorità nazzjonali kompetenti maħtura minn Stat Membru parteċipanti skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1024/2013. Din it-tifsira hija mingħajr preġudizzju għall-arranġamenti taħt il-liġi nazzjonali li jassenjaw ċerti kompiti superviżorji lil bank ċentrali nazzjonali (BĊN) li ma jkunx innominat bħala ANK. Fir-rigward ta' dawn l-arranġamenti, referenza għal ANK f'din id-Deċiżjoni għandha tirreferi wkoll għall-BĊN fir-rigward tal-kompiti superviżorji assenjati lilu bil-liġi nazzjonali;

2. "awtorità kompetenti" tfisser jew ANK jew il-BĊE;

3. "applikazzjonijiet elettroniċi, sistemi, pjattaformi u servizzi tas-SEBĊ u tal-Eurosistema", "ċertifikat" jew "ċertifikat elettroniku", "awtorità għaċ-ċertifikazzjoni tas-SEBĊ-PKI", "awtorità għar-reġistrazzjoni", "utent", "bank ċentrali tal-Eurosistema" u "parti dipendenti" għandhom it-tifsiriet iddefiniti fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni BĊE/2013/1;

4. "applikazzjonijiet elettroniċi, sistemi, pjattaformi u servizzi tal-MSU" tfisser applikazzjonijiet elettroniċi, sistemi, pjattaformi u servizzi li jintużaw għat-twettiq tar-responsabbiltajiet tal-BĊE u tal-ANK taħt ir-Regolament (UE) Nru 2014/2013;

5. "Qafas ta' aċċettazzjoni taċ-ċertifikati tas-SEBĊ/MSU" tfisser il-kriterji stabbiliti mill-Kumitat tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni tas-SEBĊ sabiex jiġu identifikati l-awtoritajiet għaċ-ċertifikazzjoni, kemm interni kif ukoll esterni għas-SEBĊ, li jistgħu jiġu fdati b'rabta mas-SEBĊ u applikazzjonijiet elettroniċi, sistemi, pjattaformi u servizzi tas-SEBĊ u tal-Eurosistema u b'rabta ma' applikazzjonijiet elettroniċi, sistemi, pjattaformi u servizzi tal-MSU.

*Artikolu 2*

**Użu ta' u aċċess għal applikazzjonijiet elettroniċi, sistemi, pjattaformi u servizzi tal-MSU**

1. Applikazzjonijiet elettroniċi, sistemi, pjattaformi u servizzi tal-MSU bi kritikalità ta' livell medju jew 'il fuq mill-medju għandhom jiġu aċċessati u użati biss jekk utent ikun ġie awtentikat permezz ta' ċertifikat elettroniku maħruġ u mmaniġġjat minn awtorità għaċ-ċertifikazzjoni aċċettata mis-SEBĊ skont il-qafas ta' aċċettazzjoni taċ-ċertifikati SEBĊ/MSU, inkluż mill-awtorità ta' ċertifikazzjoni tas-SEBĊ-PKI.

2. L-awtorità ta' ċertifikazzjoni tas-SEBĊ-PKI għandha toħroġ ċertifikati elettroniċi u tipprovdi servizzi ta' ċertifikazzjoni oħrajn lill-awtoritajiet kompetenti li jipparteċipaw fis-SEBĊ-PKI skont l-Artikolu 3 għall-abbonati taċ-ċertifikati tagħhom u għall-abbonati taċ-ċertifikati ta' partijiet terzi li jaħdmu magħhom sabiex ikunu jistgħu jaċċessaw u jużaw b'mod sigur applikazzjonijiet elettroniċi, sistemi, pjattaformi u servizzi tal-MSU.

3. Parti dipendenti tista' tiddependi fuq dawk iċ-ċertifikati taħt il-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni BĊE/2013/1.

*Artikolu 3*

**Parteċipazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti b'rabta mas-SEBĊ-PKI**

1. Awtorità kompetenti tista' tiddeċiedi li tuża servizzi tas-SEBĊ-PKI sabiex taċċessa u tuża applikazzjonijiet elettroniċi, sistemi, pjattaformi u servizzi tal-MSU u/jew tista' taġixxi għal dak l-iskop bħala awtorità ta' reġistrazzjoni għall-utenti interni tagħha kif ukoll għal utenti ta' partijiet terzi, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal dawk li japplikaw għal banek ċentrali tal- Eurosistema.

2. L-awtorità kompetenti parteċipanti għandha tkun soġġetta għall-obbligi stipulati fl-Artikoli 6, 7 u 12 tad-Deċiżjoni BĊE/2013/1 u għandha tissottometti dikjarazzjoni lill-Kunsill Governattiv li permezz tagħha tikkonferma l-parteċipazzjoni tagħha u l-konformità mal-obbligi stipulati fil-Ftehim tal-Livell 2 — Livell 3 imsemmi fl-Artikolu 4(2) ta' dik id-Deċiżjoni.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Frankfurt am Main, il-11 ta' Diċembru 2015.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT